Dr Alessandro Lia staqsa jekk il-proċeduri li qed isemmi Dr Maurice Meli humiex dawk *sub-judice* quddiem l-Imħallef Bugeja. Dr Maurice Meli qal li hu jrid ikun jaf xi xpruna din id-deċiżjoni. Għal dan Dr Joanna Spiteri wieġbet li l-Awtorità, permezz tad-Dipartiment tal-Monitoraġġ, issegwi programmi ta' kull stazzjon u dak kollu li jkun qed jiġi mxandar. Fil-proċess l-Awtorità tirċievi wkoll lista ta' mistednin li ġieli tinbidel minħabba ċ-ċirkustanzi tal-ġrajjiet kurrenti. Qalet li l-Awtorità ma tistenniex li bilanċ jintlaħaq fl-ewwel xandira u għalhekk jingħata ċans twil. Fil-każ tal-RTK103 kienet qed tistenna lista minn Sibt għal Sibt u spjegat li aderenza mad-Direttiva ma tistax tiġi stabbilita f'perjodu qasir. Qalet li l-monitoraġġ isegwi xorta waħda l-programmi u ma jistrieħx biss fuq il-lista ta' parteċipanti li hija rikjesta mid-Direttiva imma jisma' wkoll il-kontenut tal-programm per se.

Dr Maurice Meli reġa' staqsa jekk mil-lista ta' mistiedna li ġew ipprovduti tistax tikkonferma jekk ħadd minnhom esprimiex ideat li jħaddnu Imperium Europa. Dr Joanna Spiteri wieġbet li mir-rapporti li għandha ma jirriżultax li kien hemm xi pożizzjoni politika uffiċjalment imnedija jew promossa mill-Partit Imperium Europa fuq RTK103. Għalhekk Dr Maurice Meli staqsa jekk l-Awtorità iddeterminatx jekk xi ħadd mis-60 mistieden kienx semma fehmiet tal-Imperium Europa u talab li jingħata r-rapporti tal-monitoring u titla' tixhed il-persuna li għamlet il-monitoraġġ. Insista li għandu d-dritt ikun jaf u vverbalizza li:

"In vista tax-xhieda tal-lum, Beacon Media Group Limited formalment titlob dan il-Bord sabiex jiġi prodott rappreżentant tal-imsemmi monitoring board/team bħala xhud sabiex jixhed fil-proċeduri odjerni."

Għal dan il-Bord informa lill-istazzjon lanjat kif ġej:

> *"F'dan l-istadju l-Bord qiegħed jidderiġi lil Beacon Media Group Ltd sabiex qabel jiġi deċiż jingiebx rappreżentant tal-monitoring team sabiex isirulu xi domandi, jiżvela l-istess Beacon Media Group Ltd, min huma dawk il-mistiedna li skont huma esprimew l-istess opinjonijiet tal-lanjant f'dawn il-proċeduri biex b'hekk skont Beacon issodisfa l-firxa wiesgħa ta' opinjonijiet politiċi."*

Iċ-Chairman fakkar li fl-intervent tas-Sur Papagriocopulo, l-istazzjon lanjat qal li jinsab ċert li minn dawn is-60 mistieden kien hemm opinjonijiet u fehmiet tal-Partit Imperium Europa inklużi.

Dr Maurice Meli qal li jixtieq jara kif il-Kap Eżekuttiv ħasset li dan l-ilment kien wieħed ta' sustanza. Dwar il-punt imqajjem miċ-Chairman, qal li huwa pjuttost konvint li fehmiet minn kull partit politiku kienu mxandra matul is-serje ta' xandiriet u ċioè matul il-perjodu tad-Direttiva.

Is-Sur Kevin Papagiorcopulo għamel intervent ieħor u qara parti mill-ittra tal-akkuża "diskussjonijiet m'esponenti ta' Imperium Europa". Semma dak li skontu kien qal Dr Peter Fenech, membru tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, waqt deċiżjoni preċedenti tat-2 ta' Mejju 2024, fejn esprima li mhux esponenti partikolari li jippretendu li jattendu l-programmi jridu jiġu mistiedna, iżda għandhom jiġu mxandra l-fehmiet politiċi tal-partiti kollha.

Il-Bord aġġorna s-smigħ għal jum ieħor u ddiskuta r-rikjesti tal-istazzjon lanjat f'laqgħa virtwali fit-22 ta' Lulju 2024. Il-Bord bagħat risposta lill-partijiet fl-istess jum. F'din ir-risposta l-Bord irrefera għad-deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2024 (Smigħ 3/24 ref.:07/24) fl-ismijiet PN vs PBS, kif ukoll għal akkuża kontra l-PBS ta' nhar it-12 ta' Diċembru 2023 (akkuża 15/2023 ref.:65/01). Permezz ta' din ir-risposta l-Bord informa li d-dokumenti interni huma meqjusa privileġġjati, li hu ma jippermettix il-preżentata tar-rapport tat-tim tal-monitoraġġ, kif ukoll li qed jistenna mill-istazzjon lanjat sabiex jindika speċifikament min mis-60 mistieden imsemmi fil-lista preżentati minnu kien esprima fehma li tirrappreżenta lill-Partit Imperium Europa. Il-Bord ta lill-istazzjon lanjat sas-26 ta' Lulju 2024 sabiex jippreżenta dan u għarraf li s-smigħ ta' nhar il-31 ta' Lulju 2024 se jkun finali in aderanza ma' Artikolu 8(2) ta' Kap.350.

Fid-29 ta' Lulju 2024, iċ-Chairman tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir irċieva ittra bil-posta datata 25 ta' Lulju 2024, mibgħuta għan-nom u in rappreżentanza ta' Beacon Media Group Ltd, fejn ġiet mitluba r-rikuża tal-membri kollha tal-Bord kif ukoll li tiġi permessa x-xhieda ta' rappreżentant mis-sezzjoni tal-monitoraġġ.

Għaldaqstant il-Bord irrefera l-istess korrispondenza lill-konsulent legali tal-Awtorità tax-Xandir, Dr Mark Refalo, li wieġeb lill-avukat tal-istazzjon lanjat għal din il-komunikazzjoni nhar it-30 ta' Lulju 2024. F'din ir-risposta spjega għaliex din it-talba ma setgħetx tiġi milqugħa. Il-Bord ikkunsidra l-parir mogħti lilu u konsegwentement ċaħad it-talba tal-istazzjon lanjat.

Għas-smigħ tal-31 ta' Lulju 2024, dehru l-editur is-Sur Matthew Xuereb, is-Sur Kevin Papagiorcopulo attenda wkoll fiżikament u s-Sur Charles Sammut għall-Imperium Europa attenda virtwalment.

Iċ-Chairman spjega li wara l-laqgħa sar skambju ta' ittri bejn l-avukati tal-istazzjon lanjat u l-konsulent legali tal-Awtorità. Qal ukoll li l-istazzjon ġie avżat li dan is-smigħ kien se jkun wieħed finali.

Dr Maurice Meli kkonferma li l-istazzjon lanjat lest jikkonkludi dakinhar u li ma hemmx provi addizzjonali x'jitressqu.

Dr Peter Fenech staqsa dwar id-dokument ippreżentat li dwaru kien intqal li wħud mis-60 mistieden kellhom fehma fuq Imperium Europa. Stieden lill-istazzjon jikkonferma liema minnhom kienu għamlu dan. Tenna li l-liġi titkellem fuq "firxa wiesgħa".

Dr Maurice Meli kkonferma li ma hemm xejn xi jżid ma' dak li kien ġa ressaq u jew spjega u li se jispjega kollox matul is-sottomissjonijiet. Għalhekk il-Bord stieden lis-Sur Charles Sammut iressaq iżjed provi iżda l-lanjant wieġeb li se jistrieħ fuq dak diġà sottomess.

Dr Maurice Meli beda billi għamel referenza għall-ittra mibgħuta lis-Sur Papagiorcopulo fil-5 ta' Ġunju 2024, bl-akkuża. Fiha ingħad li kienet inkisret id-Direttiva. Kompla billi qara minn paragrafu 3(5) tad-Direttiva (paġna 4). Dr Maurice Meli qal li l-allegazzjoni kienet marbuta mal-programm tal-Prof. Andrew Azzopardi li matulu kien intqal li ma ġietx mistiedna kull opinjoni politika. Kompla li huwa fid-dover ta' min qed joħroġ l-akkuża li jipprova l-ksur.

Dwar ix-xhieda Dr Maurice Meli rrefera għall-Kap Eżekuttiv u għamel referenza għas-sezzjoni tal-monitoraġġ. Qal li hu dispjaċut li l-Bord ma laqax ir-rikjesta li jinġieb membru mill-istess sezzjoni u dan l-għaliex il-parti lanjata xtaqet tisustanzja dak li ġiet notifikata bih mill-Kap Eżekuttiv. Qal li ma jemminx li *detto del detto* għandu jservi ta' prova sabiex tinstab ħtija kontra Beacon Media Group Ltd.

Dr Maurice Meli qal li l-istazzjon dejjem kien imparzjali u dejjem ta spazju għal opinjonijiet wiesgħa u li fl-ebda punt Beacon Media Group Ltd ma intenzjonat li tikser id-Direttiva. Kompla b'referenza għal 3(2) tad-Direttiva u filwaqt li aċċenna li l-istazzjon kien rett fuq l-osservazzjoni tal-obbligi. Irrefera wkoll għal imejl tal-Kap Eżekuttiv tal-31 ta' Mejju 2024 u rrimarka li jekk il-Bord isib ħtija f'Beacon Media Group Ltd, ifisser ukoll li mhux biss qed jiġi ċensurat l-istazzjon iżda saħansitra l-Kap Eżekuttiv tal-istess Awtorità tax-Xandir li kkonfermat l-istess lista ta' mistednin bla qatt ma nġibdet l-attenzjoni dwar xi forma ta' ksur. Saħaq li l-Bord għandu jirrikunsidra l-investigazzjoni tal-kummenti tas-60 mistieden imsemmija fil-lista ppreżentata u rrefera għall-kumment ta' Dr Peter Fenech dwar il-"firxa wiesgħa" billi spjega li Beacon Media Group Ltd segwa dak li hemm fid-Direttiva u li allura li kien hemm veduti u opinjonijiet differenti li jissodisfaw ir-rekwiżit ta' firxa wiesgħa. Qal li huwa fiżikament impossibbli li ġġib l-opinjonijiet kollha għaliex jeżistu opinjonijiet daqskemm jeżisti ramel, iżda peress li l-opinjonijiet miġjuba mill-istazzjon kienu wiesgħa, ma jistax wieħed jargumenta li l-istazzjon ma segwiex l-obbligi tiegħu.

Fl-intervent finali tiegħu s-Sur Charles Sammut qal li jista' jkun minnu li ġiet ippreżentata lista ta' 60 parteċipant iżda dan ma jfisser xejn. Qal li l-Prof. Andrew Azzopardi kien diġà sfida li mhux se jistieden lill-Partit Imperium Europa. Qal ukoll li l-Bord qisu qed ikun Qorti Kriminali fejn il-provi jiġu pruvati beyond reasonable doubt. Ikkonkluda li dan ma għandux ikun il-każ.

Fis-sottomissjonijiet finali tagħha l-Kap Eżekuttiv irreferiet għall-komunikazzjoni msemmija mis-Sur Kevin Papagiorcopulo fis-smigħ preċedenti u li kienet tagħmel referenza għal imejl tal-5 ta' Lulju 2024 tal-Awtorità tax-Xandir. Iċċarat li din kienet qed tirreferi għal żewġ attachments marbuta mal-jum tas-silenzju u mhux mat-tema riferita mis-Sur Kevin Papagiorcopulo.

**Ikkunsidra**

Meta l-partijiet kif ukoll il-Kap Eżekuttiv ħallew is-seduta l-Bord għadda sabiex jiddeċiedi dan l-ilment assistit bl-akkuża wara li għamel referenza għall-provi u sottomissjonijiet imressqa.

Il-Bord iddiskuta jekk "firxa wiesgħa" għandhiex tirreferi għal kull opinjoni politika u dan dejjem b'referenza għal sezzjoni 3(5) tad-Direttiva:

"Huwa l-obbligu ta' kull stazzjon li programmi li għandhom x'jaqsmu ma' xi materja ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferu għall-policy pubblika kurrenti jridu jiġu ppreżentati b'imparzjalità. Fi programmi ta' diskussjoni li se jkunu jittrattaw temi li b'xi mod huma marbuta mal-kunsilli lokali, irid ikun hemm rappreżentazzjoni wiesgħa ta' opinjonijiet differenti fuq is-suġġett ittrattat. L-istess prinċipju jgħodd għal programmi li jittrattaw l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew."

Il-Bord iqis li minn 60 mistieden kellu jkun hemm numru ta' veduti li jinkludi l-partiti politiċi kollha, li f'din l-elezzjoni kienu jammontaw għal biss 6. Dan jgħodd ukoll minkejja li l-mistiedna ma kinux kandidati iżda ma jirriżultax li l-fehmiet jew opinjonijiet tal-partit lanjant ġew ippreżentati fl-istess programm, anke jekk kien hemm mill-inqas 60 mistieden.

Għalhekk iqis li l-istazzjon lanjat naqas milli jressaq dawk il-provi neċessarji sabiex jipprova li l-ilment imressaq ma kienx wieħed fundat.

Għall-kuntrarju, jirriżulta li l-istazzjon lanjat meta ġie mistieden jindika min minn dawk il-mistiedna kollha wassal il-fehma politika tal-partit lanjat, fehma waħda minn sitt partiti biss; ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma u insista li l-Bord stess kellu jordna lill-Awtorità tikkonferma hi stess.

Dan ma kellux għal xiex isir dwar kull aspett tal-politika, għaliex altrimenti l-oneru fuq l-istazzjon ikun qawwi. Iżda l-Bord huwa konvint li l-kliem "*rappreżentazzjoni wiesgħa ta' opinjonijiet differenti fuq is-suġġett ittrattat*" ma setgħet qatt twassal għall-esklużjoni ta' partit wieħed minn sitta, partikolarment meta l-mistiedna kienu aktar minn sittin. L-istazzjon lanjat seta' faċilment jistieden persuna li tirrappreżenta jew twassal l-opinjoni tal-Partit Imperium Europa fuq suġġett wieħed, mill-għexieren li ġew ittrattati matul il-programm inkwistjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord qed jilqa' l-ilment assistit bl-akkuża u konsegwentement jikkundanna lill-istazzjon iħallas is-somma ta' €4,660, kif stipulat fi Skeda 5 ta' Kap. 350, liema somma għandha titħallas fi żmien sittin (60) jum mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord qiegħed ukoll jordna lill-istazzjon sabiex fi żmien tlett (3) ijiem mid-data ta' din id-deċiżjoni jaqra wkoll dan is-sunt waqt il-bullettin tal-aħbarijiet ta' RTK103.

*"Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir immultat lill-istazzjon RTK103 multa ta' Euro 4,660 skont Skeda 5 tal-Att dwar ix-Xandir, wara li kkonferma ksur mill-istazzjon tad-Direttiva*

*maħruġa għal matul il-kampanja elettorali. Dan peress li matul il-programmi tal-preżentatur Prof. Andrew Azzopardi, fl-aħħar kampanja elettorali tal-Parlament Ewropew ġie milqugħ ilment tal-Imperium Europa li kien assistit b'akkuża wara li l-fehma tal-partit ilmenta li ma kienx inkluż fid-diskussjonijiet ta' dan il-programm. Għal din ir-raġuni l-Awtorità assistiet l-ilment bl-akkuża.*

*Wara li sema' s-sottomissjonijiet u ħa konjizzjoni tal-provi mressqa, l-Bord sab ksur ta' sezzjoni 3(5) tad-Direttiva l-għaliex qies li fiċ-ċirkostanzi kellhom jiġu rappreżentati l-veduti politiċi tal-partit lanjant."*

21 ta' Awwissu 2024

*Smigħ 9_24/10_24/11_24*

*Ref.:167/01*

## Deċiżjoni għal akkuża kontra VIBE FM datata 20 ta' Settembru 2024 rigward il-programmi The Drive VIBE li xxandru f'Lulju 2024

Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir kellu quddiemu akkuża mressqa kontra VIBE FM dwar il-programm The Drive VIBE matul Lulju 2024.

Il-Bord skeda s-smigħ għal 5 ta' Diċembru 2024 fejn għalih dehru s-Sur Frank Zammit bħala direttur tal-istazzjon u preżentatur tal-programm The Drive VIBE kif ukoll is-Sur Andrew Zammit bħala Operations Director.

Il-Kap Eżekuttiv qalet li din hija akkuża kontra VIBE FM fuq numru ta' progammi The Drive VIBE matul Lulju 2024 fejn instab numru ta' code-switching u nuqqas ta' tħaddim tajjeb tal-ilsien Malti u qed jiġi akkużat li qed jikser Paragrafu 3(a) tal-Kodiċi tal-Ilsien Malti li jgħid li għandu jitħares l-ilsien Malti filwaqt li Paragrafu 3(f) tal-Kodiċi tal-Ilsien Malti jittratta l-kontenut. Il-Bord ikkonferma li din hija akkuża fuq medda ta' xahar.

Is-Sur Frank Zammit irrefera għar-reklam tal-Eduline li kien wieħed mill-istanzi imsemmi fir-rapport u wieġeb li dan huwa reklam bl-Ingliż li huwa fid-direzzjoni ta' dak imsejjaħ 'tal-pepe'. Qal li huwa reklam tal-'Eduline' fejn hemm karattru jitkellem bil-pepe u l-code-switching huwa intenzjonat b'mod umoristiku. Qal ukoll li l-preżentaturi u l-ġurnalisti mhumiex imħeġġa jitkellmu hekk. Is-Sur Frank Zammit offra li jippreżenta r-reklam madankollu l-Bord infurmah li għandu traskrizzjoni tal-istess.

Mistoqsi jitkellem dwar il-kontenut l-ieħor is-Sur Frank Zammit iċċara li l-istazzjon jagħmel kontroll frekwenti inkluż il-mod ta' kif jitkellmu l-preżentaturi on-air li għandhom jinstemgħu b'mod naturali. Qal li meta jkun hemm użu żejjed tal-Ingliż mill-preżentaturi, dawn jiġu mitkellma. Kompla li wieħed irid iżomm f'moħħu l-udjenza li jkollu l-istazzjon li hija bejn l-20 u t-tletinijiet. Għalhekk qal li l-kontenut ikun indirizzat iżjed lejhom.

Is-Sur Frank Zammit qal ukoll li qatt ma nġibdet l-attenzjoni tal-istazzjon dwar dan in-nuqqas. Is-Sur Andrew Zammit qal li l-impjegati ż-żgħar tal-istazzjon għandhom diffikultajiet bil-lessiku Malti għax hija l-kultura li nies tal-età tagħhom qed jittrabbew fiha. Il-Bord semma diversi eżempji fejn l-istazzjon seta' kien iżjed kawt. Is-Sinjuri Zammit irrikonoxxew li teżisti problema reali. Il-Bord ġibed ukoll l-attenzjoni dwar id- djalett Malti u ta diversi eżempji.

Is-Sur Andrew Zammit spjega li wara li l-istazzjon irċieva din l-akkuża laqqa' l-preżentaturi u spjegalhom li minkejja li n-nies tat-triq jitkellmu b'ċertu mod, il-preżentaturi għandhom ikollhom għarfien aħjar tal-Malti. Is-Sinjuri Zammit saħqu li jammettu li kien hemm lok ta' titjib u fissru l-pożizzjoni tagħhom.

Meta r-rappreżentanti tal-istazzjon u l-Kap Eżekuttiv allontanaw, il-Bord iddiskuta l-akkuża u kkunsidra wkoll il-fatt li kien hemm ammissjoni mill-istess rappreżentanti tal-istazzjon. Filwaqt li qed isib l-istazzjon ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, qiegħed iwiddbu sabiex jaċċerta b'iżjed reqqa sabiex dawn il-leżjonijiet ma jsirux.

Smigħ 17_24

*Ref.: 56/12*

*7 ta' Diċembru 2024*

**Deċiżjoni għall-akkuża mressqa mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir kontra Net TV rigward ksur tad-Direttiva dwar mistednin fil-programmi ta' diskussjoni u ġrajjiet kurrenti.**

---

Permezz ta' ittra mibgħuta lill-istazzjon mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, Dr Joanna Spiteri, datata 29 ta' Mejju 2024, saret referenza għat-trażmissjonijiet ta' Net TV ta' bejn it-18 ta' Mejju 2024 u t-28 ta' Mejju 2024 fejn matul il-perjodu deher kandidat wieħed biss li ser jikkontesta f'isem il-Partit Laburista l-elezzjonijiet tat-8 ta' Ġunju 2024. Dan f'dibattitu bejn is-Sur David Agius f'isem il-Partit Nazzjonalista u s-Sur Steve Ellul f'isem il-Partit Laburista.

Il-Kap Eżekuttiv qalet li n-nuqqas ta' rappreżentazzjoni ta' fehmiet politiċi minn partiti li se jikkandidaw għal dawn l-elezzjonijiet u/jew kandidati ta' dawn l-elezzjonijiet qed jikser Paragrafu 3(5) tad-Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir dwar Programmar u Reklami Mxandra fuq Radju u Televiżjoni matul il-perjodu tad-29 t'April u t-8 ta' Ġunju 2024 u minkejja li l-istazzjon inġibditlu l-attenzjoni permezz ta' email datata l-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2024 u kien diġà wkoll imwissi biex id-Direttiva tkun imħarsa dwar din il-materja.

F'seduta ta' smigħ li nżammet fil-31 ta' Mejju 2024, li għalih attenda Dr Michael Piccinino f'isem Media Link Communications Limited, il-Bord sema' s-sottomissjonijiet tal-Kap Eżekuttiv u ta' Dr Michael Piccinino.

Dr Michael Piccinino qal li mhux jiġi kkontestat dan il-fatt. Qal li huma kkomunikaw mal-Partit Laburista dwar id-dibattiti. Il-Partit Laburista ma aċċettax id-dibattiti ħlief f'dak il-programm li attenda Dr Daniel Attard u dan peress li l-Prof. Andrew Azzopardi kien se jistieden lilhom fuq RTK 103 iżda din id-diskussjoni ma saritx. Għalhekk NET ħa l-okkażjoni li jorganizza d-dibattitu hu.

Wara li Dr Michael Piccinino u Dr Joanna Spiteri ħallew is-seduta, il-Bord ħa konjizzjoni ta' dak imressaq. Il-Bord sab li ladarba l-ksur kien sar, ma kienx hemm triq oħra għajr li jimmulta lill-istazzjon €4,190 skont Skeda 5 tal-Kap. 350 tal-Att dwar ix-Xandir u dan l-ammont għandu jitħallas sa 60 ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord qed jordna wkoll il-qari tas-sunt kif ġej:

*"Waqt seduta ta' smigħ li saret fil-31 ta' Mejju, l-Awtorità sabet lil Net TV ħati ta' ksur tad-Direttiva maħruġa mill-Awtorità għal matul il-kampanja elettorali. Dan minħabba li fil-programmi ta' diskussjoni u ġrajjiet kurrenti, l-istazzjon ma stedinx mistiedna ta' fehmiet politiċi differenti u li se jikkandidaw ruħhom għal dawn l-elezzjonijiet. Għaldaqstant l-Awtorità mmultat lil dan l-istazzjon is-somma €4,190."*

Dan is-sunt għandu jinqara fil-bullettin tad-data tad-deċiżjoni.

Minbarra dan is-sunt l-Awtorità permezz ta' Paragrafu 10 tal-istess Direttiva li jitlob it-tħaris ta' bilanċ u imparzjalità ordnat lil Net TV biex fil-ħin indikat f'dan il-paragrafu tad-Direttiva, tagħti spazju xieraq lill-fehmiet differenti fit-tielet jum qabel l-elezzjoni bejn is-7pm u l-11pm,

liema ħin jista' ma jeċċedix l-għoxrin minuta. Il-partiti li tħallew barra mill-istazzjon se jkunu mistiedna jibagħtu materjal reġistrat lill-Awtorità sa mhux iżjed tard mis-19:00 tal-lum sabiex dan jiġi approvat u mibgħut lill-istazzjon għax-xandira. Jirriżulta li hemm 4 partiti li ma ġewx mistiedna minn Net TV li huma ABBA, ADPD, Imperium Europa u Volt. Għaldaqstant kull partit se jkun mistieden jissottometti reġistrazzjoni ta' mhux iżjed minn 5 minuti 'l waħda.

5 ta' Ġunju 2024
*Smigħ 08/2024 Numru 5*
*Ref: 64/01/6*

**Deċiżjoni għall-akkuża mressqa mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir kontra Net TV rigward spots tal-Gvern Lokali li xxandru fit-18 ta' Mejju 2024 bi ksur tad-Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir**

Permezz ta' ittra mibgħuta lill-istazzjon mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, Dr Joanna Spiteri, datata 23 ta' Mejju 2024, saret referenza għat-trażmissjoni ta' Net TV ta' nhar is-Sibt 18 ta' Mejju 2024 li matulha ġew innutati mill-inqas erba' spots li jiffurmaw parti minn kampanja bit-tema Kunsilli Lokali Viċin in-Nies – Gvern Lokali. Dawn l-ispots ixxandru bi ksur ta' Paragrafu 3(4) tad-Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir dwar Programmar u Reklami Mxandra fuq Radju u Televiżjoni matul il-perjodi tad-29 t'April sat-8 ta' Ġunju 2024 u minkejja li l-istazzjon inġibditlu l-attenzjoni permezz ta' email datata l-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2024.

L-istazzjon għażel li jikkontesta l-akkuża u għas-smigħ tal-31 ta' Mejju 2024 deher Dr Michael Piccinino f'isem Media Link Communications Limited.

Dr Michael Piccinino qal li l-akkuża hija li Net TV  xandru spots favur il-Gvern. Ikkonferma li l-email irċevewha fis-17 ta' Mejju 2024 u kien minnu li fit-18 ta' Mejju 2024 xxandar spot li kumbinazzjoni kien favur il-Gvern u dan għax kienet għadha ma nqratx l-email. Qal li naturalment ma kinitx l-intenzjoni tal-istazzjon li jixxandar dan wara li kienet inġibditlu l-attenzjoni, speċjalment meta kien reklam tal-Gvern. Spjega li ma kien hemm ebda intenzjoni li tiġi sfidata l-Awtorità.

Wara li Dr Michael Piccinino u Dr Joanna Spiteri ħallew is-seduta l-Bord ħa konjizzjoni ta' din l-akkuża u għadda sabiex jiddiskutiha. Il-Bord sab li l-ksur kien tassew sar u ħass li ma kellux triq oħra għajr li jimmulta lill-istazzjon €4,660 skont Skeda 5 tal-Kap. 350 tal-Att dwar ix-Xandir u din il-multa għandha titħallas sa 60 ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord qed jordna wkoll il-qari tas-sunt kif ġej:

*"F'seduta li nżammet fil-31 ta' Mejju, l-Awtorità tax-Xandir sabet lil Net Television ħati ta' ksur tad-Direttiva tal-Awtorità waqt dan il-perjodu ta' kampanja elettorali. Dan minħabba li l-istazzjon xandar reklamar tal-kampanja tal-Gvern Lokali, liema reklami kienu ta' natura politika u li jmorru kontra l-istess Direttiva tal-Awtorità. Għaldaqstant l-Awtorità mmultat lil dan l-istazzjon €4,660 skont Skeda Ħamsa tal-Att dwar ix-Xandir."*

Dan is-sunt għandu jinqara fil-bullettin tad-data tad-deċiżjoni.

5 ta' Ġunju 2024
*Smigħ 08/2024 Numru 4*
*Ref: 64/01/6*

**Deċiżjoni għal akkuża datata 2 ta' Lulju kontra Net TV dwar ksur tad-Direttiva rigward qari ta' sunt u filmati li ma xxandrux wara deċiżjoni tal-Awtorità**

L-Awtorità kellha quddiemha akkuża mill-Kap Eżekuttiv fil-konfront ta' Net TV datata 2 ta' Lulju 2024 u dan wara li l-istazzjon naqas milli jaderixxi ma' deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu stess wara li dan kiser id-Direttiva tal-Awtorità. Is-seduta ta' smigħ inżammet fit-18 ta' Lulju 2024 u preżenti għas-seduti dehru s-Sur Karl Gouder, Chief Operations Officer ta' Medialink Communications Ltd, u Dr Michael Piccinino bħala rappreżentant legali tal-istazzjon u Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista.

Il-Kap Eżekuttiv qalet li wara li l-istazzjon kiser id-Direttiva minħabba li ma stedinx rappreżentanza ta' veduti politiċi differenti, l-Awtorità kienet ħadet deċiżjoni u talbet lill-istazzjon jaqra sunt tad-deċiżjoni imma wkoll biex jaderixxi ma' Paragrafu 10 tal-istess Direttiva u jxandar il-filmat li jintbagħtu mill-partiti politiċi fi spazju ta' ħin speċifiku fis-6 ta' Ġunju bejn is-7pm u l-11pm. Qalet li minħabba li lanqas dawn ma xxandru, nħarġet din l-akkuża. Ikkonkludiet li n-nuqqas tal-qari tas-sunti u tax-xandiriet ġew ittrattati fl-insjem.

Dr Michael Piccinino, rappreżentant tal-istazzjon u Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, staqsa jekk il-materjal kienx intbagħat fis-19:17 wara l-business day, (b'referenza għall-interpretation act) meta ħadd ma kien qed jara l-emails. Qal li meta ġiet moqrija l-email kien għadda l-perjodu ta' żmien li wieħed seta' jxandar dan il-kontenut. Qal ukoll li ma jippretendi lil ħadd li jkun qed jara l-emails f'ċerti ħinijiet.

Dr Joanna Spiteri qalet li l-interpretation act mhix riferita fid-Direttiva.

Dwar il-qari ta' sunti Dr Michael Piccinino u s-Sur Karl Gouder irreġistraw ammissjoni dwar dawn il-punti.

Meta l-partijiet u l-Kap Eżekuttiv ħallew is-seduta, il-Bord għadda sabiex jiddiskuti din l-akkuża.

Fid-dawl ta' ammissjoni l-Bord irrefera għal Skeda 5 ta' Kap.350 dwar ksur ta' Artikolu 15 u qed jimmulta lill-istazzjon is-somma ta' €4,660 li għandha titħallas fi żmien 60 jum mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord qed jidderieġi lill-istazzjon jaqra sunt ta' din id-deċiżjoni matul il-bullettin tal-aħbarijiet fi żmien 48 siegħa minn din id-deċiżjoni.

2 ta' Awwissu 2024
*Smigħ 10/2024 Numru 5*
*Ref: 64/01*

## Deċiżjoni dwar akkuża maħruġa kontra ONE dwar il-programm Kalamita tal-21 ta' Novembru 2023

Din l-akkuża tressqet quddiem il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir wara li l-istazzjon għażel li jikkontesta akkuża maħruġa kontrih dwar il-programm Kalamita ta' nhar il-21 ta' Novembru. Dr Joanna Spiteri, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, ibbażat l-akkuża fuq prominenza mhux dovuta ta' prodotti kummerċjali.

L-istazzjon għażel li jikkontesta din l-akkuża u attenda għas-smigħ organizzat nhar il-11 ta' Jannar 2024. Għall-istazzjon dehru ċ-Chairperson Ruth Vella u l-producer tal-programm Kalamita s-Sur Ivan Baldacchino.

Matul is-smigħ il-Kap Eżekuttiv tat sfond ta' din l-akkuża u semmiet li l-programm kien qed jiġi segwit mid-Dipartiment tal-Monitoraġġ. Qalet li dan il-programm jista' jkollu product placement u l-akkuża qiegħda fil-fatt minħabba prominenza mhux dovuta ta' product placement. Qalet li din l-akkuża saret minħabba li għal ħin twil dehru l-inkwadraturi ta' ditti u allura nkiser Art.16M(3)(d) tal-Att dwar ix-Xandir. Qalet li anke fil-kummenti tal-preżentaturi saru referenzi diretti għall-Pro Milk tal-Benna u fuq is-sett dehru l-kartun tal-Benna kontinwament waqt numru ta' rkejjen fil-programm. Għaldaqstant fl-assjem jinħass li l-framing, l-exposure, u r-referenzi tad-ditti tal-prodotti kkontribwixxew għal ksur ta' dan l-Artiklu.

Is-Sur Ivan Baldacchino wieġeb li l-kumpanija ma fehmitx il-kunċett ta' prominenza mhux dovuta għaliex dak li sar is-sena l-oħra kien qed jerġa' jsir din is-sena u li infatti minn 5 pakketti tal-prodotti tal-Benna kienu qed jidhru 2 pakketti biss. Kompla li eżatt wara li nħarġet l-akkuża, il-produzzjoni ddeċidiet tneħħi kull placement. Semma li l-ispejjeż tax-xandir wara kollox iridu jiġu minn xi mkien iżda li fl-istess jum hu ħa azzjoni immedjata. Is-Sur Baldacchino tenna li l-produzzjoni ta' Kalamita ssir b'reqqa biex ma jkunx hemm nuqqasijiet fir-rigward tal-leġiżlazzjoni. Kompla li dan in-nuqqas sar bi żvista.

Il-Kap Eżekuttiv irribattiet billi tat eżempju li jfiehem id-distinzjoni bejn product placement leġittimu u undue exposure. Semmiet ukoll il-placing u li altru jidher waqt intervista sħiħa u jidhru l-prodotti kollha fi friġġ kif fil-fatt deher f'dan il-programm, anke jekk il-friġġ hija 'l barra mill-kuntest u altru l-prodott ikun qed jintuża waqt il-programm.

Il-Bord għadda sabiex jikkunsidra din l-akkuża u innota li kien minnu li l-istazzjon għamel sforz sabiex jaderixxi mal-liġi billi ħa azzjoni u ġew eliminati l-prodotti kollha. Madankollu l-Bord kostrett jikkunsidra l-materjal imxandar u fuq dawn il-linji sab li l-kontenut tax-xandira kien tassew joħloq prominenza mhux dovuta. Għalhekk iddeċieda billi sab lill-istazzjon ħati fuq din l-akkuża u qed jordna l-ħlas ta' €2,330 skont Skeda 5 ta' Kap.350. L-Awtorità qed titlob li l-penali tiġi mħallsa sa 60 jum minn mindu ħarġet din id-deċiżjoni.

22 ta' Jannar 2024
*Smigħ 01/2024 Numru 8*
*Ref: 63/01*

**Deċiżjoni dwar akkuża maħruġa kontra ONE dwar il-programmi Taste & Travel tal-15, it-22 u d-29 ta' Ottubru 2023**

L-Awtorità kellha quddiemha akkuża kontra ONE rigward il-programmi Taste and Travel li xxandru fil-15, it-22 u d-29 ta' Ottubru 2023, liema akkuża kienet indirizzata lill-istazzjon fit-28 ta' Novembru 2023 u li kienet tittratta reklamar b'ħabi.

Matul is-smigħ il-Kap Eżekuttiv irreferiet għal dan il-programm li fih ixxandar reklam ta' SMS Mondial, soċjetà li kienet ukoll sponsor tal-programm. Filwaqt li fl-isponsor kien hemm biss referenza għal SMS Mondial, il-pop-ups tal-SMS Mondial illi telgħu waqt il-programm kienu speċifiċi għal ġiti f'Zanzibar. Qalet ukoll li waħda mill-istess pop ups intweriet waqt li l-preżentatriċi għamlet ukoll kummenti dwar dan bħal "tour sabiħ" u kummenti oħra li jmorru kontra Art. 16K(1)(a) tal-Att dwar ix-Xandir fuq reklam b'ħabi.

Għall-istazzjon ONE dehru s-Sinjura Ruth Vella, Chairperson, kif ukoll il-preżentatriċi tal-istess programm is-Sinjura Claire Agius Ordway waqt seduta ta' smigħ li saret fil-11 ta' Jannar 2024.

Is-Sinjura Ruth Vella ammettiet li sar żball bix-xandir tal-pop up iżda qalet li l-kontenut ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li attwalment kien qed jiġi offrut mill-SMS Mondial. Is-Sinjura Claire Agius Ordway segwiet l-argument u ammettiet li l-pop ups intwerew iżda dawn saru fil-fażi ta' post production.

Is-Sinjura Agius Ordway qalet li kienet żaret il-post u tassew kien wieħed sabiħ, iżda kompliet li dawn il-ġiti mhumiex organizzati minn SMS Mondial u kkonfermat li l-pop-up kien żball. Temmet li bl-ebda mod ma saru kummenti biex issir promozzjoni għaliex dawn il-ġiti qatt ma kienu ġew organizzati.

Il-Bord għadda biex jikkunsidra din l-akkuża u innota li r-rappreżentanti tal-istazzjon qablu li sar ksur. Il-Bord innota wkoll li dan il-pop-up ħoloq ksur ta' Art.16K(1)(a) u laqa' din l-akkuża li ġġorr magħha penali ta' €2,330 skont Skeda 5 ta' Kap.350. Din il-penali għandha titħallas sa 60 jum mid-data tad-deċiżjoni.

22 ta' Jannar 2024
*Smigħ 01/2024 Numru 7*
*Ref: 63/01*

**Deċiżjoni għall-akkuża mressqa mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir kontra ONE TV rigward ksur tad-Direttiva dwar mistednin fil-programmi ta' diskussjoni u ġrajjiet kurrenti**

---

Permezz ta' ittra mibgħuta lill-istazzjon mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, Dr Joanna Spiteri, datata 29 ta' Mejju 2024, saret referenza għat-trażmissjonijiet ta' ONE TV ta' bejn it-18 ta' Mejju 2024 u t-28 ta' Mejju 2024 fejn matul il-perjodu deher kandidat wieħed biss li mhuwiex ser jikkontesta f'isem il-Partit Laburista l-elezzjonijiet tat-8 ta' Ġunju 2024. Dan f'dibattitu bejn is-Sur David Agius f'isem il-Partit Nazzjonalista u s-Sur Steve Ellul f'isem il-Partit Laburista.

Il-Kap Eżekuttiv qalet li n-nuqqas ta' rappreżentazzjoni ta' fehmiet politiċi minn partiti li se jikkandidaw għal dawn l-elezzjonijiet u/jew kandidati qed jikser Paragrafu 3(5) tad-Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir dwar Programmar u Reklami Mxandra fuq Radju u Televiżjoni matul il-perjodu tad-29 t'April u t-8 ta' Ġunju 2024 u minkejja li l-istazzjon inġibditlu l-attenzjoni permezz ta' email datata l-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2024 u kien diġà wkoll imwissi biex id-Direttiva tkun imħarsa.

Nhar il-31 ta' Mejju 2024, cioè fid-data li l-istazzjon għajjat is-smigħ, is-Sinjura Ruth Vella wieġbet f'isem ONE Productions Limited permezz ta' email dakinhar stess u rreġistrat ammissjoni.

Wara li ħa konjizzjoni ta' dan, il-Bord għadda sabiex jiddiskuti din l-akkuża u sab li ladarba l-ksur kien sar, ma kienx hemm triq oħra għajr li jimmulta lill-istazzjon €4,190 skont Skeda 5 tal-Kap. 350 tal-Att Dwar ix-Xandir u dan l-ammont għandu jitħallas sa 60 ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord qed jordna wkoll il-qari tas-sunt kif ġej:

*"Waqt seduta ta' smigħ li saret fil-31 ta' Mejju, l-Awtorità rat li l-istazzjon ONE TV ippreżenta amissjoni li kiser id-Direttiva maħruġa mill-Awtorità għal matul il-kampanja elettorali. Dan minħabba li fil-programmi ta' diskussjoni u ġrajjiet kurrenti, l-istazzjon ma stedinx mistiedna ta' fehmiet politiċi differenti u li se jikkandidaw ruħhom għal dawn l-elezzjonijiet. Għaldaqstant l-Awtorità mmultat lil dan l-istazzjon is-somma ta' €4,190."*

Minbarra dan is-sunt l-Awtorità permezz ta' Paragrafu 10 tal-istess Direttiva li jitlob it-tħaris ta' bilanċ u imparzjalità ordnat lil ONE TV biex fil-ħin indikat f'dan il-paragrafu tad-Direttiva, tagħti spazju xieraq lill-fehmiet differenti fit-tielet jum qabel l-elezzjoni bejn is-7pm u l-11pm, liema ħin jista' ma jeċċedix l-għoxrin minuta.

Il-partiti li tħallew barra mill-istazzjon se jkunu mistiedna jibagħtu materjal reġistrat lill-Awtorità sa mhux iżjed tard mis-19:00 tal-lum sabiex dan jiġi approvat u mibgħut lill-istazzjon għax-xandira. Jirriżulta li hemm 4 partiti li ma ġewx mistiedna minn ONE TV li huma ABBA, ADPD, Imperium Europa u Volt. Għaldaqstant kull partit se jkun mistieden jissottometti reġistrazzjoni ta' mhux iżjed minn 5 minuti 'l waħda.

5 ta' Ġunju 2024
*Smigħ 08/2024 Numru 7*
*Ref: 63/01/9*

**Deċiżjoni għall-akkuża mressqa mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir kontra ONE TV rigward spots li xxandru fit-18 ta' Mejju 2024 bi ksur tad-Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir**

---

Permezz ta' ittra mibgħuta lill-istazzjon mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, Dr Joanna Spiteri, datata 23 ta' Mejju 2024, saret referenza għat-trażmissjoni ta' ONE TV ta' nhar is-Sibt 18 ta' Mejju 2024 li matulha ġew innutati xi spots li jiffurmaw parti minn kampanja bit-tema Kunsilli Lokali Viċin in-Nies – Gvern Lokali. Dawn l-ispots ixxandru bi ksur ta' Paragrafu 3(4) tad-Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir dwar Programmar u Reklami Mxandra fuq Radju u Televiżjoni matul il-perjodu tad-29 t'April sat-8 ta' Ġunju 2024 u minkejja li l-istazzjon inġibditlu l-attenzjoni permezz ta' email datata l-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2024.

Nhar il-31 ta' Mejju 2024, is-Sinjura Ruth Vella wieġbet għan-nom ta' ONE Productions Limited u għal email li l-Bord bagħat sabiex jinnotifika l-istess stazzjon dwar is-smigħ organizzat b'mod urġenti fl-istess jum. Wieġbet li l-istazzjon ma kienx irċieva l-komunikazzjoni datata 23 ta' Mejju, liema komunikazzjoni ntbagħtet permezz ta' email u permezz ta' ittra postali.

Għaldaqstant, filwaqt li f'komunikazzjoni separata datata 30 ta' Mejju 2024 l-istazzjon kien infurmat dwar is-seduta tal-għada 31 ta' Mejju 2024, ma deher ebda rappreżentant għal ONE Productions Limited.

Wara li Dr Joanna Spiteri ħalliet is-seduta, l-Bord ħa konjizzjoni tal-fatti u sab li ladarba l-ksur kien minnu, ma kienx hemm triq oħra għajr li jimmulta lill-istazzjon €4,190 skont Skeda 5 tal-Kap. 350 tal-Att Dwar ix-Xandir u dan l-ammont għandu jitħallas sa 60 jum mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord qed jordna wkoll il-qari tas-sunt kif ġej:

*"F'seduta li nżammet fil-31 ta' Mejju, l-Awtorità tax-Xandir sabet lil ONE TV ħati ta' ksur tad-Direttiva tal-Awtorità waqt dan il-perjodu ta' kampanja elettorali. Dan minħabba li l-istazzjon xandar reklamar tal-kampanja tal-Gvern Lokali, liema reklami kienu ta' natura politika u li jmorru kontra l-istess Direttiva tal-Awtorità. Għaldaqstant l-Awtorità mmultat lil dan l-istazzjon €4,190 skont Skeda Ħamsa tal-Att dwar ix-Xandir."*

Dan is-sunt għandu jinqara matul il-bullettin tad-data tad-deċiżjoni.

5 ta' Ġunju 2024
*Smigħ 08/2024 Numru 6*
*Ref: 63/01/9*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") u assistit mill-akkuża, dwar Sound on Tape fir-rappurtaġġ tad-dibattitu tal-Parlament matul l-aħbarijiet ta' nhar id-19 ta' Frar 2024**

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra l-PBS u assistit mill-akkuża dwar Sound on Tape fir-rappurtaġġ tad-dibattitu tal-Parlament matul l-aħbarijiet ta' nhar id-19 ta' Frar 2024.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Mark Vassallo rreġistra ammissjoni għall-ilment assistit mill-akkuża u spjega li kien sar żball li l-istazzjon kien irrettifika.

L-ilment u l-akkuża kienu jittrattaw in-nuqqas ta' voice clip tal-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech waqt id-dibattitu Parlamentari li kien jittratta t-twaqqif ta' Awtorità ġdida dwar il-klima. Filwaqt li fl-aħbarijiet tal-14 ta' Frar inġiebet voice clip tal-Prim Ministru dwar dibattitu Parlamentari li ttratta l-istess tema, ma ġarax l-istess fil-bullettin tal-aħbarijiet tad-19 ta' Frar fir-rigward tar-rappurtaġġ tal-Kap tal-Oppożizzjoni. Għaldaqstant kien hemm ksur ta' Artiklu 13(2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir imsaħħa bil-L.S. 350.14 Taqsima 4.

Għaldaqstant il-Bord qed jimmulta lix-xandar pubbliku s-somma ta' €930 skont skema 5 ta' Kap.350 filwaqt li jordna l-qari ta' dan is-sunt:

*"Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir investiga ilment assistit b'akkuża fir-rigward tal-aħbarijiet tad-19 ta' Frar 2024 li ttratta d-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni fil-Parlament dwar it-twaqqif tal-Awtorità tal-Klima, iżda ma tteħditx silta mid-diskors kif seħħ fil-bullettin tal-14 ta' Frar 2024 meta ġie rrappurtat u ttieħdet silta mid-diskors tal-Prim Ministru. Għaldaqstant il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab il-PBS ħati dwar nuqqas ta' imparzjalità bejn il-partiti politiċi. Għalhekk, apparti l-multa, l-istazzjon pubbliku ġie ordnat jaqra dan is-sunt."*

5 ta' Marzu 2024
*Smigħ 02/2024 Numru 14*
*Ref: 18/24*

**Deċiżjoni għal erba' akkużi kontra l-PBS Ltd rigward xandir ta' budget spots waqt trażmissjonijiet fuq TVM u TVM+ bejn is-27 ta' Ottubru 2024 u t-3 ta' Novembru 2024**

- *Akkuża 1 datata 28 ta' Ottubru 2024 rigward trażmissjoni fuq TVM tas-27 ta' Ottubru 2024 meta ntwera reklam bit-tema tal-Baġit 2024 u ksur ta' Artiklu 13 (2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir*

- *Akkuża 2 datata 30 ta' Ottubru 2024 rigward trażmissjoni fuq TVM u TVM+ tat-28 u tad-29 ta' Ottubru 2024 meta ntwerew spots relatati mal-Baġit 2025 u ksur ta' Artiklu 13 (2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir*

- *Akkuża 3 datata 6 ta' Novembru 2024 rigward trażmissjoni ta' TVM u TVM+ tal-1 ta' Novembru 2024 meta ntwerew spots relatati mal-Baġit 2025 u ksur ta' Artiklu 15 tal-Att dwar ix-Xandir*

- *Akkuża 4 datata 6 ta' Novembru 2024 rigward trażmissjoni ta' TVM tat-3 ta' Novembru 2024 meta ntwerew spots relatati mal-Baġit 2025 u ksur ta' Artiklu 15 tal-Att dwar ix-Xandir*

Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir kellu erba' akkużi mressqa kontra l-PBS Ltd dwar reklami bit-tema tal-Baġit 2025 li ntwerew fuq l-istazzjonijiet imsemmija hawn fuq f'jiem differenti matul Ottubru u Novembru 2024.

Il-Bord skeda s-smigħ tal-ewwel żewġ akkużi fit-30 t'Ottubru 2024 fejn ħames minuti qabel is-smigħ il-Bord irċieva komunikat mir-rappreżentanti legali tal-PBS Ltd li kien qed jinforma lill-Bord li minħabba l-mandat ta' inibizzjoni li ntlaqa' proviżorjament mill-Qorti, kien qed jintalab differiment għaliex skont huma, il-Bord ma setax jisma' l-ilmenti u l-akkużi minħabba l-possibbiltà ta' leżjoni ta' dritt fundamentali protett mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Is-smigħ ta' dawn l-akkużi kif ukoll t'akkużi 3 u 4 kien skedat għat-18 ta' Novembru 2024, madankollu l-Bord reġa' ddiferixxa s-smigħ minħabba li lment preċedenti li nstema' dakinhar eċċeda l-ħin allokat. Għalhekk organizza s-smigħ għall-20 ta' Novembru 2024 li matulu l-ilment reġà eċċeda l-ħin allokat. Il-Bord organizza smigħ ieħor għall-5 ta' Diċembru 2024 li ġie differit għall-11 ta' Diċembru 2024 peress li l-Inġ. Charles Dalli (Editur tal-PBS Ltd) ma setax jattendi.

Għas-smigħ dehru l-Inġ. Charles Dalli u l-Kap Eżekuttiv is-Sur Keith Chetcuti. Dr Mark Vassallo, rappreżentant legali tal-PBS, ingħaqad b'mod virtwali. Matul is-smigħ tal-11 ta' Diċembru ġie maqbul li l-akkużi jiġu mismugħa flimkien.

Il-Kap Eżekuttiv ressqet l-ewwel akkuża li kienet datata 28 ta' Ottubru u spjegat li din hija dwar spot relatat mal-Baġit, deskritt bħala pre budget spot, liema spot kien imxandar il-Ħadd 27 t'Ottubru 2024, ċioè lejlet il-Baġit 2025. Matul din it-trażmissjoni ixxandar għal diversi istanzi dan l-ispot ta' qabel il-Baġit u kien qed jirreklama t-tema tal-Baġit. Qalet li dan l-ispot kien jikser Artiklu 13(2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir għax inħass li kien spot li jirrikjedi bilanċ għalih. Qalet li dan l-ispot ġie trażmess fuq TVM 6 darbiet f'temp ta' sagħtejn u nofs ta' trażmissjoni bl-ewwel wieħed qabel l-aħbarijiet tat-20:00. Dan l-ispot kien qed jittratta t-tagline tal-Baġit u fl-aħħar tiegħu, għal madwar 30 sekonda deher il-Prim Ministru jgħaddi l-kummenti tiegħu.

Hekk kif il-Kap Eżekuttiv kienet se tittratta t-tieni akkuża fil-konfront tal-PBS rigward xandir ta' spots relatati mal-Baġit, Dr Mark Vassallo, rappreżentant legali għall-PBS, ikkummenta li kien qed jaqbel li l-akkużi jiġu ttrattati flimkien għaliex kienu dwar tema waħda u li wara l-ispot tal-pre budget kien hemm ukoll xandir ta' spots oħra. Qal li l-mandat ta' inibizzjoni mressaq mill-Partit Nazzjonalista, kien qed jinibixxi dak l-ispot partikolari (pre-budget spot). Qal li dawn l-ispots kienu jagħmlu parti mill-PSAs li l-Gvern kien intitolat li jitlob lill-PBS biex ixandar bħalma dejjem ġara fi snin preċedenti. Dr Mark Vassallo spjega li l-PBS għandu jxandar spots dwar il-Baġit għax hemm irbit kuntrattwali u jeżisti wkoll obbligu li jwassal informazzjoni lill-pubbliku u qal li dawn ma ġewx prodotti mill-PBS. Qal li d-differenza bejn l-ewwel spot u l-oħrajn hi li l-ewwel wieħed ixxandar qabel l-avveniment, li huwa l-Baġit. Qal ukoll li fl-ewwel spot kien hemm viżwal tal-Prim Ministru mentri fl-oħrajn kien hemm biss leħnu. Qal li l-Qorti inibiet lill-PBS milli xxandar dan l-ispot partikolari. Qal fil-fatt, dwar din l-akkuża qal li l-aħħar darba li xxandar kien qabel ġie notifikat ix-xandar bil-mandat. Il-PBS qabel li l-akkużi jinġabru għaliex is-sottomissjonijiet tagħhom huma l-istess. Dr Vassallo reġa' qal li jixtieq jindirizza l-erba' akkużi f'daqqa.

Għaldaqstant il-Kap Eżekuttiv rreferiet għat-tieni akkuża (akkuża 2) datata 30 ta' Ottubru 2024, u qalet li l-ispot ta' qabel il-Baġit reġa' xxandar fit-trażmissjoni tat-28 t'Ottubru 2024, qabel bdiet ix-xandira speċjali tal-Baġit. Spjegat li fl-istess akkuża kien hemm ukoll akkuża għat-trażmissjoni tad-29 ta' Ottubru dwar xandir ta' Budget Spot 2 (Ta' Qali – outdoors) li xxandar għal diversi stanzi. Waqt is-sottomissjoni tagħha, kompliet li sa fejn taf hi l-mandat ma kienx jinibixxi spot partikolari iżda spots relatati mal-Baġit.

Hawnhekk Dr Mark Vassallo minnufih ikkummenta u qal li jittama li din hija biss l-opinjoni tal-Kap Eżekuttiv u qal li din hija ta' preġudizzju għall-PBS u jekk din hija l-opinjoni tal-Awtorità se jieqaf hawn. Huwa vverbalizza hekk:

> *Dr Mark Vassallo, għall-PBS, jiddikjara illi tenut kont tal-kummenti illi għaddiet il-Kap Eżekuttiv, liema kummenti jistgħu jkunu ta' preġudizzju għall-proċeduri li għaddejjin fil-preżent il-Qorti, il-PBS qed jitlob illi dawn l-ilmenti jinstemgħu wara li jkun determinat l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri.*

Wara l-verbal Dr Mark Vassallo iċċara 'l-kummenti', li dan kien qed jingħad għall-kummenti ta' Dr Joanna Spiteri għaliex skontu kienet għadha kif esprimiet fehma li l-mandat ta' inibizzjoni jirreferi wkoll għal spots oħrajn apparti l-ewwel spot (pre budget spot).

Il-Bord wieġeb li l-Kap Eżekuttiv għandha obbligu li tressaq il-każ. Dr Mark Vassallo rrisponda li għandha obbligu li ma tikkummentax fuq affarijiet li qegħdin sub judice l-Qorti u informa lill-PBS li se jissospendi s-smigħ. Ir-rappreżentanti tax-xandar u l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir ħallew is-smigħ u l-Bord iddiskuta r-rikjesta ta' Dr Mark Vassallo.

Ftit tal-minuti wara l-Bord reġa' sejjaħ lill-partijiet fejn dehret biss il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir. Il-Bord qara d-deċiżjoni meħuda fir-rigward, ċioè:

> *Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir qies il-kummenti u r-rikjesti mressqa minn Dr Mark Vassallo għan-nom ta' PBS. Dwar il-kumment mressaq mill-Kap Eżekuttiv matul l-ispjega tagħha l-Bord jirrileva li Dr Vassallo ippreċiża li kien kumment u mhux kummenti u ordna l-prosegwiment tal-każ.*
>
> *Dwar ir-rikjesta ta' posponiment inkwantu dawn il-proċeduri skont l-istazzjon jistgħu jinċidu fuq dawk preżentement pendenti ta' disprezz quddiem il-Qorti, il-Bord jirrileva illi:*
>
> 1. *Il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir huma distinti u separati minn dawk quddiem il-Qorti Ċivili. Dan il-fatt huwa rikonuxxut u aċċettat mill-istazzjon stess.*
>
> 2. *Illi l-Bord qed jagħmel referenza wkoll għall-verbal tal-proċeduri ta' disprezz li qed jagħmel referenza għalihom l-istess stazzjon, ċioè tal-25 ta' Novembru 2024, li fihom l-istazzjon stess jissottometti lill-Qorti li "kull direttiva jew ordni mogħtija mill-Awtorità tax-Xandir lill-PBS hija għalkollox estranea minn dawn il-proċeduri.*
>
> 3. *Illi l-Bord diġà kkonċeda biżżejjed posponimenti u aġġornamenti ta' dawn il-proċeduri u għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Bord ma jqisx li hemm lok li l-akkużi mertu tas-smigħ tal-lum għandhom jerġgħu jiġu differiti, jiċħad it-talba għall-posponiment tal-istess proċeduri u jordna l-prosegwiment".*

L-Awtorità informa lir-rappreżentanti tal-PBS b'din id-deċiżjoni.

Għaldaqstant il-Kap Eżekuttiv kompliet bis-sottomissjonijiet tagħha għall-akkużi l-oħra li kienu relatati mal-budget spots hekk kif mitluba mill-Bord tal-Awtorità.

Il-Kap Eżekuttiv qalet li t-tieni akkuża kienet maqsuma f'żewġ partijiet, bl-ewwel parti tittratta x-xandir ta' pre budget spot fuq TVM eżatt qabel ma bdiet ix-xandira tal-Baġit tat-28 ta' Ottubru, u t-tieni parti kienet dwar xandir ta' spot tal-Baġit fit-trażmissjoni tad-29 ta' Ottubru, liema spot kien intbagħat għand l-Awtorita li iżda kienet għadha ma tatx approvazzjoni jew le dwaru. Qalet li iżda x-xandiriet saru minkejja li kien għad m'hemmx l-approvazzjoni tal-Awtorità. Qalet li dan kien jittratta budget spot (Spot 2

outdoors). Qalet ukoll li fit-30 ta' Ottubru, l-Awtorità ħarġet id-deċiżjoni li l-ispots kellhom jgħaddu għand l-Awtorità biex jiġu vetted, u dan l-ispot ma kienx approvat mill-Awtorità.

Rigward it-tielet u r-raba' akkuża, il-Kap Eżekuttiv qalet huma differenti miż-żewġ akkużi preċedenti peress li jittrattaw ksur ta' Artiklu 15 tal-Att dwar ix-Xandir. Dawn kienu dwar xandir ta' budget spots riferiti bħala spot Ta' Qali (saħħa mentali). Qalet li dawn kienu spots li ma ġewx approvati mill-Awtorità. Qalet li din l-akkuża datata 6 ta' Novembru 2024 (akkuża 3) tirreferi għat-trażmissjoni tal-1 ta' Novembru fejn ixxandru spots relatati mal-Baġit li iżda ma kellhomx l-approvazzjoni tal-Awtorità u minkejja dan il-PBS xorta waħda xandar dawn l-ispots. Qalet li dawn l-ispots, indikati bħala spots Ta' Qali (saħħa mentali) ixxandru fuq TVM u fuq TVM+ f'diversi istanzi differenti.

Dwar ir-raba' akkuża, spjegat li fis-7 ta' Novembru il-Bord kien diġà ħa deċiżjoni fuq żewġ akkużi ta' ksur ta' Artiklu 15 relatati wkoll ma' xandir ta' budget spots wara li nħarġet akkuża fil-31 ta' Ottubru u fl-4 ta' Novembru. Qalet li simili għal dak il-każ, dawn iż-żewġ akkużi datati 6 ta' Novembru (akkuża 3 u 4) kienu jittrattaw xandir ta' budget spots li ma kinux approvati mill-Awtorità u li xxandru fuq TVM u TVM+ matul it-trażmissjoni tal-1 u u t-trażmissjoni ta' TVM tat-3 ta' Novembru 2024 rispettivament. Qalet li għaldaqstant kien hemm ksur ta' Artiklu 15 tal-Att dwar ix-Xandir.

Wara li l-Kap Eżekuttiv irtirat mis-smigħ il-Bord għadda sabiex jiddeċiedi l-akkużi mressqa wara li ra s-sottomissjonijiet.

Il-Bord qed jilqa' din l-ewwel akkuża (akkuża 1) datata 28 ta' Ottubru u qed jimmulta lill-istazzjon multa ta' €1,160 skont Skeda 5 ta' Kap.350 għall-ksur ta' Art. 13(2)(f), stante li din il-materja diġà kienet diskussa matul ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista li ġie milqugħ mill-istess Bord. Din il-multa għandha titħallas sa sittin (60) jum mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Skont Art.14(7) ta' Kap.350, il-Bord qed jordna l-qari tas-sunt matul il-bullettin tal-aħbarijiet fuq TVM fi żmien jumejn mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Is-sunt għandu jkun kif ġej:

> *"F'seduta li nżammet fil-11 ta' Diċembru, il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab lill-PBS ħati ta' ksur ta' Artiklu 13(2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir wara xandir ta' spot relat mal-Baġit fis-27 ta' Ottubru. Għaldaqstant, il-PBS ġie mmultat is- somma ta' €1,160, liema ammont jitħallas sittin jum mid-data tad-deċiżjoni."*

Il-Bord qed jilqa' t-tieni akkuża (akkuża 2) datata 30 t'Ottubru 2024 u qed iwiddeb lill-istazzjon skont Art.41(4)(a) ta' Kap.350, minħabba l-ispot tat-28 t'Ottubru 2024 li xxandar qabel il-Baġit 2025, li kien jinkludi l-viżwali u kummenti tal-Prim Ministru, tali kontenut diġà kien misjub ħati mill-istess Bord li jikser Art. 13(2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir.

Il-Bord jaqbel li fiċ-ċirkostanzi x-xandar ma għandux ikun mogħti penali amministrattivi minħabba li kien hemm ukoll it-tieni parti tal-akkuża fejn fl-ilment tal-PN f'seduta separata l-Awtorità ma laqgħetx il-kontenut tal-ilment.

Skont Art.14(7) ta' Kap.350, il-Bord qed jordna l-qari ta' dan is-sunt matul il-bullettin tal-aħbarijiet fuq TVM fi żmien jumejn mid-data ta' din id-deċiżjoni:

> *"F'seduta li nżammet fil-11 ta' Diċembru, il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab lill-PBS ħati ta' ksur ta' Artiklu 13 (2) (f) tal-Att dwar ix-Xandir u In vista li kien hemm parti li kien hemm ksur u parti oħra ma kellhiex ksur, l-istazzjon instab ħati u l-akkuża ġiet milqugħa imma ingħata twiddiba."*

Il-Bord qed jilqa' it-tielet akkuża (akkuża 3) datata 6 ta' Novembru 2024 rigward trażmissjoni ta' spots relatati mal-Baġit fuq TVM u TVM+ fit-trażmissjoni tal-1 ta' Novembru 2024 u qed jirrimarka li din l-akkuża kienet simili għal żewġ akkużi li x-xandar diġà nstab ħati dwarhom. Il-Bord qed jimponi piena amministrattiva fl-ammont ta' €4,660 skont Skeda 5 ta' Kap.350 għall-ksur ta' Art. 15, stante li din il-materja diġà kienet diskussa matul ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista li ġie milqugħ mill-istess Bord. Din is-somma għandha titħallas sa sittin (60) jum mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord ordna l-qari tas-sunt matul il-bullettin tal-aħbarijiet fuq TVM fi żmien jumejn mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Skont Art.14(7) ta' Kap.350, il-Bord qed jordna l-qari ta' dan is-sunt matul il-bullettin tal-aħbarijiet fuq TVM fi żmien jumejn mid-data ta' din id-deċiżjoni:

> *"F'seduta li nżammet fil-11 ta' Diċembru, il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab lill-PBS ħati ta' ksur tad-Direttiva maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir tat-30 ta' Ottubru, wara waqt it-trażmissjoni tal-1 ta' Novembru, xandar spots relatati mal-Baġit minħabba li x-xandir ta' dawn l-ispots ma kinux approvati mill-Awtorità. Għalhekk il-PBS ġie mmultat is-somma ta' €4,660 għal dan il- ksur, liema ammont irid jitħallas sittin jum mid-data tad-deċiżjoni."*

Il-Bord qed jilqa' wkoll ir-raba' akkuża (akkuża 4) datata 6 ta' Novembru 2024 rigward xandir ta' budget spots waqt it-trażmissjoni ta' TVM tat-3 ta' Novembru 2024 meta ntwerew spots relatati mal-Baġit 2025. Il-Bord laqa' din l-akkuża u jimponi piena amministrattiva fl-ammont ta' €4,660 skont Skeda 5 ta' Kap.350 għall-ksur ta' Art. 15, stante li din il-materja diġà kienet diskussa matul ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista li ġie milqugħ mill-istess Bord. Din is-somma għandha titħallas sa sittin (60) jum mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord ordna l-qari tas-sunt matul il-bullettin tal-aħbarijiet fuq TVM fi żmien jumejn mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Skont Art.14(7) ta' Kap.350, il-Bord qed jordna l-qari ta' dan is-sunt matul il-bullettin tal-aħbarijiet fuq TVM fi żmien jumejn mid-data ta' din id-deċiżjoni:

> *"F'seduta li nżammet fil-11 ta' Diċembru, il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab lill-PBS ħati ta' ksur tad-Direttiva maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir tat-30 ta' Ottubru, peress li waqt it-trażmissjoni tat-3 ta' Novembru, il-PBS xandar spots relatati mal-Baġit minkejja li x-xandir ta' dawn l-ispots ma kinux approvati mill-Awtorità. Għalhekk il-PBS ġie mmultat is-somma ta' €4,660 għal dan il-ksur, liema ammont jitħallas sittin jum mid-data tad-deċiżjoni."*

Ref: 65/01

Akkużi 1 sa 4

23 ta' Diċembru 2024

## Akkuża kontra l-PBS Ltd datata 31 t'Ottubru 2024 rigward trażmissjoni tat-30 t'Ottubru 2024 meta ntwerew spots relatati mal-Baġit 2025

L-Awtorità kellha quddiemha akkuża kontra l-PBS li tirreferi għat-trażmissjoni tat-30 ta' Ottubru 2024, fejn ixxandru spots mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità u dan minkejja l-ħruġ tad-Direttiva. Dawn l-ispots ixxandru fuq TVM qabel l-aħbarijiet tat-20:00 u fid-21:00 qabel il-programm Popolin. Dan seħħ bi ksur ta' Artiklu 15 ta' Kap.350.

Il-Bord ħa nota tal-fatt li l-PBS ma dehrux biex jikkontestaw din l-akkuża minkejja li kien skada l-ħin tas-smigħ (15:49). Għaldaqstant il-Bord aġġorna għad-deċiżjoni.

Wara li l-Kap Eżekuttiv allargat mis-seduta, il-Bord għadda sabiex jiddeċiedi l-akkuża.

Il-Bord ħa konjizzjoni tal-akkuża appuntata għal-lum, ħa konjizzjoni tad-digriet tiegħu tal-lum stess wara talba għal differiment tax-xandar PBS Ltd għal dan is-smigħ. Din it-talba ġiet miċħuda. Wara li sema' lill-Kap Eżekuttiv fuq l-akkuża, ra li l-PBS ma dehritx sabiex tiddefendi l-akkuża fil-konfront tagħha. Il-Bord iddeċieda li l-akkuża ġiet approvata u mmultat lill-PBS is-somma ta' €4,660 skont Skeda ta' Kap.350 sa xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord tal-Awtorità ordna li a tenur ta' Artiklu 41(7) ta' Kap.350 irid jixxandar ukoll dan is-sunt fil-bullettin tal-aħbarijiet tat-20:00 ta' jum wara din id-deċiżjoni.

*"Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab lill-Public Broadcasting Services Limited responsabbli għal ksur tad-Direttiva maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir fit-30 t'Ottubru 2024, wara li xandar spots relatati mal-Baġit qabel ma ressaq l-istess għall-approvazzjoni tal-Awtorità tax-Xandir. Għalhekk il-PBS ġie mmultat is-somma ta' €4,660 għal dan il-ksur, liema ammont irid jitħallas fi żmien xahar."*

7 ta' Novembru 2024

*Ref.: 65/01*
*Smigħ 14_24*
*Numru 7*

## Akkuża kontra l-PBS Ltd datata 4 ta' Novembru 2024 rigward trażmissjoni tal-31 t'Ottubru 2024 meta ntwerew spots relatati mal-Baġit 2025

L-Awtorità kellha quddiemha akkuża dwar spot relatat mal-Baġit mingħajr l-approvazzjoni tagħha u li xxandar fil-31 t'Ottubru 2024 fuq TVM qabel l-aħbarijiet tat-20:00 u fid-21:27 u TVM+ qabel l-aħbarijiet tas-18:00 u tat-20:00.

Il-Bord ħa nota tal-fatt li l-PBS ma dehrux biex jikkontestaw din l-akkuża meta kienu saru l-15:55 u għalhekk aġġorna għad-deċiżjoni.

Wara li l-Kap Eżekuttiv allargat mis-seduta, il-Bord għadda sabiex jiddeċiedi l-akkuża.

Il-Bord ħa konjizzjoni tal-akkuża appuntata għal-lum, ħa konjizzjoni tad-digriet tiegħu tal-lum stess wara talba għal differiment mill-PBS Ltd għal dan is-smigħ, liema talba ġiet miċħuda. Wara li l-Bord sema' lill-Kap Eżekuttiv fuq l-akkuża u ra li l-PBS ma dehritx sabiex tiddefendi l-akkuża fil-konfront tagħha, iddeċieda li l-akkuża ġiet approvata, immulta lill-PBS is-somma ta' €4,660 skont Skeda ta' Kap.350 u din għandha titħallas sa xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord tal-Awtorità ordna li a tenur ta' Artiklu 41(7) ta' Kap.350 irid jixxandar ukoll dan is-sunt fil-bullettin tal-aħbarijiet tat-20:00 ta' jum wara din id-deċiżjoni.

*"Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab lill-Public Broadcasting Services Limited responsabbli għall-ksur tad-Direttiva maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir fil-31 t'Ottubru 2024, wara li xandar spots relatati mal-Baġit qabel ma ressaq l-istess għall-approvazzjoni tal-Awtorità tax-Xandir. Il-PBS ġie mmultat is-somma ta' €4,660 għal dan il-ksur liema ammont irid jitħallas fi żmien xahar."*

7 ta' Novembru 2024

*Ref.:65/01*
*Smigħ 14_24*
*Numru 8*

**Deċiżjoni rigward akkuża fil-konfront tal-PBS Ltd datata 25 ta' Novembru rigward il-programm Popolin imxandar fuq TVM fl-20 ta' Novembru 2024**

L-Awtorità kellha akkuża fil-konfront tal-PBS Ltd rigward il-programm Popolin li xxandar fuq TVM fl-20 ta' Novembru 2024 minħabba li kif spjegat il-Kap Eżekuttiv kien jikser Artiklu 13(2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir.

F'seduta tal-11 ta' Diċembru 2024, l-Awtorità semgħet lill-Kap Eżekuttiv li qalet li l-programm Popolin tal-20 ta' Novembru kien jittratta t-turiżmu f'Malta kif kienet ukoll tindika l-caption waqt il-programm iżda qalet li l-preżentatur fl-introduzzjoni tiegħu ta prominenza kbira lill-avveniment SIGMA u deher li l-programm kien relatat ma' dan l-avveniment u l-impatt li ħalla f'Malta b'referenza wkoll għat-tip ta' turiżmu f'Malta. Qalet li kien se jittratta partikolarment il-kontroversja dwar it-traffiku li din l-attività ħolqot. Spjegat li hi tħoss li kien hemm żbilanċ għaliex il-Ministru ngħaqad virtwalment u kien hemm interventi fl-istudio tax-Shadow Minister kif ukoll kelliema oħra, apparti wkoll żewġ sindki ta' Swieqi u ta' San Ġiljan li lkoll ikkritikaw lill-Gvern tal-ġurnata. Qalet li l-mod kif kienu komposti l-panels, anke b'differenza ta' edizzjonijiet oħra tal-istess programm Popolin ikkontribwew għal żbilanċ.

Għas-smigħ dehru wkoll l-Inġ. Charles Dalli u l-Kap Eżekuttiv l-Inġ Keith Chetcuti kif ukoll Dr Mark Vassallo, rappreżentant legali tal-PBS li ngħaqad b'mod virtwali. Dr Vassallo qabel ma spjega l-każ staqsa lill-Kap Eżekuttiv kienx hemm ilment mill-Partit Laburista dwar dan l-istess programm u jekk ġiex appuntat is-smigħ u kemm fadal żmien biex jiskadi t-terminu ta' smigħ.

Il-Kap Eżekuttiv wieġbet li kien hemm ilment mill-Partit Laburista iżda wara r-risposta tal-PBS, il-Partit Laburista kien għadu ma talabx għas-smigħ. Qalet li kien fadal madwar tlett ijiem biex jingħalaq it-terminu ta' 15-il jum mid-data tar-risposta.

Dr Mark Vassallo spjega li meta ssir stedina lill-individwi li jiffurmaw parti mill-partiti politiċi, f'dan il-każ ġie mistieden is-Sur Albert Buttigieg, iżda l-Partit Nazzjonalista rriserva d-dritt li jibgħat lil xi ħaddieħor. Popolin f'dan il-każ stieden lis-Sur Albert Buttigieg u minflok il-Partit Nazzjonalista informa lill-PBS li jista' jistieden lil Dr Mario De Marco. Il-PBS imbagħad estenda l-istedina lill-Ministru tal-Ekonomija Silvio Schembri. Dr Mark Vassallo qal li l-kummenti tiegħu bħala r-rappreżentant tal-istazzjon qegħdin kollha fit-tweġiba li l-istazzjon ta għall-ilment tal-Partit Laburista li kien diġà intbagħat lill-Awtorità.

Dr Peter Fenech, membru tal-Bord, staqsa għal kjarifika tal-mistednin. Il-Kap Eżekuttiv tat risposti għal dawn u kkonfermat li l-persuni mistiedna li fosthom kien hemm is-Sur Carlo Micallef, is-Sur Andrew Agius Muscat, Dr Mario De Marco, is-Sinjura Marthese Portelli, is-Sur Sergio Mallia, is-Sur Adrian Mizzi u s-Sur Matthew Pace. Kien hemm panel ieħor magħmul fost l-oħrajn mill-Perit David Xuereb u s-sindki tas-Swieqi u San Ġiljan.

Il-Bord ħa nota tas-sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet wara li kemm il-Kap Eżekuttiv kif ukoll ir-rappreżentanti tal-PBS ħallew is-seduta tas-smigħ u qed jilqa' din l-akkuża. Qiegħed għalhekk, skont Art.41(4)(a) ta' Kap.350, iwiddeb lill-istazzjon sabiex ikun iżjed diliġenti fl-għażla tal-panel.

Skont l-Art.41(7) ta' Kap.350, l-istazzjon qed jiġi ordnat jaqra dan is-sunt li għandu jiġi moqri sa 48 siegħa u jkun kif ġej:

> "*Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab lill-PBS ħati ta' ksur ta' Artiklu 13(2)(f) dwar l-Att dwar ix-Xandir, meta fil-programm Popolin tal-20 ta' Novembru 2024 ġie ravviżat panel mhux bilanċjat li b'riżultat ta' hekk l-interventi ma kinux bilanċjati f'dan il-programm u ta twissija. Għalhekk wissa lill-istazzjon sabiex ikun iżjed kawt fl-għażliet ta' panels f'kull programm ta' dan il-ġeneru.*"

Ref: 65/01

21 ta' Diċembru 2024

# ANNEX B
# BOARD DECISIONS-COMPLAINTS

**Deċiżjoni dwar l-ilment assistit bl-akkuża, imressaq mill-Partit Imperium Europa kontra RTK 103 rigward kliem defamanti u abbużiv fil-konfront tas-Sur Norman Lowell mill-Prof. Andrew Azzopardi waqt il-programm Andrew Azzopardi on RTK103 tal-14 ta'Ottubru 2023**

Dan l-ilment tressaq mis-Sur Josiah Vella, Segretarju tal-Partit Imperium Europa nhar it-30 t'Ottubru 2023 minħabba dak li hu sejjaħ malizzja u diskriminazzjoni li l-Prof. Andrew Azzopardi konxjament u intenzjonalment ħoloq b'rimarki dikjarattivi fuq il-Kap tal-istess Partit, is-Sur Norman Lowell, u dan matul il-programm tiegħu 'Andrew Azzopardi on RTK103' nhar l-14 t'Ottubru 2023.

Stante li dan l-ilment jikkwalifika bħala lment taħt ir-regolament 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.07, inkwantu l-lanjanza tista' tikkwalifika bħala ksur tal-Artikolu 34 (1) (a) tal-Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Awtorità, ai termini tal-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja, akkuzat lix-Xandar b'din id-dispożizzjoni in segwitu għal dan l-ilment.

F'email li s-Sur Josiah Vella bagħat lil RTK103 dakinhar tax-xandira, hu qal li l-preżentatur għamel theddida diretta lill-Awtorità tax-Xandir meta wissa li hu mhux se jistieden lis-Sur Lowell, la jekk jintrabat mal-bieb u anqas fl-isfond ta' Direttiva. Is-Sur Josiah Vella kkundanna dan l-aġir permezz tal-komunikazzjoni mal-istazzjon RTK103 li inkludiet referenzi għal ksur tal-imparzjalità u bilanċ u li nħolqu permezz tal-minaċċja u ċensura politika.

Fir-risposta mibgħuta mis-Sur Kevin Papagiorcopulo, ix-xandar offra li jinqara sunt, bil-Partit Imperium Europa jilmenta li dan kien se jqiegħdu f'pożizzjoni agħar minħabba t-taħlit tal-prinċipji reliġjużi ma' temi ta' ġrajjiet kurrenti. Fl-istess skambju ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, is-Sur Josiah Vella ssuġġerixxa test ieħor li x-xandar oġġezzjona għalih. Għalhekk il-Partit Imperium Europa ressaq l-ilment quddiem il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir nhar it-30 t'Ottubru 2023, fejn talab ukoll lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tieħu konjizzjoni tar-raba' paragrafu tal-L.S.350.07. L-Awtorità laqgħet din it-talba a bażi ta' ksur ta' Art. 34 ta' Kap. 350 u appuntat is-smigħ għall-11 ta' Jannar 2024, wara li ġiet milqugħa talba mill-istazzjon għal differiment.

Matul is-smigħ, Dr Joanna Spiteri, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, spjegat li hi kienet aċċettat stedina għal dan il-programm mal-Prof. Andrew Azzopardi u li matulu saru kummenti li hi ħasset li jmorru kontra Art. 34 (1)(a) tal-Att dwar ix-Xandir. Qalet li l-Awtorità kienet qed tirreferi għal potenzjalment ksur skont Art.4 tal-L.S.350.07. Il-Kap Eżekuttiv iddefiniet il-kummenti tal-Prof. Andrew Azzopardi bħala minaċċjanti kontra l-istess Awtorità meta saru fil-konfront tagħha. Hi rrimarkat li l-istess preżentatur kien diġà kiser direttiva maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir waqt l-Elezzjoni Ġenerali tal-2022. Għalhekk staqsiet jekk dan hux ser jerġa' jseħħ fil-kuntest tad-Direttiva li se tinħareġ għall-Elezzjonijiet tal-MEP tas-sena 2024, kif iddikjara l-Prof. Andrew Azzopardi.

Wara li nstemgħet dik il-parti tal-programm li għaliha lmenta l-Partit Imperium Europa, is-Sur Josiah Vella qal li ħafna mill-affarijiet ħarġu mill-istess stqarrija tal-preżentatur u spjega li hu kien bagħat sunt lix-xandar u li ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar it-test li jrid jiġi moqri bħala dritt ta' risposta.

Dr Maurice Meli, konsulent legali għal RTK103, wieġeb li minkejja d-dikjarazzjoni tal-Prof.

Andrew Azzopardi, ma jfissirx li l-bibien ta' RTK103 huma magħluqin għall-Partit Imperium Europa. Qal ukoll li Dr Adriano Spiteri, li dakinhar kien esponent tal-Partit Imperium Europa, kien saħansitra mistieden fuq l-istess stazzjon fl-2020 u għadda l-veduti tiegħu waqt l-istess programm kondott mill-istess preżentatur. Dr Maurice Meli kkonkluda li dan kien jixhed għall-fatt li x-xandar ma kienx qed joħloq forom ta' ċensura kontra l-Partit Imperium Europa. Dr Maurice Meli stieden lis-Sur Kevin Papagiorcopulo jesibixxi tliet sentenzi, tnejn mogħtija mill-Awtorità tax-Xandir dwar kummenti mis-Sur Norman Lowell u waħda mill-Imħallef Lawrence Quintano fl-2013. Dr Maurice Meli staqsa wkoll x'kienet eżattament il-ħsara li l-Partit Imperium Europa kien qed jalludi għaliha.

Is-Sur Charles Sammut, teżorier tal-Partit Imperium Europa, wieġeb li bil-kliem li ntqal ġie nġurjat il-Kap tal-Partit Imperium Europa meta ġie riferit mill-Prof. Andrew Azzopardi b'mod impudenti bħala razzist u xenofobiku u meta fis-sentenza tal-Imħallef Lawrence Quintano tal-2013, li x-xandar irrefera għaliha matul il-korrispondenza ta' qabel is-smigħ, sabet lis-Sur Norman Lowell ħati fuq il-probabbiltà ta' razziżmu. Hu spjega li l-Prof. Andrew Azzopardi mar oltre minn hekk għaliex saħansitra ddikjara, u dan minkejja li stazzjon huwa liċenzjat li jxandar programmi dwar ġrajjiet kurrenti fejn obbligat iħaddan l-elementi ta' Art.13 u Art.34 ta' Kap.350, li matul il-programm tiegħu fuq RTK103 mhux biss mhux se jkun mistieden il-Kap tal-Partit iżda li saħansitra lest jikser direttivi maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir. Is-Sur Charles Sammut qal li din tammonta għal ċensura u diskriminazzjoni politika lampanti u li minħabba fiha ma jistgħux jinstemgħu punti di vista differenti kif titlob il-liġi.

F'intervent qsajjar, is-Sur Norman Lowell qal li l-intenzjoni tal-Partit mhix li jiġi mmultat RTK103 ta' nuqqas ikkawżat mill-Prof. Andrew Azzopardi, iżda li ssir ġustizzja.

Il-Bord wieżen l-argumenti mressqa u ddeċieda li jilqa' l-ilment fis-sens li, il-kummenti tal-Prof. Andrew Azzopardi kienu barra minn posthom u tbiegħdu minn sempliċi opinjoni, iżda ammontaw għal dikjarazzjoni. Il-Bord qies ukoll li l-preżentatur seta' ressaq l-argument bla ma jsemmi persuni partikolari u nnota li x-xandar la ħareġ ebda stqarrija sabiex jallontana ruħu mill-veduti tal-preżentatur, u f'kull każ, xorta waħda jibqa' responsabbli għall-kontenut tax-xandira.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jilqa' l-ilment tal-Partit Imperium Europa u konsegwentement qed jiddikjara ksur tal-Artikolu 34(1)(a) tal-Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta, reat li jġorr miegħu penali ta' €1,750, u konsegwentement qed jikkundanna lill-istazzjoni RTK103 iħallas din il-penali ta' €1,750.

Peress li l-istess stazzjon, permezz tad-deċiżjoni ta' nhar l-4 ta' Awwissu 2022, kien ingħata penali ta' €4,660 ai termini tal-Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta kontra nuqqasijiet oħra, liema penali però kienet sospiża għall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tal-istess deċiżjoni, u stante li din l-offiża twettqet matul dak il-perjodu operattiv ta' dik id-deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2022, il-Bord ma kellux triq oħra għajr li jordna wkoll il-ħlas immedjat tal-istess penali, għal total ta' €6,410, liema ammont komplessiv għandu jitħallas mill-istazzjon RTK103 sa mhux aktar tard minn 60 jum mid-data ta' din id-deċiżjoni.

22 ta' Jannar 2024
*Smigħ 01/2024 Numru 4*
*Ref:88/23*

**Deċiżjoni dwar l-ilment imressaq mis-Sur Andrew Mangion kontra l-PBS rigward promozzjoni tal-programm Popolin tad-29 ta' Novembru 2023**

L-Awtorità ġiet rikjesta tappunta s-smigħ wara li l-partijiet ikkomunikaw bejniethom hekk kif titlob il-L.S.350.06. Matul din il-komunikazzjoni s-Sur Andrew Mangion kiteb li qiegħda tintwera promozzjoni tal-programm Popolin li, permezz tagħha, kien muri ritratt ta' martu Eleanor Mangion Walker, bħala persuna li kienet għamlet rapport dwar vjolenza domestika. Is-Sur Andrew Mangion spjega li huwa qiegħed jiġi mixli bl-omiċidju tagħha u sostna li permezz tal-promozzjoni, TVM u l-programm 'Popolin' kienu qegħdin jaggravawh u jimmalafamawh għax il-mara tiegħu qatt ma għamlet rapporti ta' vjolenza domestika kif il-promozzjoni kienet qed talludi bi ħsara lejn ir-reputazzjoni tiegħu f'każ sub-judice. Hu insista li s-Sinjura Eleanor Mangion Walker qatt ma kienet għamlet rapport lill-pulizija kontra tiegħu u talab lill-PBS sabiex ineħħi r-ritratt tagħha.

Fl-1 ta' Diċembru 2023, is-Sur Andrew Mangion kiteb lill-Awtorità tax-Xandir b'talba sabiex il-Bord jappunta data għas-smigħ. Il-Bord appunta dan is-smigħ għall-11 ta' Jannar 2024.

Matul dan is-smigħ is-Sur Andrew Mangion kien assistit mis-Sur Simon Dalton filwaqt li għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli u l-Avukat Dr Shaun Zammit.

Is-Sur Simon Dalton qal li fil-promozzjoni tal-programm intqal li s-Sinjura Eleanor Mangion Walker qatt ma għamlet rapporti lill-pulizija dwar vjolenza domestika u li l-każ kien sub-judice. Qal li n-nisa l-oħra murija fl-istess promozzjoni kienu għamlu rapport lill-pulizija, minbarra s-Sinjura Eleanor Mangion Walker.

L-Inġ. Dalli, editur tal-istazzjon nazzjonali, wieġeb li din l-informazzjoni ttieħdet minn risposta uffiċjali għal mistoqsija parlamentari u ppreżenta kopja ta' din it-tweġiba. Qal ukoll li l-linja editorjali ma għandhiex issib ostakli u kkonferma li l-istazzjon ħa azzjoni immedjata billi fit-tieni verżjoni tal-promozzjoni tal-programm sar tibdil abbażi ta' dak mitlub mil-lanjant.

Il-Bord wera l-promozzjoni li s-Sur Andrew Mangion kien qed jilmenta dwarha. Ix-xandar ġie wkoll mistoqsi mill-Bord jekk is-Sur Andrew Mangion kellux xi forma ta' risposta mill-PBS. Ir-risposta tal-Inġ. Charles Dalli kienet fil-pożittiv.

Is-Sur Simon Dalton irrimarka li omiċidju u vjolenza domestika huma żewġ reati kompletament diversi filwaqt li l-Inġ. Charles Dalli tenna li l-programm kien strettament fuq vjolenza domestika.

Iċ-Chairperson qara r-risposta għal din il-mistoqsija parlamentari, imwieġba mill-Onor. Michael Falzon, li fiha kien hemm inkluża s-Sinjura Eleanor Mangion Walker.

Wara li l-partijiet ikkonkludew il-veduti tagħhom u ppreżentaw il-fatti, il-Bord għadda sabiex jikkunsidra dan l-ilment. Il-Bord innota li l-kunċett ta' vjolenza domestika huwa wiesa' ħafna u li l-femiċidju huwa forma ta' vjolenza assoluta. Innota wkoll li l-istazzjon għamel il-kambjamenti rikjesti fl-immedjat wara li rċieva l-ilment. Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord ma laqax l-ilment.

22 ta' Jannar 2024
*Smigħ 01/2024 Numru 6*
*Ref: 95/23*

**Deċiżjoni dwar ilment imressaq mill-Prof. Kevin Cassar kontra ONE rigward talba ta' dritt ta' risposta li talab lill-istazzjon dwar l-aħbarijiet tad-19 ta' Diċembru 2023**

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-Prof. Kevin Cassar nhar id-29 ta' Diċembru 2023. Dan isegwi żewġ emails li hu bagħat lill-istazzjon fid-19 u l-20 ta' Diċembru 2023 li permezz tagħhom hu lmenta dwar il-bullettin ta' ONE News tad-19 ta' Diċembru kif ukoll talab dritt ta' risposta għal artiklu 'Ħaten BFA jgħid li l-Laburisti huma l-inqas edukati fil-pajjiż', ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-istazzjon. Prof. Kevin Cassar ċaħad li hu kiteb li l-Laburisti huma l-inqas edukati fil-pajjiz kif kienu qed jgħidu ONE u qal ukoll li ma kienx irċieva tweġiba mill-istazzjon.

Fit-talba għas-smigħ indirizzata lill-Awtorità tax-Xandir, Prof. Kevin Cassar ilmenta li fil-bullettin tal-aħbarijiet tad-19 ta' Diċembru 2023 intwerew ukoll it-tfal tiegħu.

Għall-ilment li nstema' fil-11 ta' Jannar 2024, Prof. Kevin Cassar ingħaqad b'mod virtwali filwaqt li għal ONE dehru s-Sinjura Ruth Vella, Chairperson tal-ONE, kif ukoll Dr Ramona Attard bħala konsulent legali.

Prof. Kevin Cassar qal li l-ilment jirrigwarda item fuq l-aħbarijiet dwaru minn ONE. Qal li ONE News semmew li 'Kevin Cassar infexx f'tgħajjir 'ġdid' fil-konfront tal-Laburisti'. Kompla li dan ma kien minnu xejn u li hu talab għal dritt ta' risposta u mhux talli ma ngħatax dan, talli anqas biss irċieva risposta għall-komunikazzjoni tiegħu.  Semma wkoll li r-rapport ta' ONE News irrapporta dak li hu allegatament qal, cioè li l-Laburisti iżjed injoranti, u saħaq li dan qatt ma qalu.

Dr Ramona Attard staqsiet għat-transcript u nnutat li l-kelma "ġdid" kienet mankanti. Il-Bord minnufih irrimarka li din il-kelma kienet madankollu inkluża f'sezzjoni oħra tar-rapport.

Dr Ramona Attard saħqet li  l-artiklu nibet minn artiklu miktub mill-Prof. Kevin Cassar innifsu u li kien intitolat *Triple Whammy*, ippubblikat minn The Shift News. Hi qrat siltiet minn dan l-artiklu u esebiet diversi artikli fejn il-Prof. Kevin Cassar għamel rimarki simili. Minn dawn ir-rapporti hi kkonkludiet li l-Prof. Kevin Cassar kjarament kien qed iressaq ilment kontra kliem li hu stess kien kiteb f'diversi drabi u okkażjonijiet. Għalhekk ma setgħetx tifhem għaliex ried dritt ta' risposta.

Fir-risposta tiegħu l-Prof. Kevin Cassar tenna li hu kkwota l-istħarriġ tal-MaltaToday li jindika li s-sapport għall-Partit Laburista huwa iżjed b'saħħtu fis-settur ta' nies b'edukazzjoni iżjed bażika. Qal li tkun injorant u mhux edukat mhumiex l-istess u dan il-kliem ma użahx. Spjega li dak li kien qed jingħad, cioè li l-Partit Laburista huwa appoġġjat minn nies inqas edukati, mhux veru. Anzi, qal li hemm nies edukati ħafna li jappoġġjaw il-Partit Laburista u li hemm nies mhux edukati li jappoġġjaw lill-Partit Nazzjonalista. Qal li fir-rapport tal-aħbarijiet  ma hemmx lok għall-opinjoni u li jeżisti l-obbligu li wieħed ikun bilanċjat. Semma wkoll li qabel ma kamra tal-aħbarijiet tagħmel rapport fuq individwu, il-prassi titlob li xandar jikkuntattja l-persuna; iżda dan ma sarx. Ikkonkluda billi semma li hu qatt ma "nfexx f'tgħajjir" sempliċiment għax kwota stħarriġ.  Waqt is-smigħ, il-Prof. Kevin Cassar qal li fir-rapport

tal-aħbarijiet saħansitra nġiebu wkoll it-tfal tiegħu waqt li kienet qed issir referenza għall-istħarriġ politiku. Semma wkoll serje ta' kummenti li dan ir-rapport tal-aħbarijiet attira fuq il-pjattaforma Facebook, tali kummenti huma altament dispreġġjattivi u abbużivi.

Fir-replika tagħha Dr Ramona Attard qalet li kwalunkwe theddid kontra kwalunkwe persuna mhux ġustifikat u huwa kundannabbli. Rigward il-kwistjoni tat-tfal, Dr Ramona Attard qalet li mhix konoxxenti ta' dan. Qalet li l-istħarriġ tal-Malta Today, li kien qed isemmi u li esebiet, inħareġ wara ċerti artikli li kiteb hu stess. Dr Ramona Attard qablet li meta tagħmel storja fuq xi ħadd idealment tieħu l-verżjoni tiegħu iżda din kienet kwistjoni li dak li kiteb il-Prof. Kevin Cassar ġie riprodott f'dan il-feature. Dr Ramona Attard qalet li l-Prof Kevin Cassar kien qed jistenna prattika li lanqas hu ma jħaddan għaliex fil-kitba tiegħu jirreferi għall-persuni, f'dan il-każ anke ġurnalisti u ma talabx l-opinjoni tagħhom.

Il-Bord għadda sabiex jikkunsidra dan l-ilment skont il-fatti mressqa u cioè biex jgħarbel jekk il-feature mxandar u li wassal għall-ilment kienx qed jikser xi proviżjonijiet tax-xandir. Il-Bord jidhirlu li l-feature li xxandar fil-bullettin tal-aħbarijiet kien ibbażat fuq artiklu miktub mill-istess Professur Cassar sorrett minn artikli preċedenti li ttrattaw l-istess suġġett. Filwaqt li l-Bord jinnota li s-sens ta' dak irrapportat kien jirrifletti dak li fuqu kiteb l-istess awtur, il-Bord jidhirlu li l-kwotazzjonijiet attribwiti lill-Professur Cassar fil-bullettin ma kinux kollha jirriżultaw fil-kitba tal-istess Professur. Dan il-fatt waħdu xorta waħda ma jimmeritax li jintlaqa' l-ilment peress li ħolistikament ir-rappurtaġġ kien jirrifletti dak li fuqu kien kiteb l-istess Professur Cassar. Għal din ir-raġuni l-ilment mhux qed jintlaqa'.

22 ta' Jannar 2024<br>
*Smigħ 01/2024 Numru 9*<br>
*Ref: 100/23*

## Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Prof. Kevin Cassar vs ONE News dwar item tal-aħbarijiet imxandra fil-bullettin tal-aħbarijiet tal-21 ta' Jannar 2024

L-Awtorità ħadet konjizzjoni tal-ilment imressaq mill-Prof. Kevin Cassar kontra ONE News fejn fil-21 ta' Jannar 2024, hu kkwota silta mill-item inkwistjoni li tgħid li huwa "kien jikteb biex fil-Partit Nazzjonalista jitpoġġa Dr Bernard Grech bħala Kap". Filwaqt li stqarr li huwa qatt ma kiteb dan il-kliem, talab dritt ta' risposta u korrezzjoni tal-inkorrettezza li qal li kien hemm fl-item. Huwa temm jitlob li jixxandar hekk: "Kontra dak li xxandar fl-aħbarijiet tal-21 ta' Jannar, ONE jixtieq jikkoreġi r-rapport. Il-Professur Cassar qatt ma kiteb 'biex fil-Partit Nazzjonalista jitpoġġa Bernard Grech bħala Kap". L-istazzjon baqa' ma weġibx għal dan l-ilment, għaldaqstant il-Prof. Kevin Cassar talab għas-smigħ skont il-proċedura tal-L.S.350.06.

Matul is-smigħ tal-14 ta' Marzu 2024, dehru l-Prof. Kevin Cassar bħala l-persuna li ressqet l-ilment, is-Sur Josef Caruana, editur ta' ONE u Dr Ramona Attard bħala r-rappreżentant legali ta' ONE.

Il-Prof. Kevin Cassar spjega li fil-bullettin tal-aħbarijiet tal-21 ta' Jannar 2024 kien hemm rapport dwar kritika fuq il-Gvern Laburista fejn issemma wkoll hu u li r-rappurtaġġ kien jikkontjeni parti li ma kinitx veritiera. Il-Prof. Kevin Cassar spjega kif rapport jista' jsemmi diversi affarijiet li jkunu veri, biss ma jistax jitqies ħolistikament korrett jekk jinkludi gidba. Hu spjega li ma kienx minnu li kiteb sabiex Dr Bernard Grech ikun Kap tal-PN kif allegat fis-servizz matul il-bullettin tal-aħbarijiet.

Fir-risposta tagħha Dr Ramona Attard qalet li dan kollu jista' jiġi dedott minn kitba ta' Prof. Kevin Cassar. Hi ppreżentat numru ta' artikli mill-ġurnali u siti oħra, miktuba bejn l-2017 u l-2021 u qrat diversi siltiet minn dawn l-artikli in sosten tal-argument tagħha kontra l-ilment.

Il-Prof. Kevin Cassar wieġeb li mkien f'dawn l-artikli ma hemm referenzi għall-kummenti lmentati minnu u skont it-traskrizzjoni tal-21 ta' Jannar 2024. Qal li fl-ebda wieħed mill-artikli preżentati ma kiteb li Dr Bernard Grech għandu jkun Kap. Innota wkoll li l-artikli riferiti nkitbu wara li Dr Bernard Grech kien diġà sar Kap u mhux qabel.

Fil-kumment finali, Dr Ramona Attard qalet li Dr Bernard Grech inħatar Kap tal-Oppożizzjoni fit-3 t'Ottubru 2020 u li awtomatikament, bejn żewġ kontestanti, kritika fuq wieħed tittieħed bħala appoġġ għall-ieħor.

Wara li telqu l-partijiet il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir għadda sabiex jevalwa l-fatti mressqa, inkluż id-dokumenti esebiti u t-traskrizzjoni tal-bullettin tal-21 ta' Jannar 2024.

F'wieħed mill-artikli datat 23 ta' Settembru 2020, cioè ftit ġimgħat qabel il-ħatra ta' Dr Bernard Grech, il-Prof. Kevin Cassar kiteb hekk fuq Newsbook Malta:

> *The two men are poles apart. Grech acknowledged his error, sorted it out and expressed regret*

kif ukoll:

> *"the time for lies is over" he declared. It will be once the party members have the wisdom to dump him*

Il-Bord iħoss li filwaqt li l-Prof. Kevin Cassar ma tax l-appoġġ tiegħu għal Dr Bernard Grech b'mod espliċitu, madankollu għamel dan b'mod impliċitu fejn fil-kontestazzjoni bejn żewġ membri hu attakka wieħed mill-kontestanti filwaqt li esprima li hemm baħar jaqsam bejnu u bejn il-kontestant l-ieħor. Għaldaqstant il-Bord iħoss li x-xandira ma kinitx waħda infundata għaliex ir-riżultat dirett ta' kritika negattiva u ċara fuq kontestant ma tħalli ebda dubju tar-riżultat mistenni mill-awtur bejn iż-żewġ kontestanti, speċjalment meta din il-kritika ssir ftit jiem qabel din l-elezzjoni. Għal dawn ir-raġunjiet l-ilment mhux jintlaqa'.

19 ta' Marzu 2024
*Smigħ 03/2024 Numru 4*
*Ref: 3/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") rigward TVM News tad-29 ta' Jannar 2024 stqarrija tal-Kamra tal-Avukati, stqarrija tal-Għaqda Studenti tal-Liġi għal dak li qal il-Prim Ministru dwar il-ġudikatura u reazzjoni tal-Għaqda Repubblika**

---

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra PBS rigward TVM News tad-29 ta' Jannar 2024 dwar ir-reazzjoni għal dak li qal il-Prim Ministru dwar il-ġudikatura u l-istqarrijiet tal-Kamra tal-Avukati u l-Għaqda Studenti tal-Liġi u aħbar tal-Għaqda Repubblika.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino ta sfond tal-ilment imressaq u qal li nhar id-29 ta' Jannar 2024, PBS xandar aħbar tal-Għaqda Repubblika li matulha kien hemm typo u minflok "PM", inkiteb "PN". Għalhekk inbidel is-sens kollu tal-aħbar għaliex il-kritika tal-President tal-Għaqda Repubblika ġie allura kwotat li qed jikkundanna lill-PN u mhux lill-Prim Ministru. Dr Michael Piccinino semma wkoll li kemm l-istqarrija tal-Għaqda Studenti tal-Liġi kif ukoll dik tal-Kamra tal-Avukati, li ma ġewx rappurtati fl-istess servizz.

Dr Mark Vassallo wieġeb li l-aħbar tal-Kamra tal-Avukati xxandret wara l-ilment, cioè fis-7 ta' Frar 2024 u li malli PBS intebaħ bit-typo, għamel rettifika immedjata.

Il-Bord ikkonferma l-fatt li x-xandar tassew kien irrimedja l-iżball filwaqt li xandar ukoll l-istqarrija tal-Kamra tal-Avukati. Madankollu x-xandar pubbliku naqas milli jirrimedja l-iżball fil-pront kif titlob is-serjetà ġurnalistika u filwaqt li ma rrispondiex lill-persuna li qed tilmenta fil-ħin stipulat mil-liġi, ħalla żmien twil wisq biex jirrikonoxxi u jirrimedja. Għalhekk din id-deċiżjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala rimedju effettiv fiċ-ċirkustanzi stante li dan l-iżball sar waqt bullettin tal-aħbarijiet fejn l-istennija tal-korrettezza hija ferm ogħla minn xandiriet oħrajn. Għal dawn ir-raġunijiet qed jilqa' l-ilment.

1 ta' Marzu 2024<br>
*Smigħ 02/2024 Numru 5*<br>
*Ref: 5/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") rigward TVM News tal-31 ta' Jannar 2024 dwar l-iskema tal-Gvern rigward roħs fil-prezzijiet tal-ikel**

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra PBS rigward TVM News tal-31 ta' Jannar 2024 dwar l-iskema tal-Gvern rigward roħs fil-prezzijiet tal-ikel. Dan l-ilment ġie indirizzat lill-istazzjon pubbliku nhar il-1 ta' Frar 2024, madankollu l-PN ma kienx sodisfatt bir-risposta tax-xandar.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Fl-ilment oriġinali tiegħu, Dr Michael Piccinino elenka numru ta' punti fosthom li din l-istorja kienet ġiet irrappurtata darbtejn bla ma kien hemm ebda fatti ġodda, li r-roħs kien jittratta recommended retail price u mhux dak ta' fuq l-ixkaffa, li dehru prodotti li ma kinux saħansitra mraħħsa taħt l-istess skema, li l-persuna mistiedna kienet il-Kap tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Ekonomija u allura politikament maħtura bħala persuna ta' fiduċja, u li s-servizz kien wieħed estiż għax minn bulletin ta' madwar 30 minuta dam 5 minuti u nofs.

Dr Mark Vassallo talab sabiex jiġi muri s-servizz in kwistjoni seduta stante. Hu rrefera għal Art.2.1 tal-L.S.350.14 u qal li kollox irid jiġi kunsidrat fil-kuntest tiegħu. Spjega li fil-bidu kien hemm intervista mal-maniġer ta' stabbiliment privat u wara kien hemm referenza għal stqarrija tal-Onor. Silvio Schembri segwita minn intervista mas-Sinjura Roberta Albanese Dalli. Hu staqsa kienx hemm ksur ta' Art.119 tal-Kostituzzjoni bl-ispjega ta' din l-iskema kif se taħdem u kif tista' din issarraf f'argument dwar l-imparzjalità "dovuta". Dr Mark Vassallo għalaq l-intervent tiegħu billi qal li l-kultura li l-PBS huwa promotur tal-Gvern hija skorretta u li wieħed jista' jinnota dan jekk jara u jevalwa l-kontenut. Qal li hu ma jħossx li l-PBS għandu jsir bullettin board ta' dak li jintqal mill-partiti politiċi. Ammetta li l-istampa tal-ħuta, li kienet murija fis-servizz, ma kinitx qed turi prodott fl-iskema iżda kompla li bl-ebda mod ma tneħħi l-bilanċ u l-imparzjalità.

Dr Francis Zammit Dimech wieġeb l-għażla tal-prodotti ma kellhiex tinkludi prodotti li ma raħsux. Qal ukoll li biex ma tkunx bulletin board, PBS seta' intervista iżjed nies f'jiem oħra. Għamel referenza wkoll għal reklami li kienu qed isiru fuq l-istess tema.

Il-Bord mhux jilqa' l-ilment għar-raġunijiet segwenti. Is-Sinjura Roberta Albanese Dalli tat rendikont ċar dwar it-tħaddim tas-sistema u ma tkellmitx fuq konnessjonijiet politikament partiġġjani iżda tat spjega teknika. Dwar id-durata tas-servizz anqas ma jinħass li dan kien wieħed eċċessiv inkwantu l-fatt li matulu kien hemm żewġ persuni intervistati fosthom anke saħansitra impjegat ta' azjenda privata. Rigward dawk il-prodotti li ma jaqgħux taħt l-iskema, il-Bord iħoss li għall-fini ta' professjonalità, PBS seta' evita l-użu ta' prodotti li ma jaqgħux taħt l-iskema msemmija ġaladarba kien qed ixandar spjega teknika tal-istess.

1 ta' Marzu 2023<br>
*Smigħ 02/2024 Numru 4*<br>
*Ref: 6/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") kontra l-PBS, nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar 2024 dwar Sound on Tapes ("SOT") li jixxandru fl-aħbarijiet, originarjament dwar il-bullettin tal-1 ta' Frar 2024**

---

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq minn Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-PN, nhar it-2 ta' Frar 2024. Dan l-ilment kien indirizzat lill-Inġ. Charles Dalli, editor-in-chief tal-Public Broadcasting Services ("PBS").

F'dan l-ilment Dr Michael Piccinino ssottometta li kien hemm żbilanċ fis-Sound on Tapes bejn dawk meħuda minn rappreżentanti tal-Gvern, inkluż nies politikament appuntati, u dawk tal-Oppożizzjoni. Oriġinarjament dan l-ilment kien imressaq minħabba intervista mal-Ministru Owen Bonnici rigward il-Eurovision Song Contest.

Għal dan l-ilment ġew skedati żewġ seduti, bl-ewwel waħda organizzata nhar it-22 ta' Frar 2024 u t-tieni skedata għall-14 ta' Marzu 2024. Għaż-żewġ seduti dehru Dr Michael Piccinino u l-Avukat Francis Zammit Dimech għan-nom tal-PN, filwaqt li għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli u l-Avukat Mark Vassallo.

Matul l-ewwel seduta tat-22 ta' Frar 2024, Dr Michael Piccinino talab lill-Bord sabiex jordna lill-Awtorità tressaq persuna mill-monitoraġġ sabiex tippreżenta statistika dwar Sound on Tape minn Marzu tal-2023 'il quddiem. Iċ-Chairman qal li l-Bord kien diġà wieġeb għal din ir-rikjesta u filwaqt li l-PN kien mistenni jressaq il-provi tiegħu sabiex jissustanzja l-ilment tiegħu, il-Bord kien ukoll iggwida lill-PBS sabiex iġib miegħu l-istatistika mitluba. Qal ukoll li l-Awtorità kienet ġiet rikjesta tiġbor l-istess statistika għal skop komparattiv mill-istess Bord.

Matul l-ewwel seduta Dr Michael Piccinino qal li hu ma kellux prova u li t-trattazzjoni tal-argument kien jiddependi fuq l-istatistika li kien talab lill-Awtorità. Hu saħaq li l-argumentazzjoni u l-provi ta' dan l-ilment joħorġu mill-evidenza partikolari li għandha tingħata mill-Awtorità. Qal li d-dritt tas-sors tal-informazzjoni hija l-għażla ta' min jilmenta u allura kien qed jisħaq li jingħata statistika numerika ta' Sound on Tape mogħtija min-naħa tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni. Qal ukoll li hemmx kontroversja politika jew le fuq ċerti Sound on Tape hija tema suġġettiva u li t-talba trid tiġi milqugħa jew miċħuda.

Dr Mark Vassallo għadda l-informazzjoni rikjesta lil Dr Michael Piccinino, madankollu Dr Michael Piccinino baqa' jinsisti li l-Bord kellu jaċċetta t-talba tal-Partit Nazzjonalista biex l-Awtorità tgħaddi l-informazzjoni. Iċ-Chairman fakkru li d-deċiżjoni preċedenti tal-Bord tibqa' tapplika u talab lill-partijiet jallontanaw għal ftit minuti. Meta kompla s-smigħ, Dr Francis Zammit Dimech issolleva li l-obbligu tal-Awtorità mhux biss li tħares lejn l-imparzjalità u

kontroversja politika iżda din għandha wkoll tinkludi l-policy pubblika kurrenti u allura kull indaġini minn naħa tagħha li tipprova tillimita jekk kienx hemm kontroversja politika u jekk din tirrispekkjax dak li tipprovdi għalih il-Kostituzzjoni. Qal ukoll li Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jesiġi tqassim ġust ta' faċilitajiet bejn persuni ta' partiti politiċi differenti.

Iċ-Chairman laqa' r-rikjesta tax-xandar għal differiment peress li l-ilment kien inbidel għal wieħed wisq ġeneriku u għalhekk il-PBS kellu jipprepara d-difiża tiegħu.

Matul it-tieni seduta tal-14 ta' Marzu 2024, Dr Mark Vassallo informa lill-Bord li l-istatistika provduta ġiet imperrċa pubblikament qabel ġie konkluż dan l-ilment.

Dr Michael Piccinino argumenta li l-ilment huwa fuq bilanċ fejn jidħlu SOTs bejn il-Gvern u l-PN bħala l-Oppożizzjoni. Irrefera għad-data tad-29 ta' Marzu 2023 u semma li din kienet id-data meta l-istess Awtorità ħadet deċiżjoni dwar l-istess tema. Preżenta statistika, meħuda minn dik ippreżentata mill-PBS fis-seduta preċedenti u kompla billi qara siltiet mill-ilment oriġinali, fejn ikkonkluda b'referenza għall-istatistika ppreżentata mill-PBS li skont il-kalkolu tiegħu kienet tindika 351 SOT għall-kelliema tal-Gvern u 27 għall-Oppożizzjoni. Qal li filwaqt li l-Bord tal-Awtorità tax-Xandir iggwida lix-xandar sabiex josserva l-element tal-bilanċ, f'deċiżjoni fit-23 t'Awwissu tal-2022 u oħra fid-29 ta' Marzu tat-2023, ix-xandar baqa' jikser din il-gwida. Dr Michael Piccinino spjega wkoll li t-total indikat kien jeskludi kapijiet eżekuttivi, iżda kien jinkludi wkoll lil Dr Lydia Abela, mart il-Prim Ministru.

Fil-kumment qasir tiegħu, Dr Francis Zammit Dimech stqarr li dan huwa d-distakk minimu li hemm bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni. Spjega li minimu għax ma ġewx ikkunsidrati sindki, CEOs, Membri Parlamentari Ewropej u persuni oħra. Qal li l-PN qed jitlob lill-Bord jinforza d-deċiżjonijiet li hu stess qed jagħti inkwantu n-numru ta' SOTs, għaliex kien fit-triq it-tajba. Għamel ukoll referenza għall-Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta bħalma kien għamel fl-ewwel seduta. Dr Francis Zammit Dimech irrefera għal stazzjonijiet barranin u qal li hija xi ħaġa anakronistika li tittieħed pożizzjoni tal-Ministru biss bla ma tittieħed dik tal-Oppożizzjoni. Appella lill-Awtorità sabiex tieħu azzjoni hi stess minn monitoraġġ regolari sabiex dawn id-distakki jiġu regolati għax skontu l-istatistika ma tirriflettix dak mistenni f'soċjetà demokratika.

Dr Mark Vassallo wieġeb għar-referenzi dwar Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u cioè l-imparzjalità u l-bilanċ. Qal li l-liġi titlob li t-tqassim tal-ħin ikun "b'mod xieraq" bejn partiti politiċi differenti u li wieħed ma jridx jinsa li meta dan l-artiklu kien introdott fil-Kostituzzjoni, kien hemm stazzjon wieħed biss, li kien ix-xandir pubbliku. Qal li llum hemm stazzjonijiet oħra iżda l-enfasi tal-bilanċ donnu teżisti għall-PBS biss inkwantu persuni ta' partiti politiċi differenti. Qal li meta wieħed jara l-figuri tal-istatistika, jinħasad għall-ewwel. Iżda bħalma l-figuri ċirkostanzjali jqarrqu u jaħsdu, kif jista' jidher f'dan il-każ, trid madankollu ssir analiżi

ta' dawn l-SOTs. Kompla li x-xandir mhux ibbażat biss fuq SOTs u li anzi, dawn huma parti żgħira mix-xandir ta' madwar 3 sa 5 fil-mija tal-aħbarijiet. Semma li meta l-istazzjon jirċievi stqarrija, din ikollha tinġieb u l-istess aġir qed jiġi mistenni dwar l-SOTs ukoll issa. Skontu, dan ir-raġunament ibiddel l-aħbarijiet f''bulletin board'. Dr Mark Vassallo qara wkoll temi ta' diversi SOTs, fejn ma kinitx teżisti kontroversja politika dwarhom u anqas ma jagħmel sens li tittieħed il-veduta l-oħra għalihom. Dr Mark Vassallo semma wkoll li l-eżerċizzju li qed isir hawn huwa dwar teżistix kontroversja. Fejn din teżisti, wieħed jistaqsi jekk intlaħaqx il-bilanċ mill-istess xandar. Ikkonkluda billi qal li t-telespettatur komuni mhux neċessarjament jifhem x'inhuma SOTs. Qal li mhumiex l-unika mezz biex jintlaħaq bilanċ u li minn dejjem kien hemm konċentrazzjoni ta' dak li qed jagħmel il-Gvern fuq l-aħbarijiet. Temm billi qal li bilfors se jkun hemm żbilanċ u staqsa kif jista' jkun toħloq bilanċ bejn dak li qed jgħid il-Gvern u dak li jgħidu nies minn partiti oħra.

Dr Mark Vassallo għamel referenza wkoll għal Artiklu 13 ta' Kap. 350 u qal li dan jirreferi għall-faċilitajiet u mhux għall-SOTs, fejn il-bilanċ jintlaħaq permezz ta' kull xandira u mhux mill-SOTs biss. Qal li skont l-istess liġi l-bilanċ irid ikun "xieraq" u mhux "numeriku".

Dr Michael Piccinino wieġeb li l-Qorti Kostituzzjonali diġà kienet ikkonkludiet li l-bilanċ irid ikun bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni. Semma diversi eżempji fejn kien hemm SOTs fuq kontroversja politika, nkluż il-baġit, fejn ma kienx hemm SOTs meħuda mill-Oppożizzjoni. Qal li minn Marzu 2023 sal-10 ta' Novembru 2023, kien hemm 14 -il SOT tal-Gvern dwar il-baġit. Semma wkoll diversi eżempji oħra fejn il-kontroversja kienet teżisti.

Dr Francis Zammit Dimech ikkjarifika l-interpretazzjoni u qal li skontu, il-Kostituzzjoni tirreferi għall-current public policy u li din mhix neċessarjament kontroversja politika. Qal li din għandha żewġ fatturi. L-ewwel huwa meta pereżempju l-Prim Ministru jżur pajjiżi oħra u fejn allura jittieħed SOT. F'dawn iċ-ċirkustanzi qal li ma għandhomx jittieħdu SOTs tal-Ministri għax dawn iservu biss biex jikber l-iżbilanċ. Dwar it-tieni, huwa rrefera għal programmi ta' ġrajjiet kurrenti fejn l-Oppożizzjoni qatt ma jkollha vantaġġ numeriku jew oltrè fuq il-Gvern. Għalhekk skontu ma jistax wieħed loġikament jikkonkludi li bl-argument ta' bilanċ ta' 50:50 fi ġrajjiet kurrenti, jiġi kkoreġut żbilanċ ta' 351(Gvern):27(Oppożizzjoni) mill-SOTs fl-aħbarijiet.

Wara li ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet miż-żewġ partijiet, il-Bord għadda sabiex janalizza l-informazzjoni u l-argumenti mressqa kif ukoll jirreferi għal-liġijiet ċitati.

Fid-deċiżjoni tat-23 t'Awwissu 2022, l-Awtorità kienet semgħet ilment dwar bulletin speċifiku, cioè dak tal-14 ta' Lulju 2022. It-tieni parti ta' dan l-ilment kienet tittratta l-iżbilanċ fl-SOTs fejn permezz tal-Avukat Mark Vassallo, ix-xandar pubbliku kien ressaq dawn l-argumenti:

*“Fir-rigward tat-tieni parti tal-ilment Dr Mark Vassallo ppreżenta statistika min-naħa tal-PBS dwar in-numru ta’ press releases li nħarġu mid-DOI u mill-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista u statistika dwar in-numru ta’ Sound on Tape li xxandru fil-bullettini tal-aħbarijiet bejn Mejju u Lulju 2022.”*

Wara li stħarrġet dawn il-fatti l-Awtorità kienet iddeċidiet:

*“F’żewġ seduti li inżammew fit-3 u fit-8 ta’ Awwissu, l-Awtorità semgħet l-ilment tal-Partit Nazzjonalista kontra l-PBS rigward ir-rappurtaġġ tas-sentenza tal-Qorti li fetaħ il-Partit Nazzjonalista kontra l-PBS, l-Awtorità tax-Xandir, il-Ministru ta’ dak iż-żmien Carmelo Abela u l-Avukat tal-Istat. L-Awtorità sabet li l-PBS kien korrett fir-rappurtaġġ tas-sentenza iżda osservat li waqt ir-rappurtaġġ tal-konferenza tal-aħbarijiet minn Dr Bernard Grech b’reazzjoni għall-istess sentenza tal-Qorti, il-PBS ma ħax kumment tal-Kap tal-Oppożizzjoni. L-Awtorità dderiġiet lill-PBS biex tingħata attenzjoni kbira għall-mod meta jittieħdu l-kummenti lill-politiċi. Minħabba l-fatt li mill-istatistika li ġiet esebita waqt is-smigħ jirriżulta żbilanċ qawwi u nett bejn is-Sound on Tape li jittieħdu mill-kelliema tal-Gvern u dawk tal-Oppożizzjoni, l-Awtorità dderiġiet lill-istazzjon biex jaċċerta li jkun hemm rappreżentanza xierqa fin-numru ta’ intervisti li jixxandru matul il-bullettini tal-aħbarijiet bejn il-kelliema tal-Gvern u l-kelliema tal-Oppożizzjoni.”*

Id-deċiżjoni tad-29 ta’ Marzu 2023 kienet dwar SOTs f’dati speċifiċi, cioè dawk li ssemmew fl-ilment, u allura għall-bullettini tat-28 ta’ Frar, l-1 ta’ Marzu u t-2 ta’ Marzu tal-istess sena. F’din id-deċiżjoni l-Awtorità rrimarkat:

*“...l-Awtorità rat li minkejja li n-numru ta’ intervisti mal-kelliema tal-Gvern naqas drastikament qed twissi lill-istazzjon li għandu jagħmel sforz u fejn ikun hemm bżonn isiru intervisti ma’ kelliema tal-Oppożizzjoni u dawn għandhom ikunu inklużi fil-bullettin. Jidher li l-istazzjon għamel sforz biex inaqqas in-numru ta’ intervisti ma’ Ministri, iżda innotat li l-PBS għadu mhux qed jieħu kummenti ta’ kelliema tal-Oppożizzjoni meta u jekk ikun meħtieġ”*

Id-deċiżjoni tal-Awtorità għal dak l-ilment kienet:

*“L-Awtorità rat li n-numru ta’ intervisti mal-kelliema tal-Gvern naqas minn deċiżjoni li kienet ħadet l-istess Awtorità fil-konfront tal-PBS fix-xhur li għaddew, iżda xorta ma tteħdux kummenti minn kelliema tal-Oppożizzjoni. Għaldaqstant l-Awtorità laqgħet l-ilment tal-Partit Nazzjonalista.”*

L-ilment imressaq mill-PN nhar it-2 ta’ Frar 2024 huwa wieħed ġeneriku ħafna għaliex huwa fuq medda twila ta’ żmien u marbut biss mal-SOTs fl-aħbarijiet.

Il-Bord stħarreġ Artiklu 13(f) ta' Kap.350 li jesiġi dwar wieħed mid-doveri marbuta mal-liċenzja tax-xandar, fejn għandha "tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti".

Stħarreġ ukoll Artiklu 119(1) tal-Kostituzzjoni li jippreskrivi li "tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika kurrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti".

Il-Bord għamel ukoll referenza għall-elementi li jikkostitwixxu l-aħbarijiet u li jinkludi voice clips[1] u SOTs[2], coverages[3], mistiedna fl-aħbarijiet biex jagħtu l-veduta tagħhom, kollegamenti, rappurtaġġ ta' konferenzi stampi u stqarrijiet fost elementi oħra. Jinnota wkoll li l-SOTs waħedhom mhumiex dejjem suffiċjenti sabiex fil-mankanza ta' veduti ta' partiti politiċi differenti, jinstab żbilanċ.

Il-Bord huwa għalhekk tal-opinjoni li filwaqt li l-SOTs huma tassew parti mill-bullettin tal-aħbarijiet, l-attenzjoni prinċipali għall-kunċett tal-bilanċ trid tkun fuq ix-xandira intiera. Innota wkoll li l-istatistika numerika mhix ta' importanza ewlenija fejn jidħlu SOTs u dan minħabba diversi raġunijiet fosthom fejn ma tkunx teżisti ebda kontroversja politika jew fejn ma tkunx qed tiġi trattata policy kurrenti. Biss filwaqt li huwa ovvju u mistenni li n-numru ta' SOTs minn kelliema tal-Gvern ikun jeċċedi dak ta' partiti politiċi oħra, ma jistax jingħad li dawn ma għandhomx il-jedd li jibdew kontroversja huma jew inkella li jitilfu l-okkażjoni ta' SOT sempliċiment għall-fatt li ma organizzaw ebda attività speċifika fuq it-tema. Minħabba dawn l-aspetti kollha, ma tistax tixgħel ebda bozza b'mod awtomatiku dwar l-element tal-bilanċ, sempliċiment minn statistika numerika. Dan joħroġ ukoll mill-eżempju ta' meta l-Prim Ministru jagħmel żjara f'pajjiż ieħor u fejn allura ma jkunx hemm dubju li SOT tittieħed f'dan il-każ. Iżda li dan l-eżempju jew sitwazzjonijiet simili jiġu segwiti b'numru ta' SOTs oħra mill-Ministri, dan iservi biss biex jiżdied l-iżbilanċ.

Għalhekk il-Bord għadda sabiex jevalwa t-temi tal-SOTs u osserva li skont l-istatistika tal-Awtorità, bħal fil-każ, pereżempju matul Novembru 2023, ix-xahar tal-Baġit u li matulu kien hemm ukoll strajk organizzat mill-Malta Union of Teachers, kien jeżisti żbilanċ notevoli bejn SOTs tal-Gvern u ta' partiti politiċi differenti.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord mhux sodisfatt bil-grad ta' bilanċ milħuq mix-xandar pubbliku, almenu fix-xhur li matulhom kien hemm aspettattiva raġonevoli ta' veduti politiċi diversi akbar. Il-fatt li l-analiżi tal-bilanċ mhix waħda sempliċi, ma għandhiex isservi bħala difiża awtomatika għall-ġustifikazzjoni ta' żbilanċi notevoli f'diversi elementi li jikkostitwixxu l-bullettini tal-aħbarijiet. Għalhekk il-Bord qiegħed jilqa' dan l-ilment u qed iċanfar lill-PBS u jidderieġi

lill-PBS biex jagħmel l-almu tiegħu u jieħu l-kummenti tal-Oppożizzjoni u fejn ikun hemm il-ħtieġa ta' partiti oħra f'każijiet ta' kontroversa politika jew policies kurrenti. Fin-nuqqas repetittiv ta' dan, ma jkunx hemm triq oħra għajr miżuri ulterjuri.

Bħala parti mid-deċiżjoni, il-Bord qiegħed ukoll jiggwida lix-xandar sabiex fil-jum li toħroġ id-deċiżjoni jaqra dan is-sunt matul il-bullettin tal-aħbarijiet:

*"F'żewġ seduti li nżammu fit-22 ta' Frar 2024 u fl-14 ta' Marzu 2024, il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sema' l-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista kontra l-PBS rigward intervisti li jsiru fil-bullettini tal-aħbarijiet. F'dan l-ilment il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir analizza bullettini ta' aħbarijiet li xxandru fuq medda ta' ħdax-il xahar, cioè minn April 2023 sa Frar 2024, u sab tqassim ta' ħin mhux xieraq fl-użu ta' intervisti u kummenti minħabba li l-intervisti ma' Ministri u esponenti tal-Gvern sebqu fin-numru dawk l-intervisti tal-Oppożizzjoni u partiti politiċi differenti. Kif ġara f'deċiżjonijiet simili preċedenti, il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir jifhem il-fatt li l-esponenti tal-Gvern ikunu intervistati b'mod iżjed regolari għar-raġuni li huma responsabbli għall-amministrazzjoni. Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir qies li statistika numerika mhix il-kejl ġust tal-kunċett tal-imparzjalità iżda innota fl-istess waqt il-fatt li xandar ma jistax jeskludi vuċijiet oħra meta u fejn possibbli. Għaldaqstant għandu jingħata ċ-ċans li jittieħdu kummenti fl-aħbarijiet minn esponenti ta' partiti politiċi differenti fejn tidħol il-kontroversja politika u l-policy pubblika kurrenti. Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir iħoss li l-PBS għandu l-obbligu biex josserva u jaċċerta l-imparzjalità u li fin-nuqqas repetittiv ta' din l-osservanza jkunu meħtieġa miżuri ulterjuri. Filwaqt li l-Bord tal-Awtorità tax-Xandir laqa' l-ilment tal-Partit Nazzjonalista, idderieġa lill-PBS jaqra dan is-sunt bħala parti mid-deċiżjoni."*

25 ta' Marzu 2024

*Smigħ 03/2024 Numru 5*

*Ref:07/24*

## Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista (“PN”) vs Public Broadcasting Services (“PBS”) rigward rappurtaġġ dwar il-protesta tal-bdiewa tat-2 ta’ Frar 2024

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra l-PBS rigward rappurtaġġ dwar il-protesta tal-bdiewa tat-2 ta’ Frar 2024.

Matul is-smigħ tat-22 ta’ Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino esprima li l-attitudni ġenerali tal-PBS fuq sound on tape għandha relevanza u qal li fl-ewwel protesta mill-bdiewa tat-2 ta’ Frar 2024, ix-xandira tal-PBS kellha tinkludi sound on tape mill-istess bdiewa u mhux ta’ entità oħra. Minflok, il-PBS għoġobha ma ġġib ebda sound on tape tagħhom iżda kummenti li għadda l-PM. Dan meta skontu, l-protesta ma kellhiex konnessjoni mal-Gvern u anqas mal-Partit Laburista (“PL”). Kompla li s-sound on tape tal-Gvern inġieb filwaqt li l-kummenti tal-Oppożizzjoni nġiebu f’servizz separat.

Dr Michael Piccinino qal li l-PBS għandu l-iżjed udjenza f’Malta u li f’madwar 40 sena kienet l-ewwel darba li niżlu l-bdiewa jipprotestaw. Qal ukoll li mat-tieni protesta, il-PBS ma rrepetiex l-istess żball u ttieħdu l-kummenti tal-bdiewa u tal-Oppożizzjoni.

Dr Francis Zammit Dimech irrefera għal stazzjonijiet oħra madwar l-Ewropa u qal li ebda wieħed minnhom ma intervista l-Prim Ministru tal-pajjiż minflok il-bdiewa.

Dr Mark Vassallo wieġeb li r-rappurtaġġ kien viżiv għall-aħħar, fejn anke dehru l-bdiewa jipprotestaw. Qal li b’differenza għal pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea, il-Gvern ta’ Malta ta raġun lill-bdiewa. Irrefera wkoll għall-15 ta’ Frar 2024 meta s-sound on tape tal-PM u tal-Kap tal-Oppożizzjoni ttieħdu wara xulxin. Dr Mark Vassallo rrimarka li hija ta’ valur li l-PM joħroġ jipprotesta mal-bdiewa. Qal li fit-tieni protesta l-Kap tal-Oppożizzjoni kien hemm u allura ttieħed sound on tape tiegħu wkoll. Kompla li fl-ewwel protesta l-PN qed jilmenta li ma ġewx intervistati l-bdiewa u li naqsu milli josservaw li l-bdiewa ingħataw iċ-ċans jesprimu ruħhom matul programmi ta’ diskussjoni: Xtra tat-12 ta’ Frar, Popolin tal-21 ta’ Frar, Insights tal-15 ta’ Frar u Vi jew Va tat-3 ta’ Frar u tas-17 ta’ Frar 2024.

Dr Francis Zammit Dimech irribatta li l-aħbarijiet huma kategorija għalihom u li l-fatt li ma ttieħdux il-bdiewa jindika ksur, speċjalment jekk fil-programmi ta’ ġrajjiet kurrenti ntlaħaq ukoll bilanċ bil-kummenti tal-Gvern.

Il-Bord innota l-argumenti mressqa mill-PN u d-difiża tal-PBS. Irreferiet ukoll għall-filmati mxandra fejn il-bdiewa li kienu qed jipprotestaw dehru fl-isfond tal-Prim Ministru li kien qed jikkomunika qbil mal-preokkupazzjonijiet tagħhom fejn saħansitra tahom raġun. Innota wkoll li l-PBS stieden lill-bdiewa jgħaddu l-veduti tagħhom fi spazju ferm itwal fi programmi differenti ta’ ġrajjiet kurrenti u li filwaqt li l-programmi ta’ ġrajjiet kurrenti ma għandhomx jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta’ bilanċ ma’ dak li jkun imxandar matul bullettin tal-aħbarijiet, madankollu l-fatt li l-istess bdiewa dehru fix-xandira, kien ġie trażmess ukoll id-diżappunt tagħhom. Innutat ukoll li fit-tieni protesta, fejn il-Kap tal-Oppożizzjoni kien preżenti, ittieħdu

l-kummenti tiegħu wkoll. Finalment il-Bord osserva li l-PN kellu kull dritt iressaq ilment a bażi tal-L.S.350.06 iżda peress li ma kienx suġġett tal-allegat ksur, ma setax jistenna li jirċievi xi forma ta' rimedju. Il-Bord mhux jilqa' dan l-ilment.

1 ta' Marzu 2024
*Smigħ 02/2024 Numru 9*
*Ref: 8/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") rigward ir-rappurtaġġ dwar l-abbozz tal-Parlament dwar it-twaqqif tal-Awtorità dwar il-Klima matul il-bullettin tal-aħbarijiet tal-4 ta' Frar 2024**

---

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra l-PBS rigward ir-rappurtaġġ dwar l-abbozz tal-Parlament dwar it-twaqqif tal-Awtorità dwar il-Klima matul il-bullettin tal-aħbarijiet tal-4 ta' Frar 2024.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino spjega li ma kien hemm ebda intervista jew sound on tape tal-Oppożizzjoni. Kompla li l-vot fil-Parlament (it-tieni qari) spiċċa jumejn qabel, cioè meta l-Ministru għamel il-winding up, u l-PBS xandar dan.

L-Inġ. Charles Dalli qabel li s-servizz fuq l-aħbarijiet kien jittratta l-funzjoni tal-Awtorità dwar il-Klima u wieġeb għal mistoqsija li saritlu mill-Avukat Mark Vassallo dwar id-dati ta' meta l-PN kien irrilaxxa stqarrija dwar it-tema u nġiebet mill-PBS. Qal li d-dati kienu l-31 ta' Jannar 2024 fejn ngħata rapport fil-Parlament bl-involviment ukoll tal-PN. Fis-7 ta' Frar 2024 u fis-16 ta' Frar 2024 kien hemm ukoll intervent mill-PN. Mistoqsi dwar il-pjanijiet tal-PBS dwar x'se tkun il-pożizzjoni tal-PBS rigward l-Oppożizzjoni fil-ġimgħat li ġejjin, l-Inġ. Charles Dalli qal li se jitkomplew l-istediniet fuq programmi ta' ġrajjiet kurrenti u coverages fejn ikun hemm stqarrijiet.

Dr Mark Vassallo qal li wara x-xhieda tal-editur reġistrat, qed jiddikjara li fil-ġimgħat li ġejjin il-PBS se tkun qed torganizza n-numru ta' programmi ta' diskussjoni dwar dan is-suġġett li matulhom se jiġu mistiedna kelliema tal-Oppożizzjoni.

Dr Michael Piccinino qal li mill-fatti nħareġ li kien hemm żbilanċ fil-kontenut tax-xandir u li qed issir referenza għall-futur u mhux għal dak li ġara. Qal li l-bilanċ ta' bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni vis-a-vis il-PL u l-PN mhux jintlaħaq. Għalhekk hemm żbilanċ u imparzjalità. Filwaqt li nġieb il-Ministru ma nġiebx ix-Shadow Minister.

Dr Mark Vassallo insista li anke l-liġi stess ma tipprevenix rigward in-numru ta' minuti jew ta' sound on tapes. Qal li l-veduti tal-PN dwar din it-tema, infatti nġieb diversi drabi wkoll kif diġà ġie msemmi. Qal li issa mhux jiġi diskuss il-ġeneriku iżda li qed isir micro-management. Temm l-intervent tiegħu billi qal li b'dak imxandar diġà kien hemm bilanċ u imparzjalità u b'dak li se jiġi mxandar se jkompli jiġi infurzat dan.

F'intervent qsajjar, Dr Francis Zammit Dimech esprima li għall-kompletezza s-servizz kien ikun aħjar kieku ttieħdet il-fehma tal-Oppożizzjoni u li ma għandux ikun limitat il-fatt tal-kontroversja politika imma anke ta' policy pubblika kurrenti.

Wara li l-Bord wieżen il-fatti mressqa u rrefera wkoll għall-kunċetti tal-kontroversja politika u

l-policy pubblika kurrenti. Filwaqt li l-elementi tal-imparzjalità dovuta japplika għaż-żewġ kunċetti, jinħass illi din l-applikazzjoni hija iżjed peżanti f'każ ta' kontroversja politika. F'dan il-każ din it-tema kienet għadha ma daħlitx f'qafas kontroversjali u għalhekk l-immedjatezza ta' li tagħti l-veduta l-oħra fl-istess feature ftit li xejn seta' jiġi osservat. Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord mhux jilqa' dan l-ilment.

5 ta' Marzu 2024
*Smigħ 02/2024 Numru 10*
*Ref: 10/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") rigward in-nuqqas ta' xandir għall-istqarrija tal-PN dwar il-Malta Eurovision Song Contest fl-aħbarijiet tal-5 ta' Frar 2024**

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra l-PBS rigward stqarrija tal-PN dwar il-Malta Eurovision Song Contest fuq TVM News tal-5 ta' Frar 2024.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino spjega li l-Eurovision ta' din is-sena qanqal diversi reazzjonijiet mill-pubbliku. Qal li l-għada tal-Eurovision il-PN bagħat stqarrija dwar il-festival, u li dakinhar il-PBS naqas milli jxandar il-kontenut ta' din l-istqarrija. Qal li minkejja li din ġiet imbagħad imxandra filgħaxija, kien hemm partijiet li tħallew barra.

Dr Michael Piccinino semma wkoll fil-5 ta' Frar, mingħajr ma ġiet imxandra l-istqarrija tal-PN, PBS ħareġ kundanna dwar l-"attakki personali" li qal li seħħew permezz tal-istqarrija tal-PN fuq uffiċjali tiegħu.

Dr Francis Zammit Dimech żied li PBS kellu jkun iżjed attent jekk teżisti kritika fuq l-operat tal-PBS dwar xi ħaġa li tolqot il-komunità Maltija. Qal ukoll li l-PBS ma għandhiex tidħol u tindaħal fil-mod ta' kif tiġi kritikata iżda minflok tkun iżjed b'idejha miftuħa. Qal li l-PBS għandu jkollha sensittività li tħoss li sar żball kbir li jweġġa' lill-poplu u filwaqt li tikkumenta dwar il-kritika ma tinvertax l-ordni.

Dr Mark Vassallo qal li anke l-Eurovision qed jiġi politiċizzat sempliċiment għax tkellem il-Ministru Owen Bonnici. Semma wkoll li fiż-żmien, Dr Francis Zammit Dimech innifsu kien jagħti t-trophies. Hu qal li din id-darba d-differenza kienet li flok għotja ta' trophies, saret intervista. Hu rrefera wkoll għal x'qal il-PN fl-istqarrija fejn mit-tielet paragrafu 'l isfel saru akkużi li ġew irrappurtati. Tenna li l-akkużi saru primarjament kontra Dr Mark Sammut u l-Inġ. Charles Dalli. Kompla li din l-istqarrija, bi kritika fuq żewġ uffiċjali, tperrċet mal-midja kollha. Dr Mark Vassallo reġa' rrefera għall-istqarrija tal-PN u staqsa lill-Bord jikkuntrastah ma' dak li ġab il-PBS sabiex jara l-ilment kien fattwali.

Il-Bord innota li l-istqarrija tal-PN dwar il-Eurovision ġiet irrappurtata fil-5 ta' Frar 2024 u għaldaqstant mhux jilqa' l-ilment.

1 ta' Marzu 2024<br>
*Smigħ 02/2024 Numru 6*<br>
*Ref: 11/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") rigward id-dritt ta' risposta fil-konfront tal-PBS dwar il-Malta Eurovision Song Contest**

---

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra l-PBS rigward id-dritt ta' risposta li l-PN għażel li jeżerċita fil-konfront tal-PBS dwar il-Malta Eurovision Song Contest.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino rrefera għad-dritt ta' risposta li ntbagħtet lill-PBS nhar il-5 ta' Frar 2024 fit-15:42, segwita minn skambju ta' emails. Kompla li l-PBS, bħala xandar pubbliku, xandar li ried hu u mhux dak imniżżel fir-risposta tal-partit. Hu kkwota mil-liġi li dritt ta' risposta, Art.8.15.1 tal-L.S.350.14, għandu jingħata bl-istess prominenza iżda fil-fatt din is-suppost dritt ta' risposta xxandret ferm aktar 'l isfel fil-bullettin. Innota wkoll li skont l-istatistika, il-bidu u t-tmiem tal-aħbarijiet ma jgawdux l-istess prominenza.

Dr Mark Vassallo wieġeb li d-dritt ta' risposta mhux dritt li mhux sindikabbli jew li jagħtik mano libera li strettament ixxandar dak mibgħut. Dr Mark Vassallo rrefera għal Art.8.15.2 tal-L.S.350.14 dwar il-preġudizzju għal Art.21 tal-Att dwar l-Istampa. Hu qara t-test tal-liġi dwar ir-restrizzjoni li tapplika fuq id-dritt tar-risposta. Kompla billi qabbel l-istqarrija tal-PN ma' dan it-test. Dr Mark Vassallo għarraf lill-Bord li Dr Michael Piccinino ġie mwieġeb ukoll.

Dr Francis Zammit Dimech qal li filwaqt li l-liġi tirreferi għall-Att dwar l-Istampa, ma jfissirx li l-Liġi tax-Xandir ma għandhiex tiġi rispettata. Dr Mark Vassallo wieġeb li dan mhux il-każ għax il-liġi li tirreferi għad-dritt ta' risposta hija ben magħrufa.

Il-Bord osserva r-referenza li saret minn Dr Michael Piccinino għal Art.8.15.1(iv) tal-L.S.350.14 dwar il-prominenza u mhux isib ksur għall-fatt li l-ordni tal-bulletin ta' madwar biss 30 minuta, jappartjeni għad-diskrezzjoni editorjali. Dwar ir-referenza għal Art.8.15.1(ii), il-Bord innota li din tikkuntrasta ma' Art.8.15.1(iv), madankollu nnota t-traskrizzjoni tax-xandira tas-6 ta' Frar 2024 fejn il-PBS kien xandar ir-rwoli tal-persuni msemmija fir-risposta tal-PN. Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord mhux jilqa' dan l-ilment.

1 ta' Marzu 2024<br>
*Smigħ 02/2024 Numru 7*<br>
*Ref: 12/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") rigward in-nuqqas ta' rappurtaġġ ta' parti mill-istqarrija tal-PN dwar it-tneħħija tal-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta fl-aħbarijiet ta' TVM tal-10 ta' Frar 2024**

---

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra il-PBS rigward in-nuqqas ta' rappurtaġġ ta' stqarrija tal-PN dwar il-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta, tali rappurtaġġ ixxandar matul il-bullettin tal-aħbarijiet tal-10 ta' Frar 2024.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino argumenta li l-PBS ma xandarx l-allegazzjoni tal-PN li l-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta kien tkeċċa u saħaq li la kien hemm pronunzja u anqas verifika dwar dan.

Għal dan, Dr Mark Vassallo wieġeb li kif ikkonferma l-Inġ. Charles Dalli permezz tar-risposta tiegħu datata 16 ta' Frar 2024, ħarġet stqarrija mill-Gvern li ddikjarat li kien hemm CEO ġdid u li dak preċedenti kien irriżenja. Qal li kieku kien hemm akkuża kriminali u l-Ministru jkollu ħjiel li se jittieħdu proċeduri ma kinux joħorġu stqarrija bħal din.

Dr Francis Zammit Dimech wieġeb li jservi ta' ġid għall-PBS jekk jipprattika ġurnaliżmu ta' immedjatezza.

Wara li l-Bord ikkunsidra l-fatti miġjuba, sab li x-xandira lmentata kienet attwali u nieqsa mill-ispekulazzjoni. Għal din ir-raġuni mhux jilqa' l-ilment.

5 ta' Marzu 2024<br>
*Smigħ 02/2024 Numru 12*<br>
*Ref: 14/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") rigward l-aħbarijiet ta' TVM tat-12 ta' Frar 2024 dwar il-mod ta' kif ittieħdu s-sound on tape fuq l-investiment fit-Taqsima Marittima tal-Protezzjoni Ċivili**

---

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra l-PBS rigward l-aħbarijiet ta' TVM tat-12 ta' Frar 2024 dwar il-mod ta' kif ittieħdu s-sound on tape fuq l-investiment fit-Taqsima Marittima tal-Protezzjoni Ċivili.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino ta sfond tal-ilment kif imressaq u kompla li l-PBS ġab is-*s*ound on tape tal-Ministru Byron Camilleri. Irrefera għall-Art.2.1.1 tal-L.S.350.14 "ġrajja ġdida jew kif għadha kif seħħet" u qal li ma setax ikun li kien il-każ meta l-ġrajja tkun seħħet 4 snin qabel. Skont Dr Michael Piccinino, dak li qal il-Ministru Byron Camilleri huwa l-oppost ta' li qed tgħid il-liġi għax huwa repetizzjoni ta' xi ħaġa li ntqalet iktar minn 3 snin ilu. Minkejja li l-Gvern jista' jiftaħar bl-investiment li għamel u ttieħed ukoll sound on tape tal-Prim Ministru, iżda s-sound on tape tal-Ministru kienet dwar xi ħaġa li ma għandha x'taqsam xejn dwar l-istess tema.

Dr Mark Vassallo qal li qed issir fissazzjoni fuq sound on tape. Irrefera għas-servizz b'investiment ta' nofs miljun u kkonferma li kien hemm sound on tape qasir tal-Prim Ministru u ieħor tal-Ministru dwar il-ftehim kollettiv. Tenna li hemm tentattiv ta' micro management. Qal ukoll li l-L.S.350.14 huma linji gwida u ma hemm xejn "set in stone dwarhom". Dan l-ilment ma kellux jitressaq għaliex huwa frivolu u vessatorju bħal uħud mill-ilmenti li ppreżenta l-Partit Nazzjonalista dan l-aħħar. Il-Bord analizza l-ilment u kkonferma li l-filmat tal-Ministru Byron Camilleri kien dwar materja diskussa madwar 4 snin qabel, madankollu kien xorta waħda parti mill-ftehim kollettiv diskuss. Għall-fini ta' preċiżjoni u attwalità, il-Bord ħass li għandu jilqa' l-ilment kif ukoll li jidderieġi lix-xandar jaqra dan is-sunt:

*"Il-Bord qiegħed jilqa' l-ilment tal-Partit Nazzjonalista inkwantu l-intervista mal-Ministru Byron Camilleri li xxandret fit-12 ta' Frar 2024 waqt servizz dwar investiment fit-Taqsima Marittima tal-Protezzjoni Ċivili. Dan minħabba nuqqas ta' preċiżjoni u attwalità peress li d-diskors tal-Ministru Byron Camilleri, dwar il-ftehim kollettiv tal-korpi dixxiplinati kien fuq ftehim iffirmat fl-2020."*

5 ta' Marzu 2024
*Smigħ 02/2024 Numru 13*
*Ref: 16/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista ("PN") vs Public Broadcasting Services ("PBS") u assistit mill-akkuża, dwar sound on tape fir-rappurtaġġ tad-dibattitu tal-Parlament matul l-aħbarijiet tad-19 ta' Frar 2024**

---

L-Awtorità kellha quddiemha lment imressaq mill-PN kontra l-PBS u assistit mill-akkuża dwar sound on tape fir-rappurtaġġ tad-dibattitu tal-Parlament matul l-aħbarijiet tad-19 ta' Frar 2024.

Matul is-smigħ tat-22 ta' Frar 2024, dehru Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, assistit mill-Avukat Francis Zammit Dimech. Għall-PBS dehru l-Inġ. Charles Dalli bħala editor-in-chief, assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Mark Vassallo rreġistra ammissjoni għall-ilment assistit mill-akkuża u spjega li kien sar żball li l-istazzjon kien irrettifika.

L-ilment u l-akkuża kienu jittrattaw in-nuqqas ta' voice clip tal-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech waqt id-dibattitu Parlamentari li kien jittratta t-twaqqif ta' Awtorità ġdida dwar il-klima. Filwaqt li fl-aħbarijiet tal-14 ta' Frar inġiebet voice clip tal-Prim Ministru dwar dibattitu Parlamentari li ttratta l-istess tema, ma ġarax l-istess fil-bullettin tal-aħbarijiet tad-19 ta' Frar fir-rigward tar-rappurtaġġ tal-Kap tal-Oppożizzjoni. Għaldaqstant kien hemm ksur ta' Artiklu 13(2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir imsaħħa bil-L.S.350.14 Taqsima 4.

Għaldaqstant il-Bord qed jimmulta lix-xandar pubbliku s-somma ta' €930 skont skema 5 ta' Kap.350 filwaqt li jordna l-qari ta' dan is-sunt:

*"Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir investiga lment assistit b'akkuża fir-rigward tal-aħbarijiet tad-19 ta' Frar 2024 li ttratta d-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni fil-Parlament dwar it-twaqqif tal-Awtorità tal-Klima, iżda ma tteħditx silta mid-diskors kif seħħ fil-bullettin tal-14 ta' Frar 2024 meta ġie rrappurtat u ttieħdet silta mid-diskors tal-Prim Ministru. Għaldaqstant il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir sab il-PBS ħati dwar nuqqas ta' imparzjalità bejn il-partiti politiċi. Għalhekk, apparti l-multa, l-istazzjon pubbliku ġie ordnat jaqra dan is-sunt".*

5 ta' Marzu 2024
*Smigħ 02/2024 Numru 14*
*Ref: 18/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq minn Imperium Europa kontra l-PBS rigward il-programm XTRA**

Permezz ta' lment datat 23 t'April 2024, is-Segretarju Ġenerali ta' Imperium Europa (IE), is-Sur Josiah Vella, ilmenta dwar il-programm XTRA tat-22 ta' April 2024. Fil-komunikazzjoni tiegħu hu qal li l-partit kien mistieden jagħmel introduzzjoni ta' 10 minuti li mid-9 minuti u nofs li damet, il-parteċipant tħalla jitkellem biss għal 5 minuti u 6 sekondi. Qal ukoll li l-preżentatur lissen dawn il-kliem "L-għanijiet tagħkom kontroversjali għall-mainstream", "Il-Facebook tagħkom juri messaġġ li l-kontenut perikoluż" u "Il-Wikipedia tiddeskrivikom bħala neofaxxisti u tassoċjakom ma' Adolf Hitler". Qal ukoll li fost kummenti oħra, il-preżentatur Saviour Balzan semma li "il-Kap tagħkom Norman Lowell huwa kkulurit u kontroversjali u xi kultant jew ħafna drabi jiżgarra mhux ħażin", "jiena kieku ma esperjenzajtx at first hand il-mibegħda li toħroġ minn ħalq Norman lowell" u "Il-fundatur tagħkom ipoġġi lil Hitler fuq pedestall".

Għal dawn ir-raġunijiet hu lmenta li:

(i) l-istazzjon PBS ma osservax l-obbligi tiegħu li jistieden lil kulħadd saż-żmien tal-ilment uffiċjali, (ii) fl-istedina tiegħu, l-istazzjon xorta waħda ma rrispettax ir-rekwiżiti tal-liġi tax-xandir u dan peress li nnega l-opportunità li partit żgħir jiddjaloga ma' partiti li għandhom rappreżentanti fil-Parlament Ewropew u li allura jridu jikkunstrastaw il-veduti ta' xulxin, (iii) li l-format allokat għal Imperium Europa u partiti żgħar oħra kien differenti minn dak li jgawdu l-partit fil-Gvern u dak fl-Oppożizzjoni, fejn id-djalogu jkun bejniethom u mhux biss mal-preżentatur, (iv) li l-ħin allokat kien qasir wisq sabiex partit politiku jwassal il-messaġġ politiku tiegħu b'opportunità bilanċjata għal dik mogħtija lill-partit fil-Gvern u dak fl-Oppożizzjoni, (v) li l-ħin allokat ma kienx wieħed ġustifikat inkwantu l-fatt li Imperium Europa, kif stqarr il-preżentatur stess, sab l-appoġġ ta' madwar 3% fl-aħħar elezzjoni. Minkejja dan, xorta waħda ġie mogħti l-istess ħin daqs partit iżgħar, (vi) li l-preżentatur ma interrompiex bl-istess mod u anqas ma' ħallat il-mistoqsijiet mal-opinjoni personali, korrusiva, diżilluża u ta' aġenda ċara fil-mistoqsijiet li saqsa lil partiti oħra, (vii) li l-produzzjoni ħadet żball kardinali fid-deskrizzjoni tal-parteċipant, li mhux kandidat tal-partit, (viii) li mill-istedina ta' 10 minuti dwar "introduzzjoni", il-preżentatur interrompa kontiwament u ħalla biss 5 minuti u 6 sekondi għall-parteċipant, u (ix) li mill-istedina ta' 10 minuti, il-preżentatur waħħal lill-parteċipant għal iżjed minn 4 minuti fuq tema ta' storja u baqa' jinterrompi s-segwitu feliċi tat-telespettatur li għandu kull dritt jisma' messaġġ li partit politiku kien mistieden sabiex iwassal.

Għas-seduta tad-29 t'April 2024, dehru s-Sur Charles Sammut, Teżorier tal-Partit Imperium Europa, assistit mill-Avukat Emmy Bezzina. Dehru wkoll l-Inġ. Charles Dalli assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Is-Sur Charles Sammut qal li l-partit ġie notifikat b'WhatsApp għal introduzzjoni fuq il-programm XTRA u li hu stess attenda għal din id-diskussjoni li kellha t-tul ta' 10 minuti. Hu lmenta li minn dawn l-10 minuti hu tħalla jitkellem għal nofs il-ħin, cioè għal 5 minuti, biex primarjament iwieġeb dwar Hitler u l-mistoqsijiet magħżula minn Saviour Balzan. Qal li matul il-ħin kollu kien qed jiġi interrott u li l-preżentatur ma ħalliex diskussjoni meta beda

jwieġeb għall-mistoqsijiet tiegħu stess billi jitfa' l-kliem f'ħalq il-parteċipant. Qal ukoll li hu ġie definit ukoll bħala kandidat meta dan ma kienx korrett.

Dr Emmy Bezzina qal li l-konduttur ta' programm għandu kull dritt jagħżel il-mistoqsijiet iżda ma jistax jimmonopolizza fuqu u jelabora fuq dak li suppost qed jgħid il-parteċipant. Ikkonkluda għalhekk li Imperium Europa ma ngħatax smigħ xieraq speċjalment meta l-preżentatur waqqa' kollox b'dak li semma' dwar Hitler u l-konnessjonijiet tiegħu mal-Partit Imperium Europa. Hu talab rimedju għall-ħin mitluf mill-opportunità li l-partit ingħata biex ixandar il-messaġġ tiegħu.

Dr Mark Vassallo qal li fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti wieħed jiġi mistieden biex iwieġeb il-mistoqsijiet. Qal li l-preżentatur għandu l-moħħ tiegħu u allura għandu opinjoni li tista' tkun ta' natura kontroversjali. Kompla billi semma deċiżjonijiet tal-Awtorità Ingliża għaliex skont hu l-liġi Maltija għandha ħafna similarità ma' dik Ingliża. Qal li kif beda, il-preżentatur Saviour Balzan semma diversi affarijiet. Semma wkoll li meta wieħed jidħol fil-facebook page ta' Imperium Europa, dan isib ċanfira dwar il-kontenut u meta jżur wikipedia, isib li d-deskrizzjoni ta' Imperium Europa hija li hu partit neonażista.

Dr Emmy Bezzina wieġeb li l-punt li qed jagħmel is-Sur Charles Sammut huwa li hu ġie mmanipulat mill-preżentatur fuq it-tema li trid tiġi diskussa u li min ikun mistieden irid jingħata l-opportunità li jwieġeb.

F'dan l-istadju ċ-Chairperson ikkummenta li l-preżentatur daħħal lill-parteċipant fi sqaq u li dan ma għarafx joħroġ minnu. Qal li kien mistenni li persuna li tattendi programm tat-tip se tkun qed tiġi mistoqsija fuq temi diversi u li trid tagħraf kif se twieġeb dan.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta, il-Bord iddiskuta dan l-ilment.

Il-Bord irrefera għat-traskrizzjoni tal-programm u nnota li filwaqt li kien il-preżentatur li semma lil Hitler l-ewwel, il-parteċipant innifsu reġa' għamel referenza għalih minn jeddu minkejja l-fatt li l-preżentatur semma diversi suġġetti fl-introduzzjoni tiegħu. Il-Bord qabel mar-rimarka taċ-Chairperson u ma laqax l-ilment.

2 ta' Mejju 2024<br>*Smigħ 05/2024 Numru 7*<br>*Ref: 23/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista kontra l-PBS rigward il-programm speċjali mtella' mill-istazzjon dwar il-ħatra tal-President ta' Malta**

---

Permezz ta' email datata 7 ta' April 2024, is-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista (PN) Dr Michael Piccinino, ilmenta mal-PBS li matul il-programm tal-4 ta'April 2024 rigward il-ħatra tal-President ta' Malta, inħoloq nuqqas ta' bilanċ u imparzjalità minħabba intervent tal-Kummissarju Helena Dalli. Matul dan l-intervent il-Kummissarju Helena Dalli allegat li l-Oppożizzjoni ma riditx taqbel mal-ħatra ta' ministri li kienu parti mill-Kabinett ta' Joseph Muscat. Dr Michael Piccinino qal li dan il-kliem waqt Jum t'Għaqda Nazzjonali, stona għall-aħħar.

L-Inġ. Charles Dalli, editor-in-chief, wieġeb fl-10 t'April 2024 u spjega li l-istazzjon ried diskussjoni ta' maturità politika mhux waħda partiġġjana. Madankollu qal li saru rimarki fl-ewwel grupp mill-Prof. Mario Thomas Vassallo li semma' l-kliem 'klikka korrotta'. Qal li l-kumment tal-Kummissarju Helena Dalli kien qasir u iżolat f'xandira diretta ta' sitt sigħat u nofs u li l-istazzjon irrapporta wkoll kummenti li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni waqt l-attività politika tas-7 t'April 2024 dwar l-istess suġġett. L-Inġ. Charles Dalli kkonkluda bl-opinjoni li hu ma kienx qed isib ġustifikazzjoni għall-ilment ta' Dr Michael Piccinino, għalhekk ma kienx il-każ li l-PN jingħata rimedju.

Dr Michael Piccinino wieġeb li ma kienx sodisfatt bir-risposta tax-xandar u talab għas-smigħ. Matul is-smigħ ta' nhar it-18 t'April 2024, dehru l-Inġ. Charles Dalli kif ukoll Dr Mark Vassallo għall-PBS, kif ukoll Dr Michael Piccinino għall-PN.

Dr Michael Piccinino qal li fl-4 t'April 2024 inħatret il-President ta' Malta u bħalma għamel tajjeb il-PBS, organizza diskussjoni dwar din it-tema. Qal li għall-ewwel darba l-President ġiet eletta biż-żewġ terzi skont il-liġijiet ġodda. Kompla li x-xandira ma kinitx tirrifletti l-għaqda nazzjonali għaliex nofs in-nies li kien hemm fil-panel kienu eks Deputati tal-Partit Laburista (PL). Qal li Dr Helena Dalli kienet qed tissemma bħala persuna kkunsidrata għall-Presidenza u minkejja dan, il-PBS xorta ħass li kellu jistedinha, għalhekk ma kienx hemm bilanċ fil-panel u li dan deher iżjed ċar meta l-istazzjon ippermetta l-kumment li wassal għal dan l-ilment. Dr Michael Piccinino argumenta li fir-risposta tiegħu, il-PBS ma riedx joħloq partiġġjaniżmu iżda ried diskussjoni matura. Għalhekk, skontu, isegwi li l-kompożizzjoni tal-panel kienet waħda ħażina. Qal li l-PBS ma jistax iġib skuża b'kumment li ntqal minn xi ħadd fil-panel meta anke l-panel innifsu kien żbilanċjat. Semma wkoll li kieku attenda Dr Tonio Borg, peress li kien mistieden, xorta kien ikun hemm eks Deputat wieħed mill-PN, filwaqt li għall-PL kien ikun hemm tlieta. Hu kkonkluda li l-PBS anqas biss ipprova joħloq bilanċ fil-panel.

Dr Mark Vassallo qal li kien hemm qbil Parlamentari għall-ħatra tal-President. Qal li jekk għall-kummentarju dwar ħatra bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni wieħed se joqgħod iqis l-isfond tal-mistednin, mela allura l-istazzjon irid ikollu miżien u joqgħod jiżen kull mistieden. Hu qal li l-ilment huwa dwar il-kumment li qalet Dr Helena Dalli li kienet mistiedna fil-panel. Dr Mark Vassallo ppreżenta dokument b'messaġġ ta' Dr Tonio Borg li spjega li ma jistax jattendi. Dwar dan Dr Mark Vassallo qal li l-istazzjon ma kellux mod ieħor ħlief li jipproċedi bix-xandira diretta. Qal li din ix-xandira kienet qed turi avvenimenti nazzjonali u ma kienx

hemm l-ebda kontroversja politika dwar is-suġġett ittrattat.

Dr Mark Vassallo qal li l-istazzjon irrapporta r-reazzjoni tal-PN imxandra mill-Kummissarju Helena Dalli fil-programm meta rrapporta d-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni u għaldaqstant ħass illi jekk kien hemm każ ta' żbilanċ, dan ġie indirizzat b'dan ir-rapport. Dwar dan ippreżenta traskrizzjoni tar-rapport tal-aħbarijiet tad-diskors ta' Dr Bernard Grech. Dwar ir-ribatt tax-xandira diretta, Dr Mark Vassallo qal li t-tema kienet il-ħatra tal-President u mhux waħda politika.

Wara s-smigħ, il-Bord għadda sabiex iwieżen l-argumenti mressqa. Il-Bord innota li l-PBS ġustament xandar dan l-avveniment nazzjonali li kien ta' aktar minn sitt sigħat. Il-Bord innota wkoll li xi kummenti li saru waqt din ix-xandira diretta mill-Kummissarju Dr Helena Dalli kienu kummenti politiċi kontroversjali. Iħoss li filwaqt li huwa diffiċli biex ikun hemm kontroll mill-istazzjon għall-kummenti li jsiru mill-mistiedna, dawn il-kummenti kien jimmeritahom li l-istazzjon b'xi mod joħloq forma ta' bilanċ. Filwaqt li l-Bord jifhem ukoll li meta mistieden ma jaċċettax li jattendi għall-programm, ix-xandira trid issir xorta waħda, iżda l-PBS seta' kien iżjed kawt billi jara li l-mistiedna jkunu bbilanċjati u temi li setgħu jitqiesu kontroversjali jiġu rimedjati fl-istess xandira. Għaldaqstant il-Bord qed jilqa' l-ilment u qed jiddерieġi lill-istazzjon jaqra dan is-sunt:

*"F'seduta li nżammet fit-18 t'April quddiem l-Awtorità tax-Xandir wara lment li sar mill-Partit Nazzjonalista rigward kummenti mill-Kummissarju Dr Helena Dalli waqt ix-xandira diretta tal-ħatra tal-President ta' Malta, l-Awtorità kkonkludiet li xi kummenti li ntqalu kienu kummenti politiċi kontroversjali. Minħabba f'hekk dawn it-tip ta' kummenti kien jimmeritahom xi forma ta' bilanċ waqt l-istess xandira. Fid-dawl ta' dan, l-Awtorità laqgħet l-ilment tal-Partit Nazzjonalista."*

23 ta' April 2024
*Smigħ 04/2024 Numru 4*
*Ref: 24/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq minn Imperium Europa kontra l-PBS rigward nuqqas fir-rappurtaġġ ta' stqarrija numru 3 tas-26 ta' Marzu 2024**

Permezz ta' email datata 27 ta' Marzu 2024, is-Segretarju Ġenerali ta' Imperium Europa (IE) indirizza lment lill-PBS dwar rapportaġġ ta' stqarrija tal-istess partit fl-aħbarijiet tat-8:00pm ta' TVM, nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2024.

Is-Sur Josiah Vella, Segretarju Ġenerali ta' IE, ilmenta li l-istqarrijiet tal-partit qed ikunu mqassra iżjed milli qed jintbagħtu minkejja li kien qed jiġi aċċertat li l-istqarrija intiera ma tiħux iżjed minn 50 sekonda ta' qari. Qal ukoll li ċerti referenzi qed jitneħħew u rrefera għall-istqarrija tas-26 ta' Marzu 2024 li fiha ssemma Dr Joseph Muscat  u l-messaġġ tiegħu dwar is-sħubija tal-Iżrael fl-Unjoni Ewopea. Is-Sur Josiah Vella lmenta wkoll li l-logo tal-partit u l-profil tal-esponent wara l-istqarrija mhux dejjem qed jiġu inklużi.

L-Inġ. Charles Dalli wieġeb dan barra miż-żmien stipulat mil-L.S.350.06 meta l-lanjant kien diġà staqsa għas-smigħ.

Għas-seduta tad-29 t'April 2024, dehru s-Sur Charles Sammut, Teżorier tal-Partit Imperium Europa, assistit mill-Avukat Emmy Bezzina. Dehru wkoll l-Inġ. Charles Dalli assistit mill-Avukat Mark Vassallo.

Dr Peter Fenech, għan-nom tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, beda b'rimarka u qal li d-direttiva se tkun qed tiġi segwita b'reqqa u allura l-fehmiet differenti jridu kultant jingħataw l-opportunità. Qal li l-Awtorità beħsiebha tara li d-direttiva tiġi rispettata.

Is-Sur Charles Sammut qal li matul l-2024 il-Partit Imperium Europa bagħat 4 stqarrijiet lill-PBS, kollha b'durata li hija ta' inqas minn minuta. Qal li dawn kienu qed jiġu mqassra u li ċerti riferenzi bħal dawk dwar Dr Joseph Muscat, kienu qed jiġu mneħħija minkejja li wħud minn dawn ir-riferenzi jkunu ġew irrappurtati fuq il-midja bħal Twitter u l-mezzi soċjali u lokali oħra.

Dr Emmy Bezzina kompla li mil-lat legali qed jingħad li qed titwassal stampa li ma tirrispekkjax dak li qed tgħid eżatt Imperium Europa. Qal li jekk tibgħat messaġġ konċiż li ma jħalli xejn x'jista' potenzjalment jitneħħa u li l-partit qed jitlob rimedju fejn dak li tħalla barra, jiġi mxandar.

L-Inġ. Charles Dalli qal li l-ilment huwa fuq stqarrija numru 3 u mhux fuq l-4 lmenti msemmija, tali kumment ġie sekondat miċ-Chairperson, is-Sur Frank Farrugia.

Dr Mark Vassallo semma d-diskrezzjoni editorjali u li din hija l-prerograttiva tal-editur. Qal li mhux għax kwalunkwe partit politiku jibgħat stqarrija, din trid tinġieb kollha.

Is-Sur Charles Sammut wieġeb li kien hemm biss 4 stqarrijiet u li matulhom ħafna drabi la l-logo u anqas il-profil ma jiġu mxandra minkejja li dan kien qed isir fuq l-istess gwida tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir matul ilmenti preċedenti mill-istess partit. Iċ-Chairman ikkonferma li din l-informazzjoni kienet fl-ilment imressaq.

Dr Emmy Bezina insista li l-istqarrijiet tant huma qosra li tqassir addizzjonali jammonta għal nuqqas minn naħa tal-PBS.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta, il-Bord iddiskuta dan l-ilment. Il-Bord innota li l-obbligu tax-xandar hu li jxandar il-ġist tal-valur tal-aħbar u mhux l-istqarrija kelma b'kelma kif tiġi mibgħuta. Il-Bord saħaq li l-element tad-diskrezzjoni editorjali, li huwa fl-inkarigu tal-editur, irid jiġi rispettat. Il-Bord kien ukoll tal-opinjoni li l-essenza tal-istqarrija lmentata kienet inġiebet u għal dawn ir-raġunijiet ma laqgħetx l-ilment.

2 ta' Mejju 2024
*Smigħ 05/2024 Numru 6*
*Ref: 9/24*

## Deċiżjoni għall-ilment imressaq minn Imperium Europa kontra ONE rigward nuqqas ta' stediniet fil-programmi ta' ġrajjiet kurrenti

Permezz ta' email datata 12 t' April 2024, is-Segretarju Ġenerali ta' Imperium Europa (IE) stqarr li kien qiegħed jilmenta uffiċjalment li fuq l-istazzjonijiet ONE TV u ONE Radio, il-Partit Imperium Europa "tħalla barra minn kwalunkwe aħbar", anki dwar stqarrijiet uffiċjali tal-partit u dwar il-veduti li l-partit iħaddan fuq "temi speċifiċi". Żied li l-ġurnalisti ta' kamra tal-aħbarijiet professjonali huma "dovuti" li jinkludu dan it-tip ta' rappurtaġġ. Is-Sur Vella kompla jikteb li barra minn hekk, l-esponenti ta' Imperium Europa qatt ma kienu mistiedna jipparteċipaw fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti sabiex jgħaddu fehmiethom "għall-fini tal-imparzjalità dovuta". Filwaqt li sostna li "dan in-nuqqas ilu għaddej snin twal u b'mod sistematiku", fakkar li fl-aħħar kampanja elettorali l-istazzjon ONE kien "iddeċieda jħallas multa sabiex imur kontra direttiva maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir [...] b'turija ta' sfida ċara kontra l-proviżjonijiet tax-xandir minn stazzjon tal-partit fil-Gvern". Is-Sur Vella temm jistaqsi x'rimedju se joffri l-istazzjon għal dan in-nuqqas "kontinwat li jmur kontra l-istess kundizzjonijiet tal-liċenzja li taħtu jopera".

L-Awtorità ma rċeviet ebda tweġiba mix-xandar, bil-Partit Imperium Europa jistaqsi għas-smigħ.

Is-smigħ ġie oriġinarjament skedat għat-18 t'April 2024 tali data l-lanjant ma setax jattendi. Għaldaqstant is-smigħ ġie skedat għad-29 t'April 2024 li għalih dehru s-Sur Charles Sammut, Teżorier tal-Imperium Europa, assistit mill-Avukat Emmy Bezzina. Għal ONE dehru s-Sinjura Ruth Vella, Chairperson tal-ONE, assistita mill-Avukat Ramona Attard.

Dr Emmy Bezzina spjega li dwar dan l-ilment irid jisħaq fuq l-*audi alteram partem* (smigħ xieraq). Qal li Imperium Europa, bħala partit politiku, qatt ma ġie mistieden fuq ONE u dan bi ksur lampanti tal-liġi tax-xandir, tal-Kostituzzjoni u anke tgħawwiġ ta' tagħrif infurmat għal ċittadini li jaraw il-ONE. Għalhekk qed jissoleva eċċezzjoni in linea preliminari għaliex ma tistax tiġi miċħuda li l-partit qatt ma ġie mistieden u dan il-fatt ma jistax jiġi nnegat. Qal li peress li ma jistax jiġi miċħud, il-Kap Eżekuttiv għandha tintercedi.

Dr Ramona Attard qalet li per prinċipju l-kuntest huwa li l-elezzjonijiet huma viċin u li l-Partit Laburista nieda kampanja elettorali li bdiet fil-jum ta' dan is-smigħ. Qalet li l-ilment huwa wieħed intempestiv stante li din hija l-ewwel ġurnata tal-kampanja elettorali u għalhekk mhux floku dan l-ilment. Qalet li ma tagħmilx sens li fuq stazzjon politiku mħallas mill-għaraq tal-membri, ikun hemm xi ħadd jiddetta liema messaġġ se jiġi mxandar u fi x'ħin. Għalhekk, in vista wkoll tal-fatt li ħafna minn nies skont sondaġġi mhumiex jirċievu l-messaġġ permezz tat-televizjoni, hi ma tistax tifhem l-insistenza li xi ħadd, f'dan il-każ partit politiku, japplika biex ikun inkluż fuq dan l-istazzjon li n-nies ikunu ħallsu sabiex permezz tiegħu jisimgħu il-messaġġ ta' dak il-partit politiku partikolari.

Dr Peter Fenech qal li sabiex wieħed jambjenta ftit, dan is-suġġett mhux iqum għall-ewwel darba matul dawn iż-żminijiet. Fakkar li l-Awtorità kienet qalet li tirrikonoxxi l-fatt li l-istazzjon huwa sostenut mill-volontiera u sostenituri segwaċi iżda li fil-kuntest tal-liġi madankollu hemm l-obbligu li jiġu mxandra l-opinjonijiet kollha għax din mhix kwistjoni ta'

bilanċ bejn ONE u NET iżda li l-fehmiet, kemm 'l hawn u kemm 'l hinn, iridu jiġu mxandra kultant. U dan skont anke l-istess kundizzjonijiet tal-liċenzja.

Dr Ramona Attard qalet li hi qed titkellem biss fuq l-eċċezzjonijiet preliminari li ddeskriviet bħala intempestiva għaliex il-Partit Laburista kien għadu kif nieda l-kampanja elettorali tiegħu. Baqgħet ukoll tisħaq li fuq stazzjon privat u politiku l-Awtorità mhix korretta timponi dawn il-kundizzjonijiet a favur partit ieħor.

Dr Emmy Bezzina qal li ONE ħarġu mill-kuntest assolut tal-ilment li Imperium Europa qatt ma ġie mistieden jipparteċipa skont il-liġi. Kompla li dan id-dritt huwa ta' kull ċittadin u li dan joħroġ mill-Kostituzzjoni, il-liġi tax-xandir u l-prinċipji li jafu ben tajjeb tal-*audi alteram partem*. Tenna li n-nies għandhom dritt ikunu jafu li hemm fehmiet oħra ma' dak li qed jingħad. Dr Emmy Bezzina qal li ma jistax jaqbel ma' dak li qalet Dr Ramona Attard u ta sfond ta' kif issawret il-liġi kurrenti tax-xandir. Qal li hu prinċipju fallaċi l-kuntest li jeżistu biss żewġ partiti u li *sine qua non*, il-partit politiku Imperium Europa li qed jirrappreżenta faxxa ta' fehma u opinjonijiet fil-pajjiż, dan ukoll għandu d-dritt li jgħaddi l-fehmiet tiegħu irrilevanti minn min jaqbel u ma jaqbilx miegħu. Spjega li din mhix biss deċiżjoni tal-Bord skont il-liġi iżda wkoll deċiżjoni tal-Kap Eżekuttiv li skont il-liġi għandha l-jedd li tintervjeni għall-fatt li Imperium Europa qatt ma ġie mistieden. Ikkonkluda li skont l-ispjega ta' Dr Ramona Attard ir-raġuni li ma jiġix mistieden il-Partit Imperium Europa hi li l-istazzjon huwa ta' partit politiku mħallas mis-segwaċi tiegħu fejn allura ma hemmx il-bżonn li jixxandru opinjonijiet oltre. Qal li din il-linja ta' ħsieb mhix waħda valida fil-liġi u li Dr Ramona Attard ikkontradixxiet lilha nnifisha meta mbagħad qalet li ONE jsemma l-fehmiet tal-Partit Nazzjonalista.

Għal dan Dr Ramona Attard wieġbet li l-Partit Nazzjonalista qiegħed fil-Parlament.

Dr Emmy Bezzina sejjaħ dan ir-raġunament zopp għax il-liġijiet jippermettu ideat varji mill-partiti politiċi kollha u li ma hemm ebda neċessità li dan ikun fil-Parlament għaliex hemm obbligu demokratiku u ta' dritt legali li dawn jiġu inklużi. Dan għaliex in-nies iridu jiffurmaw idea luċida u ċara bejn partit u ieħor. Dwar il-fatt li l-Partit Nazzjonalista qiegħed fil-Parlament, Dr Emmy Bezzina qal li ONE jikkritika lil dan il-partit anke fuq temi ta' barra l-Parlament apparti l-fatt li tista' ssir kawża kostituzzjonali għall-fatt li fil-Parlament mhux qed ikun possibbli li jdeffes rasu t-tielet partit. Qal li Imperium Europa għandu jingħata d-dritt u l-fakultà sabiex ikollu spazju adekwat ħa jsemma' leħnu u jagħti fehmtu u jispjega dwar xiex jemmen speċjalment meta jeżistu opinjonijiet mhux veritiera dwar dan il-Partit Imperium Europa u l-fundatur tiegħu.

Dr Ramona Attard qalet li r-rimedju effettiv jingħata jekk xi ħadd ikun qal xi ħaġa fuq xi ħadd u allura l-lanjant jingħata dan biex jirreplika. Iżda skont hi, rimedju effettiv ma japplikax fil-każ għax l-istazzjon ma xandar xejn fuq xi persuna li qed tilmenta. Ikkonkludiet billi qalet li tifhem jekk il-kuntest li semma' Dr Emmy Bezzina huwa dwar il-kampanja elettorali u li f'dak il-każ l-ilment huwa intempestiv stante li s-smigħ qed isir fl-ewwel jum tal-kampanja.

Dr Emmy Bezzina fakkar f'kumment tas-Sur Jason Micallef meta fiż-żmien li kien qed imexxi lil ONE kien qal li dispost iħallas multa lill-Awtorità tax-Xandir u jżomm lis-Sur Norman Lowell milli jidher fuq ONE.

Għan-nom tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, Dr Peter Fenech ikkjarifika li l-liġi tgħid li fehma tal-partit għandha tiġi mxandra mhux esponent partikolari ta' partit li jippretendi li jkun hu fuq l-istazzjon.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta, il-Bord għadda sabiex jiddiskuti dan l-ilment.

Il-Bord ħass li dawn l-ilmenti tressqu fi żmien strateġiku u cioè mal-perjodu tal-elezzjoni meta allura tkun bdiet il-kampanja elettorali tal-membri tal-Parlament Ewropew. Irrefera wkoll għad-direttiva tal-Awtorità tax-Xandir u avża li mhux biss se jkun hemm monitoraġġ intensiv, iżda wkoll konsegwenzi għal kull xandar li jonqos mill-osservanza. Madankollu, rigward dan l-ilment partikolari, il-Bord irrefera wkoll għall-elementi fakultattivi li jgawdu l-partiti l-kbar u sab li dawn ma jibqgħux japplikaw matul iż-żmien tad-direttiva. Għal dawn ir-raġunjiet il-Bord mhux jilqa' dan l-ilment.

2 ta' Mejju 2024
*Smigħ 05/2024 Numru 4*
*Ref: 26/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq minn Imperium Europa kontra NET rigward nuqqas ta' stediniet fil-programmi ta' ġrajjiet kurrenti**

Permezz ta' email datata 12 t' April 2024, is-Segretarju Ġenerali ta' Imperium Europa (IE) stqarr li kien qiegħed jilmenta uffiċjalment li fuq l-istazzjonijiet NET TV u Net FM. Hu qal li l-Partit Imperium Europa "tħalla barra minn kwalunkwe aħbar", anki dwar stqarrijiet uffiċjali tal-partit u dwar il-veduti li l-partit iħaddan fuq "temi speċifiċi". Żied li l-ġurnalisti ta' kamra tal-aħbarijiet professjonali huma "dovuti" li jinkludu dan it-tip ta' rappurtaġġ. Is-Sur Vella kompla jikteb li barra minn hekk, l-esponenti ta' Imperium Europa qatt ma kienu mistiedna jipparteċipaw fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti sabiex jgħaddu fehmiethom "għall-fini tal-imparzjalità dovuta". Sostna li "dan in-nuqqas ilu għaddej snin twal u b'mod sistematiku". Is-Sur Vella temm jistaqsi x'rimedju se joffri l-istazzjon għal dan in-nuqqas "kontinwat li jmur kontra l-istess kundizzjonijiet tal-liċenzja li taħtu jopera".

L-Awtorità ma rċeviet ebda tweġiba mix-xandar, bil-Partit Imperium Europa jistaqsi għas-smigħ.

Is-smigħ ġie oriġinarjament skedat għat-18 t'April 2024 tali data l-lanjant ma setax jattendi. Għaldaqstant is-smigħ ġie skedat għad-29 t'April 2024 li għalih dehru s-Sur Charles Sammut, teżorier tal-Partit Imperium Europa, assistit mill-Avukat Emmy Bezzina. Għal NET dehru s-Sur Karl Gouder, Editur, assistit minn Dr Michael Piccinino.

Dr Peter Fenech irrepeta intervent għan-nom tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, tali intervent kien diġà mogħti minnu fl-ilment preċedenti. Qal li l-fehma ta' kull partit, darba kultant, trid tissemma. Kompla li minkejja li stazzjon ta' partit huwa mħallas mis-segwaċi tiegħu, il-liġi titlob bħala parti mil-liċenzja, li jingħata spazju lil ħaddieħor.

Is-Sur Charles Sammut qal li fl-aħħar 5 snin in-NET qatt ma stieden lil xi ħadd mill-partit biex jgħaddi kummenti, jipparteċipa jew ixandar stqarrijiet tiegħu. Qal li l-PN suppost jaf aħjar għax huma għamlu diversi lmenti fuq dawn it-temi fosthom 22 ta' Frar 2024 u l-14 ta' Marzu 2024 meta l-Awtorità sabet nuqqas ta' bilanċ fuq l-aħbarijiet.

Dr Emmy Bezzina qal li mil-lat legali, hemm il-prinċipju bażiku tal-*audi alteram partem* (smigħ xieraq) li, kif qal Dr Peter Fenech, il-fehma tal-Partit Imperium Europa għandha tiġi mxandra u mfissra lis-segwaċi ta' NET ukoll. Qal li tkun skorretta l-verżjoni li l-istazzjon huwa politiku u allura jxandar bi dritt dawk il-fehmiet li jaqbel lilu. Qal li NET huwa parti minn soċjetà demokratika li trid tibbaża fuq liġi suprema, cioè l-Kostituzzjoni li tagħti partit id-dritt għall-fehma tiegħu. Semma li l-liġijiet imsawwra miż-żewġ partiti u li jinkludu dik tax-xandir, imorru kontra l-istess Kostituzzjoni. Kompla li l-partiti ż-żgħar, fosthom Imperium Europa mmexxi mis-Sur Norman Lowell u n-nies li għandu miegħu fil-Kunsill, mhux qed jitħallew iwasslu l-ħsibijiet tagħhom u dan anke meta preżentaturi jiddeċiedu minn jeddhom li ma jistednux ċertu personalitajiet magħrufa fuq il-programmi tagħhom. Qal li hu qed jiffoka fuq il-Partit Nazzjonalista u jesiġi li fuq l-istazzjon tiegħu il-Partit Imperium Europa għandu jingħata rimedju li jkun tanġibbli rrispettivament mill-kampanja elettorali.

Dr Michael Piccinino qal li l-ilment huwa kontra NET u mhux kontra l-Partit Nazzjonalista.

Qal li NET TV jimxi fuq linji editorjali oħra u linji separati mill-Partit Nazzjonalista. Kompla li żgur li fl-ilment tiegħu, il-Partit Imperium Europa ma semmiex każ partikolari li qed jiġi allegat żbilanċjat fuqu.

Dr Emmy Bezzina rrefera għall-maxim legali *Quod non est in actis non est in mundu* u allura li l-kwistjoni ta' NET hija ċara u li bl-azzjoni tiegħu qed tiġi taffetwa s-soċjetà Maltija. Qal li jekk tittieħed jew saret xi ħaġa fejn issemma xi ħadd, l-istazzjon dovut jittratta t-tema. Semma wkoll l-eżempju tal-Prim Ministru Taljan Giorgia Meloni li riedet li kulħadd, anke l-lemin estrem, jiġi inkluż fix-xandiriet. Għalhekk bl-istess mod NET għandu bżonn ukoll jagħti spazju, ħin u faċilità lil kulħadd inkluż Imperium Europa, sabiex iwassal il-fehma tiegħu.

Dr Michael Piccinino rribatta billi qal li meta ma jkunx hemm valur t'aħbar ma hemmx obbligu ta' xandir.

Is-Sur Charles Sammut qal li mhux fl-aħbarijiet biss iżda anke fi programmi ta' diskussjoni u ġrajjiet kurrenti jrid ikun hemm veduti bilanċjati tal-partiti differenti.

Dr Peter Fenech spjega li l-messaġġ hu ċar li l-partit irid jinstema'. Għalhekk wissa lil NET TV li fuq bażi ta' kull ġimgħa l-Bord tal-Awtorità tax-Xandir se jkun iebes matul il-kampanja.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta, il-Bord għadda sabiex jiddiskuti dan l-ilment.

Il-Bord ħass li dawn l-ilmenti tressqu fi żmien strateġiku u cioè mal-perjodu tal-elezzjoni meta allura tkun bdiet il-kampanja elettorali tal-membri tal-Parlament Ewropew. Irrefera wkoll għad-direttiva tal-Awtorità tax-Xandir u avża li mhux biss se jkun hemm monitoraġġ intensiv, iżda wkoll konsegwenzi għal kull xandar li jonqos mill-osservanza. Madankollu, rigward dan l-ilment partikolari, il-Bord irrefera wkoll għall-elementi fakultattivi li jgawdu l-partiti l-kbar u sab li dawn ma jibqgħux japplikaw matul iż-żmien tad-direttiva. Għal dawn ir-raġunjiet il-Bord mhux jilqa' dan l-ilment.

2 ta' Mejju 2024
*Smigħ 05/2024 Numru 5*
*Ref: 27/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista kontra PBS Ltd rigward in-nuqqas ta' rappurtaġġ b'reazzjoni għall-istqarrija tal-Awtorità**

Permezz ta' email datata t-23 t'April 2024, is-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista (PN) Dr Michael Piccinino, irrefera għall-bullettin tal-aħbarijiet tal-PBS tat-Tnejn 22 ta' April. Hu kiteb li jum qabel, l-aħbarijiet tal-PBS xandru stqarrija maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir b'reazzjoni għall-istqarrija tal-PN dwar rappurtaġġi li jirrigwardaw lill-President tal-Unjoni Ewropea Dr Roberta Metsola, u naqsu milli jxandru l-istqarrija tal-Partit Nazzjonalista li kienet twieġeb lill-istess reazzjoni. Kompla li dan huwa bi ksur tal-provvedimenti ċari tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-liġi tax-xandir li jitkellmu dwar il-bilanċ u l-imparzjalità fuq ħwejjeġ ta' kontroversja politika. Dr Michael Piccinino żied jikteb li għal dawn ir-raġunijiet, qed jitlob li jingħata immedjatament rimedju effettiv lill-Partit Nazzjonalista. Hu temm l-ilment billi kiteb li qed jibgħat kopja ta' dan l-ilment lill-Awtorità tax-Xandir skont dak li jipprovdi l-Kodiċi għall-Investigazzjoni u għad-Determinazzjoni t'Ilmenti (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.06).

Fis-26 ta' April, l-Inġ Charles Dalli wieġeb għall-ilment tal-PN u qal li l-PBS irrapporta sunt tal-istqarrija tal-PN b'reazzjoni għall-istqarrija tal-Awtorità tax-Xandir fejn il-Partit Nazzjonalista qal li r-regoli tal-Awtorità tax-Xandir mhumiex demokratiċi. L-Inġ Charles Dalli qal ukoll li l-Ħadd ġiet imxandra wkoll l-istqarrija li ħarġet mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew b'talba sabiex dawn ir-regoli jiġu sospiżi. Qal li wara dan l-Awtorità tax-Xandir ħarġet stqarrija li fiha aċċertat li r-regoli mhumiex qed jiċċensuraw lill-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola, liema stqarrija ġiet ukoll irrappurtata nhar it-Tnejn 22 ta' April.

Il-PN ma kienx sodisfatt b'din ir-risposta u talab smigħ li ġie skedat għad-29 t'April 2024.

Għal dan is-smigħ dehru Dr Paul Borg Olivier u Dr Michael Piccinino għall-PN kif ukoll Dr Mark Vassallo għall-PBS flimkien mal-Editor-in-Chief u l-Inġ. Charles Dalli.

Dr Paul Borg Olivier immedjatament irrefera għall-prinċipju ta' *nemo judex in causa propria* u kompla li l-Bord tal-Awtorità tax-Xandir għandu jirrikuża ruħu għaliex ma jistax jiddeċiedi fuq kawża li għandu interess dwarha. Hu ta din l-istqarrija li talab lis-Segretarju tal-Bord jivverbalizza:

"Dr Paul Borg Olivier għall-PN jirrileva illi l-materja mertu ta' dan is-smigħ jimpinġi fuq interess tal-istess Bord tal-Awtorità tax-Xandir u għaldaqstant jaffettwa direttament il-prinċipju *nemo judex in causa propria* fis-sens illi l-persuna li qed tiddeċiedi ma għandhiex tiddeċiedi fuq materja li hija stess għandha interess fiha. Dan ukoll għaliex f'każ illi jiġri dan, jaffettwa d-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq kif protett taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art.6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u għaldaqstant jitlob li għas-smigħ ta' dan il-każ, dan il-Bord jirrikuża ruħu minħabba l-istess interess li għandu meta jiġi biex jagħti d-deċiżjoni."

Dr Mark Vassallo wieġeb billi vverbalizza s-segwenti:

"Dr Mark Vassallo għall-PBS ma jaqbilx mat-talba magħmula mill-PN u dana stante illi

bil-preżentazzjoni tal-ilment skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.06, il-PN issokkomba ruħu għad-deċiżjoni tal-Awtorità. Kieku l-PN ħass illi dan il-Bord kellu xi forma ta' kunflitt seta' jagħmel kif għamel f'diversi okkażjonijiet oħra u jippreżenta l-ilment tiegħu f'forum differenti. Apparti dan il-PBS jitlob li l-PN jindika taħt liema artikolu tal-liġi qed jibbaża t-talba tiegħu partikolarment fejn għandu x'jaqsam l-istitut tar-rikuża u kif dan japplika għall-Awtorità tax-Xandir."

Dr Paul Borg Olivier irribatta billi qal:

"Bi tweġiba għall-verbal tal-PBS, il-PN jissottolinea fl-ewwel punt illi l-proċeduri quddiem dan il-Bord huma proċeduri ta' rimedju ordinarju u għaldaqstant qabel kwalsiasi azzjoni oħra huwa d-dover li jfittex ir-rimedji ordinarji tiegħu qabel kwalsiasi azzjoni kostituzzjonali oħra.

Fit-tieni lok il-prinċipju tar-rekuża huwa prinċipju marbut mal-ġustizzja naturali u cioè *nemo judex in causa propria* u għaldaqstant huwa l-Bord tal-Awtorità tax-Xandir stess li għandu jassigura illi f'materja li hu għandu interess dirett fiha ma jkunux l-istess membri komposti b'dan il-mod, li jagħtu l-istess deċiżjoni. Ċertament issir referenza għall-proċeduri taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi għalkemm jirreferu għall-Qrati għandhom iservu ta' indikazzjoni ġenerali dwar il-komportament tal-istess Bord."

F'dan l-istadju l-Bord issospenda s-smigħ għal deċiżjoni dwar ir-rikjesta tal-Partit Nazzjonalista. Nhar is-7 ta' Mejju 2024, il-Bord informa lill-PN li mhux jilqa' t-talba tiegħu għar-rikuża tal-istess filwaqt li informa lill-partijiet li s-smigħ se jitkompla nhar it-22 ta' Mejju 2024, li għalih attendew l-istess persuni.

Matul dan is-smigħ Dr Paul Borg Olivier qal li hu kien jistenna li jkun hemm motivazzjoni għar-rifjut u vverbalizza kif ġej:

"Filwaqt li l-Bord qed jiddeferixxi, aħna qed nirreġistraw id-dewmien esaġerat illi mill-email tas-7 ta' Mejju 2024 sas-seduta tat-22 ta' Mejju 2024 il-motivazzjoni għad-deċizjoni minkejja mitluba baqgħet ma waslitx; minkejja li l-Bord qassam il-verbali li għamlu l-partijiet fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2024 u għaldaqstant il-lanjant qiegħed jilmenta oltre għal dan id-dewmien inġustifikat b'riserva għad-drittijiet tiegħu ulterjuri".

Nhar it-22 ta' Mejju, il-Bord bagħat ittra lill-PN fejn informa lil-lanjant li l-Bord jirrikonoxxi illi fil-komunikazzjoni mibgħuta mill-Bord fis-7 ta' Mejju 2024, il-Partit Nazzjonalista ġie infurmat li t-talba tiegħu tad-29 ta' April 2024 kienet ġiet miċħuda, liema komunikazzjoni il-lanjant wieġeb li ma kellha ebda motivazzjoni. Il-Bord qal li kien iddelibera dwar din it-talba u kif ukoll ħa l-pariri legali opportuni li wassluh għall-motivazzjoni li fuq il-mertu tal-ilment tal-Partit Nazzjonalista ma kien esprima l-ebda pożizzjoni u għalhekk ma kien hemm l-ebda lok għal astensjoni jew rikuża.

Is-smigħ tkompla nhar is-27 ta' Mejju 2024 fejn għalih attendew l-istess persuni.

Dr Michael Piccinino spjega li fil-ġimgħa ta' qabel id-19 t'April 2024, l-Awtorità ħarġet direttiva lix-xandara li kienet tinkludi l-mod ta' kif tiġi rrappurtata Dr Roberta Metsola u l-Parlament Ewropew. Il-Partit Nazzjonalista kien ilmenta li l-fatt li Dr Roberta Metsola, bħala l-President tal-Parlament Ewropew tiġi rrappurtata b'mod kawt kien qed joħloq ċensura

għaliex ma kellhiex tiġi kkunsidrata fuq skala ta' level playingfield minħabba l-inkarigu tagħha. Kompla li dan ma jsirx pereżempju fir-rigward tal-Prim Ministru. L-Awtorità kienet ċaħdet dak allegat.

Dr Michael Piccinino qal li fis-26 ta' Mejju 2024, il-PBS xandar iċ-ċaħda ta' Dr Joseph Muscat rigward l-inkjesta Vitals u allura dan huwa eżempju fejn il-kejl tal-PBS mhux applikat b'mod regolari għal kull każ applikat quddiemu. Dr Paul Borg Olivier kompla li l-PBS, fis-26 ta' Mejju 2024, irrapporta dak li diġà ntqal. Qal li meta għandek dibattitu ġenerali li hu ta' kontroversja politika, peress li huwa dwar l-operat tal-Parlament Ewropew, wieħed isib li Dr Roberta Metsola ġiet singled-out u dan bi skop ta' ċensura. Hu tenna li din hija vjolazzjoni.

Għall-PBS, Dr Mark Vassallo wieġeb li hu jikkummenta biss dwar ir-rappurtaġġ mhux dwar id-direttivi tal-Awtorità tax-Xandir għax dawn ingħataw skont il-poteri tagħha u x-xandar kien qed isegwihom. Segwa dan b'numru ta' stqarrijiet li nħarġu mix-xandar dwar diversi temi u jinkludi wkoll lil Dr Roberta Metsola, minkejja li l-allegazzjoni hi li hi qed tiġi ċċensurata.

Dr Mark Vassallo stieden lill-Awtorità tikkonferma li dak li qed jilmenta fuqu l-Partit Nazzjonalista ma hemm ebda novità fih u li jrid ikun hemm limitu għal kemm se ddum sejra l-botta u r-risposta. Dr Paul Borg Olivier irribatta li la kien hemm stqarrija u dakinhar stess kien hemm żviluppi oħra, dawn għandhom jiġu inklużi. Qal li r-reazzjoni tal-Awtorità tax-Xandir kienet jumejn wara l-istqarrija tal-Partit Nazzjonalista. Għalhekk iħoss li ladarba r-reazzjoni ssir dakinhar stess, għandha tiġi inkluża wkoll.

Dr Mark Vassallo tenna li l-Partit Nazzjonalista kulma għamel hu li rrepeta dak li qal oriġinarjament.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta l-Bord għadda sabiex janalizza dan l-ilment u jara wkoll id-dokumentazzjoni mgħoddija.

Il-Bord innota li rappurtaġġ fuq storja, iżjed u iżjed fuq bullettin tal-aħbarijiet, ma jistax ikun nieqes mill-element tal-bilanċ. Għalhekk għadda sabiex jifli l-istqarrijiet tal-Partit Nazzjonalista tad-19 t'April 2024, li kienet reazzjoni għad-direttiva tal-Awtorità tax-Xandir u li ġiet imxandra mill-PBS, kif ukoll dik tat-22 t'April 2024 li kienet reazzjoni għall-istqarrija maħruġa dwar l-Awtorità tax-Xandir fir-rigward ta' diversi rappurtaġġi li hi ħasset li ma kinux veritiera fil-konfront tal-istess direttiva.

Il-Bord sab li filwaqt li t-tieni stqarrija kienet maħruġa mill-PN fl-istess jum tal-istqarrija tal-Awtorità tax-Xandir, u għalhekk, anke peress li din kienet maħruġa fl-istess jum, il-PBS seta' jinkludiha fl-istess rappurtaġġ ġaladarba din ikollha valur t'aħbar, tali deċiżjoni hija fil-mansjoni tal-editur. Il-Bord għadda sabiex jifli l-kontenut tat-tieni stqarrija li skont ix-xandar kienet sommarju tal-ewwel u sab li kien hemm żewġ elementi ġodda f'din l-istqarrija qsajra, cioè l-fatt li l-Awtorità tax-Xandir mhix tapplika kejl identiku fil-konfront tal-Ministri u l-Gvern fi żmien l-elezzjonijiet kif ukoll referenza għat-talba tal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew għall-irtirar tal-parti tad-direttiva li fiha tissemma l-President tal-Unjoni Ewropea Dr Roberta Metsola. Madankollu, minkejja l-inklużjoni ta' dawn iż-żewġ elementi ġodda, il-Bord ikkunsidra jekk dawn kinux joħolqu valur t'aħbar u minn dak li analizza, anke għall-fatt li matul it-22 t'April 2024, il-PBS irrapporta li "kull rappurtaġġ jew informazzjoni dwar il-ħidma tal-Parlament Ewropew jew kull rapport b'rabta mal-President

tal-Parlament Ewropew għandu jiġi rrappurtat b'kawtela". Il-Bord għaldaqstant innota li l-istqarrija ma kinitx waħda preċiża għaliex kienet qed twieġeb stqarrija tal-Awtorità tax-Xandir li kienet qed tinterpreta l-kelma użata, "kawtela", bħala ċensura. Għalhekk il-Bord ħass li l-editur ma kienx skorrett fid-deċiżjoni tiegħu li ma jsibx valur t'aħbar fit-tieni stqarrija u dan għal tliet raġunijiet: l-ewwel peress li l-PBS kien diġà rrapporta l-veduti dwar iċ-ċensurar mill-Awtorità tax-Xandir, it-tieni peress li l-PBS ġab provi li Dr Roberta Metsola kienet tassew qed tiġi inkluża fil-bullettini tal-aħbarijiet, fosthom dak tad-19 t'April 2024 u t-tielet għaliex kif ingħad, ma rriżultax li l-editur kien skorrett li ma jsib ebda valur t'aħbar fit-tieni stqarrija.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord qiegħed jiċħad l-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista.

27 ta' Mejju 2024<br>
*Smigħ 07/2024 Numru 4*<br>
*Ref: 29/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista kontra PBS Ltd rigward TVM News tas-26 ta' Mejju 2024 rigward l-inkjesta maġisterjali Vitals**

Permezz ta' talba urġenti datata 27 ta' Mejju 2024, is-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista (PN) Dr Michael Piccinino, rrefera għar-rappurtaġġ tal-inkjesta maġisterjali Vitals li xandar il-PBS u qal li hemm ammont sostanzjali ta' nuqqasijiet fih. Hu sostna li l-PBS irrapporta "l-eks Chief of Staff fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Keith Schembri kien jaf dwar miżappropprijazzjoni ta' fondi" però għal raġuni li jafu huma biss naqas jgħid li l-inkjesta qalet li anke Dr Robert Abela kien jaf bil-frodi li kien għaddej. Qal ukoll li filwaqt li l-PBS semma li Dr Joseph Muscat għamel ċaħda, ma qalx eżatt x'sabet l-inkjesta dwaru minkejja li ssemma mijiet ta' drabi. Qal ukoll li lanqas ma rrapporta li kien hemm nuqqas ta' kooperazzjoni across the board ta' entitajiet pubbliċi, taħt il-Gvern preżenti, mal-Maġistrat fl-investigazzjoni tagħha.

Dr Michael Piccinino żied li minħabba l-importanza ta' dan is-suġġett li qed jiddomina l-kampanja elettorali, qed jintalab smigħ urġenti.

Il-Bord laqa' din it-talba u skeda dan is-smigħ għal ftit sigħat wara fejn kien diġà skedat jisma' lment ieħor bejn l-istess partijiet.

Għall-PN dehru Dr Michael Piccinino u Dr Paul Borg Olivier filwaqt li għall-PBS dehru Dr Mark Vassallo u l-Editor-in-Chief Inġ. Charles Dalli.

Dr Michael Piccinino qal li fis-26 ta' Mejju 2024, MaltaToday ppubblikat rapport tal-inkjesta maġisterjali. Qal li minkejja li l-PBS irrapporta dwar dan, l-istess rappurtaġġ ma kienx isemmi li anke Dr Robert Abela kien jaf dwar dak li kien għaddej. Għalhekk jekk dak li qal is-Sur Keith Schembri huwa valur t'aħbar, mela allura kemm iżjed hija valur t'aħbar li Prim Ministru tal-pajjiż kien jaf b'dan? Kompla billi qal li skont l-inkjesta, l-allegazzjoni hi li s-Sur Keith Schembri kien qed jiffroda l-miljuni. Dwar l-ex PM Joseph Muscat, Dr Michael Piccinino qal li l-PBS għamel ħażin irrapporta dak li kien diġà nġieb qabel.

Dr Paul Borg Olivier żied li hawn jikkonsisti fuq il-valur tal-aħbar u li din kienet li ġiet ippubblikata l-inkjesta u li fiha kien hemm informazzjoni li kienet diġà fid-dominju pubbliku, tant li Dr Joseph Muscat ħass li kellu jagħmel konferenza biex jiskolpa lilu nnifsu mill-pagamenti magħmula minn Accutor. Qal li wieħed jista' jagħmel diversi programmi dwar din l-inkjesta iżda l-PBS għażel li jħares lejn l-inqas valur tal-aħbar għaliex semma lil Keith Schembri u Konrad Mizzi u dan b'mod sintesi li dawn kienu jafu bil-frodi. Kompla li ssemma Chris Fearne u Edward Scicluna. Madankollu r-rapport ma qal xejn fuq Dr Joseph Muscat. Staqsa l-PBS kellux allura jerġa' jġib l-istess filmat tal-istqarrija tal-Excelsior u jibqa' ma jikkummentax dwar il-flus li ħa mingħand Accutor kif ukoll dwar l-istruttura sħiħa li ħoloq sabiex jittieħdu l-flus. Hu staqsa jekk il-valur tal-aħbar kienx li jiġi rrappurtat l-iżmentita ta' Joseph Muscat jew dak li ħareġ mill-istess inkjesta pubblika. Kompla dwar it-tieni valur tal-aħbar li cioè l-Prim Ministru kien jaf b'dan sa mill-2020. Qal li jekk l-inkjesta tista' tislet minnha valur t'aħbar u mhux qed issemmih, qed allura toħloq nuqqas ta' bilanċ fl-aħbar, ġaladarba teżisti kontroversja politika. Dr Paul Borg Olivier semma wkoll li skont il-maġistrat kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni minn bosta dipartimenti tal-Gvern u minn Bank of

Valletta, li skontu l-inkjesta kienet tgħid li għalhekk kien hemm dan id-dewmien kollu. Qal li tant kien serju dan li l-maġistrat kellha tagħmel sekwestri saħansitra sabiex id-dipartimenti jikkoperaw. Huwa għamel referenza minn fol. 1004 li jsemmi l-entitajiet tal-Gvern u jgħid li huma "made it impossible" u "we struggled to obtain accurate information" għall-investigazzjoni. Qal li dan ċertament huwa ta' valur t'aħbar.

Dr Mark Vassallo rrefera lill-Bord għar-rappurtaġġ tal-PBS li fih isemmiet l-inkjesta. Qal li dan huwa attribwit ma' dak li qalet Malta Today u li l-punti li semma Dr Paul Borg Olivier huma l-istess li rrappurtat din il-gazzetta. Qal li l-punt tiegħu kien li l-PBS irrapporta dak li ġie rrappurtat fil-gazzetti u li ladarba Malta Today irrappurtat dan, il-PBS segwa fuqu u rriproduċieh. Għalhekk il-PBS ma għamlitx l-analiżi hi iżda straħet fuq dak irrappurtat mill-Malta Today. Ikkonkluda billi qal li l-aħbar dwar Dr Robert Abela ma kinitx fuq Malta Today u li dak li semma Dr Bernard Grech infatti nġieb mill-PBS dalgħodu stess. Qal ukoll li l-PBS qal dak li kien ikkonstatat mill-Malta Today. Hu ppreżenta kopja tar-rapport.

Dr Michael Piccinino kompla li stazzjon pubbliku li jirċievi miljuni mit-taxxi tal-poplu, straħ kompletament fuq dak li qalet Malta Today. Għalhekk ma setgħetx issir ċaħda li l-istess gazzetta ma inkludietx. Qal li hu jippretendi li l-PBS tevalwa l-valur tal-aħbar.

Dr Paul Borg Olivier qal li apparti dak ippubblikat fuq il-gazzetti, għamlet rapporti wkoll online. Qal li kif għamlu media houses oħrajn, fuq il-verżjoni online daħlet fid-dettall u li kien hemm l-istess inkjesta inkluża. Għamel referenza għal deċiżjonijiet oħra mill-Qrati pereżempju dak li l-Qorti Kostituzzjonali qalet dwar l-inkjesta ta' Jean Pual Sofia. Dr Mark Vassallo qal li hu ma kienx semma dan. Dr Paul Borg Olivier qal li dan il-każ huwa agħar għaliex il-PBS kien kompletament qed jistrieħ fuq dak li ngħad mill-Malta Today. Għalhekk hu kompla li f'kontroversja politika, anke l-Awtorità tax-Xandir stess kienet saħqet li l-elementi importanti jridu joħorġu. Qal li anke hawnhekk il-PBS qed jinqeda bil-Malta Today biex ikun selettiv u dan meta kellu f'idejh provi mill-inkjesta li tidher online li kienet tippermettilu jmur oltre.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta l-Bord iddiskuta dan l-ilment u sab li filwaqt li l-PBS għandu obbligu jirrapporta ġrajjiet b'valur ta' aħbar, dan l-obbligu ma kienx mistenni fi żmien daqshekk qasir ta' ftit sigħat, speċjalment ladarba l-Partit Nazzjonalista kien qed jilmenta li l-PBS ma rrapportax dettalji mill-inkjesta pubblikata mill-Malta Today nhar is-26 ta' Mejju 2024, dokument ta' 1,200 paġna, b'kontenut ta' portata serja u sensittiva.

Fl-opinjoni tal-Bord, huwa korrett il-PBS meta jgħid li hu ma rrapportax il-kontenut tal-inkjesta, iżda rrapporta biss ir-rappurtaġġ tal-Malta Today tas-26 ta' Mejju 2024. Għalhekk, fl-aħħar ipotesi, li l-lment tal-Partit Nazzjonalista huwa wieħed intempestiv.

Il-Bord innota wkoll is-sottomissjonijiet tal-PBS meta qal li l-PBS se jkun qed iħejji rappurtaġġi oħra f'dan ir-rigward.

Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li l-Bord mhux jilqa' l-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista, qed ifakkar lix-xandar pubbliku jieħu konjizzjoni tal-inkjesta maġisterjali, li m'hemmx dubju għandha valur t'aħbar, qed jiġi mistenni li jirrapporta dan b'mod ġust u akkurat.

27 ta' Mejju 2024
*Smigħ 07/2024 Numru 4*
*Ref: 31/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Imperium Europa kontra RTK 103 minħabba dritt ta' risposta għal programm datat 18 ta' Mejju 2024**

---

Permezz ta' lment urġenti mressaq mill-Partit Imperium Europa (IE) nhar it-30 ta' Mejju 2024, is-Segretarju Ġenerali Josiah Vella rrefera għal programm tat-18 ta' Mejju 2024 ippreżentat mill-Prof. Andrew Azzopardi u li matulu ntqalu kummenti mill-opinjonist is-Sur Peppi Azzopardi li l-partit lanjant oġġezzjona dwarhom.

Għas-smigħ organizzat nhar il-31 ta' Mejju 2024, dehru s-Sur Kevin Papagiorcopulo u s-Sinjura Amanda Ciappara għal Beacon Media Group Limited assistiti minn Dr Maurice Meli. Għal Imperium Europa deher is-Sur Charles Sammut, teżorier.

Dr Maurice Meli, f'isem Beacon Media Group Limited, oġġezzjona għall-preżenza ta' Dr Adriano Spiteri bħala Segretarju tal-Bord minħabba n-natura tal-kwistjoni talab li jiġi rtirat u sostitwit. Hu vverbalizza s-segwenti:

"Din it-talba qed issir minħabba l-fatt illi huwa fatt mhux kontestat illi fil-passat Dr Spiteri kien esponent ewlieni tal-Partit lanjant Imperium Europa tant illi għall-perjodu ta' bejn Jannar u April tal-2019 iffirma bħala Segretarju Ġenerali tal-istess Imperium Europa, statement of comprehensive income tal-Partit lanjant Imperium Europa. Qed jiġi ppreżentat ukoll artiklu tal-2014 fejn l-istess Dr Adriano Spiteri jitqies bħala campaign manager for the far-right party Imperium Europa. Illi din it-talba qed issir stante l-fatt illi l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qed issir. Wieħed jassumi illi se jiġi sottomess illi s-Segretarju tal-Bord ma għandux setgħa li jkollu effett fuq id-deċiżjoni de quo. Jiġi sottomess illi Beacon Media Group Limited ma taqbilx ma' tali sottomissjoni stante l-fatt illi huwa pależi u mhux kontestat illi fost l-irwoli tiegħu bħala segretarju eżekuttiv għandu fost irwoli oħrajn, l-irwol illi jagħmel sunt ta' sottomissjonijiet li jsiru u ta' xhieda. Sunt li ma jistax isir mingħajr ħsieb kritiku ta' dak li l-persuna konċernata tqis illi huwa ta' importanza jew ta' rilevanza għall-każ inkwistjoni. Fil-każ illi t-talba tiġi rifjutata, s-soċjetà Beacon Media Group Limited minn issa tirriserva li tieħu l-passi opportuni fiċ-ċirkustanzi".

F'dan l-istadju l-partijiet ħallew is-seduta sabiex il-Bord jiddeċiedi dwar dak rikjest, inkluż is-Segretarju li ħass li kellu jagħmel dan għal kull bon fini.

Wara li l-Bord ħadet konjizzjoni tat-talba, iddeċieda kif ġej:

"Il-Bord ħa konjizzjoni tal-verbal u talba ta' Beacon Media Group Ltd sabiex jirrikużaw u konsegwentement jigi sostitwit is-Segretarju tal-Bord.

Is-soċjetà Beacon Media Group Ltd issollevat numru ta' punti in sosten tat-talba tagħha ossija (i) li s-Segretarju tal-Bord, Dr Adriano Spiteri, kien, fil-passat, persuna involuta u ufficjali tal-Partit IE. (ii) li l-ġustizzja għandha mhux biss issir, iżda tidher li ssir (iii) li wieħed mill-irwoli tas-Segretarju tal-Bord huwa li joħloq "sunt kritiku" tal-udjenzi u konsegwentement għandu jiġi rikużat u sostiwit għal dan l-ilment.

Il-Bord, wara li ra l-funzjonijiet tas-Segretarju tal-Bord, fosthom dawk li jieħu l-minuti tal-laqgħat tal-Bord u tal-udjenzi quddiem l-istess Bord, wara li rat ukoll li l-istess Segretarju,

skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandux rwol aġġudikattiv jew deċiżiv f'kwalunkwe stadju tal-proċeduri li jinstemgħu mill-Bord. Rat ukoll li, anke l-Minuti li jittieħdu mis-Segretarju tal-Bord, inkluż dawk tal-udjenzi jew smigħ li jsiru quddiem il-Bord, jiġu dejjem moqrija u approvati mill-membri individwali tal-Bord, u għalhekk ma jista' jkun hemm ebda biża ta' xi 'sunt kritiku' kif jisħqu Beacon Media Group Limited.

Għal dawn ir-ragunijiet, it-talba ta' Beacon Media Group Ltd qed tiġi miċħuda u l-Bord jordna l-prosegwiment tas-smigħ."

Dr Maurice Meli rreġistra risposta vverbalizzata kif ġej:

"F'isem Beacon Media Group Limited qed tintalab, in vista tad-digriet li għadu kif ingħata, referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dan stante fl-opinjoni ta' Beacon Media Group Limited, ksur potenzjali tad-dritt tas-smigħ xieraq fil-proċeduri odjerni. Referenza ssir għall-kawża fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Joseph Attard et tal-Qorti Kostituzzjonali in data 19 ta' Frar 2008 liema sentenza tikkonferma illi referenza ta' dan it-tip tista' ssir anke minn Bord."

F'dan l-istadju l-partijiet reġgħu irtiraw mis-seduta sabiex il-Bord jiddeċiedi dwar dak rikjest.

Il-Bord iddeċida kif ġej:

"L-Awtorità ħadet konjizzjoni tat-talba ta' Beacon Media Group Limited sabiex dan il-Bord jirreferi l-kwistjoni sollevata minnha lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede Kostituzzjonali tagħha b'referenza kostituzzjonali. L-Awtorità ħadet konjizzjoni wkoll tas-sentenza ċitata mis-soċjetà Beacon Media Group Limited li skontha l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li referenza mill-"bord" hija permissibbli.

L-Awtorità, wara li qieset li t-talba tas-soċjetà Beacon Media Group Limited qed issir fit-termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew fit-termini tal-Arikolu 4(3) tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta tqis illi testwalment l-istess dispożizzjonijiet jippermettu referenzi biss minn "qorti".

Peress li huwa evidenti li l-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, minkejja lir-rwol aġukattiv tiegħu f'ċirkostanzi ta' lmenti u smigħ ieħor mhux "qorti", dan neċessarjament ifisser li l-Bord m'għandux is-setgħa li jagħmel referenzi kostituzzjonali jew konvenzjonali kif qed titlob Beacon Media Group Limited.

Il-Bord jagħmel referenza (fost ħafna deċiżjonijiet oħra simili) għad-deċiżjoni ta' bordijiet oħra inkluż Emmanuel Bezzina et kontra Madeleine Bezzina deċiża mill-bord li jirregola l-kera fit-28 t'Ottubru 2022 kif ukoll bħala deċiżjoni tal-bord li jirregola l-kera tat-12 ta' Diċembru 2023 bl-ismijiet Stefanotis Company Limited versus Paul Tonna et fejn f'dawn l-istanzi l-Bord jikkonferma li huwa m'għandux setgħa legali li jirreferi kwistjonijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali skont id-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija. Anke fis-sentenza Margarite Psaila et vs RoseMarie Camilleri deċiża fil-21 t'April 2023 mill-Prim'Awla fil-funzjoni Kostituzzjonali tagħha kkonfermat li Bord (f'dak il-każ il-bord li jirregola l-kera) mhux qorti għall-finijiet ta' referenza.

Fis-sentenza ċitata minn Beacon Media Group Limited, il-Qorti Kostituzzjonali ma ddeċidietx li Bord għandu s-setgħa li jagħmel referenza iżda jirriżulta li l-qari tal-istess sentenza li l-Qorti Kostituzzjonali eżaminat biss kwistjonijiet oħra ormai li l-bord, f'dak il-każ, u erronjament,

kien aċċetta li jagħmel referenza. Il-pożizzjoni ġurisprudenzjali kemm lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija ċara fil-pożizzjoni tagħha u fl-interpretazzjoni tagħha dwar liema fora għandhom is-setgħa li jagħmlu referenza. Għaldaqstant il-Bord qed jiċħad it-talba għal referenza kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tas-soċjetà Beacon Media Group Limited u jordna l-prosegwiment tas-smigħ."

Għal Imperium Europa, is-Sur Charles Sammut spjega li mhux talli RTK, kif obbligat mil-liġi qatt ma stieden rappreżentant ta' Imperium Europa iżda wkoll li ġie mistieden is-Sur Peppi Azzopardi li semma lil Norman Lowell mingħajr ma kien hemm ħadd jirribatti. Għalhekk il-Bord qed jintalab jimxi mal-liġi.

Dr Maurice Meli staqsa jekk ġietx miżinterpretata l-opinjoni tas-Sur Norman Lowell. Is-Sur Charles Sammut wieġeb fil-pożittiv. Staqsa wkoll jekk il-programm kienx politiku u s-Sur Charles Sammut wieġeb li politika u/jew ta' ġrajjiet kurrenti.

Dr Maurice Meli kkwota mill-kummenti li qal Peppi Azzopardi u staqsa ġewx indirizzati dawn it-temi, bis-Sur Charles Sammut iwieġeb li l-partit irid jirribatti dak li ntqal.

Dr Alessandro Lia, membru tal-Bord, qal li l-ilment jasal meta l-parti li jipproponi r-risposta, x-xandar ma jirreklamax dik ir-risposta. Qal li din l-email issa qed jingħad li mhix ir-risposta iżda talba sabiex issir risposta.

Is-Sur Frans Ghirxi, membru tal-Bord, staqsa jekk l-istazzjon hux qed jaqbel mal-kontenut. Dr Maurice Meli kkonferma dan u rrimarka wkoll li t-titlu huwa "dritt tar-risposta".

Iċ-Chairperson ikkwota mill-email u qal li filwaqt li hemm il-URL, hemm test bl-inverted commas li jidher li din hija r-risposta per se.

Għal dan is-Sur Charles Sammut wieġeb li però din mhix ir-risposta per se u wara ta x'wieħed jifhem li s-segretarju ġenerali kien potenzjalment qed jikkunsidra t-test bħala r-risposta nnifisha.

Dr Maurice Meli kkwota minn Artikolu 15 ta' Kap. 579 u qal li jekk wieħed jara d-dritt ta' risposta u jqabbel mat-test lanjat wieħed jara li d-dritt ta' risposta u t-test lanjat ma għandhom x'jaqsmu xejn flimkien. Għamel ukoll referenza għal Artikolu 15(3) tal-istess Kap u qal li jekk wieħed jirreferi għar-risposta tal-Partit Imperium Europa jsib li ma hemmx raġuni li din tiġi mxandra u li għandha tiġi skartata. Irrefera wkoll madankollu għat-tielet paragrafu tar-risposta proposta fejn qed jiġi allegat li kien hemm ksur tad-direttiva tal-Awtorità tax-Xandir fir-rigward tal-episodju inkwistjoni u qal li dan mhux fatt skorrett iżda gidba faħxija u defamatorja u li allura pależament din id-diċitura, skont l-istess artiklu hija defamatorja. Għal din ir-raġuni wkoll talab li l-lanjanza tiġi miċħuda. Saret ukoll referenza għat-tieni proviso ta' paragrafu 15. Qal li din kienet xandira kif ippreżentata lill-Awtorità tax-Xandir in ottemporanza mad-direttiva tal-Awtorità tax-Xandir datata 18 t'April 2024 liema skeda hija approvata.

Dr Maurice Meli qal ukoll li dwar l-istedina tal-partit, ebda kandidat fil-perjodu kollu mit-29 t'April 2024 ma ġie mistieden. Qal ukoll li kien hemm firxa wiesgħa ta' opinjonisti. Qal li għal dan iwieġeb li ma jistax ikun li Beacon Media Group Limited ma inkludiex firxa wiesgħa. Qal li t-test qed jiġi oġġezzjonat kif spjegat.

Is-Sur Charles Sammut wieġeb li l-liġi tgħid li l-programmi jridu jiġi ppreżentati b'bilanċ u imparzjalità u li dan mhux il-każ. Qal li firxa wiesgħa ma kienx il-każ peress li ġew mistiedna nies ta' naħa waħda biss għax bl-opinjoni ta' Imperium Europa ma kien hemm ħadd.

F'dan l-istadju l-partijiet ħallew is-seduta sabiex il-Bord jiddeċiedi l-ilment.

Il-Bord ra l-komunikazzjoni ta' Imperium Europa tat-30 ta' Mejju 2024 fejn fiha ntalab dritt ta' risposta mill-istazzjon RTK103. Il-Bord qies li fil-kors tas-smigħ, ir-rappreżentanza tal-partit lanjant issottometta li dik il-komunikazzjoni ma kinitx tikkontjeni r-risposta li l-Partit Imperium Europa kien qed jippretendi li tiġi mxandra iżda li kienet talba biex jingħata dritt iressaq ir-risposta li xtaq li tiġi mxandra. Jekk inhu hekk, il-Bord ma jistax jieħu konjizzjoni tal-ilment inkwantu tali lmenti jistgħu jiġu meqjusa jekk ix-xandar jonqos milli jippubblika l-kontenut tar-risposta, jalterah b'mod irregolari, jikkummenta f'nofs ir-risposta nnifisha u raġunijiet oħra kif elenkati fir-regolament 8.15 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14 u dawk skont il-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda l-Bord jagħraf ukoll li fil-komunikazzjoni tat-30 ta' Mejju 2024, hemm paragrafu bil-kwotazzjonijiet li jagħti x'jifhem li hija proprju dik ir-risposta li l-partit lanjant qed jitlob li tiġi mxandra b'reazzjoni għall-programm tat-18 ta' Mejju 2024 fuq RTK103. Jekk hija din l-interpretazzjoni korretta (u fl-aħħar tas-smigħ il-lanjant ikkonċeda li min bagħat il-komunikazzjoni f'isem il-partit hekk potenzjalment ried), mela allura il-Bord għandu jeżamina jekk dik ir-risposta taqax fil-parametri ta' dritt ta' risposta skont ir-regolamenti applikabbli. Jidher li l-ilment tal-partit jikkonċerna tlett dikjarazzjonijiet li saru mill-mistieden tal-programm is-Sur Peppi Azzopardi u anke xi dikjarazzjonijiet li saru mill-preżentatur il-Prof. Andrew Azzopardi. Wara li l-Bord eżamina l-kontenut tar-risposta iqis li din bl-ebda mod ma twieġeb għal xi dikjarazzjonijiet li saru matul il-programm u għalhekk mhix qiegħda biex tikkoreġi, tikkontradixxi jew tispjega id-dikjarazzjonijiet magħmula waqt il-programm u ssarraf biss f'sottomissjoni ġenerika tal-fehma jew fehmiet tal-partit lanjant. Għalhekk f'kwalunkwe każ, l-ilment tal-Partit Imperium Europa qed jiġi miċħud.

31 ta' Mejju 2024

*Smigħ 08/2024 Numru 8*

*Ref: 33/24*

**Deċiżjoni għall-ilment imressaq mill-Partit Imperium Europa kontra RTK 103 minħabba t-tieni dritt ta' risposta mibgħut nhar l-4 ta' Ġunju 2024 għall-programm datat 18 ta' Mejju 2024**

---

Il-Bord stieden lill-partit lanjant Imperium Europa sabiex jattendi għas-smigħ li talab fil-konfront tal-istazzjon RTK103. Il-partit lanjant ilmenta li filwaqt li l-Bord kien diġà ddeċieda dwar l-ewwel risposta mibgħuta lill-istazzjon, fejn iddeċieda li r-risposta ma kinitx tindirizza l-kummenti magħmula mill-preżentatur matul il-programm ta' nhar it-18 ta' Mejju 2024, kien madankollu bagħat it-tieni risposta nhar l-4 ta' Ġunju 2024, li skontu tindirizza dawn il-kummenti.

Għal RTK103 dehru s-Sur Kevin Papagiorcopulo, editur, flimkien mas-Sinjura Amanda Ciappara u l-preżentatur il-Prof. Andrew Azzopardi, assistiti mill-Avukat Dr Maurice Meli.  Għal Imperium Europa deher it-Teżorier is-Sur Charles Sammut.

Dr Maurice Meli f'isem is-soċjetà Beacon Media Group Ltd preliminarjament eċċepixxa u għamel talba sabiex jiġi sostitwit u/jew jirrikuża ruħu Dr Adriano Spiteri bħala Segretarju tal-Bord u dan għal raġunjiet illi se jiġu spjegati iktar fid-dettall aktar tard f'din is-seduta. Għaldaqstant qal li qabel ma jsiru s-sottomissjonijiet u t-talba formali tas-soċjetà Beacon Media Group Ltd għal dan il-għan, l-istess soċjetà qiegħda formalment titlob sabiex tiġi awtorizzata tippreżenta evidenza u iktar minn hekk sabiex jixhed Dr Adriano Spiteri nnifsu.

Il-partijiet, inkluż is-Segretarju Dr Adriano Spiteri, irtiraw mis-seduta.

Il-Bord awtorizza lil Beacon Media Group Ltd jagħmel id-domandi lil Dr Adriano Spiteri.

Dr Maurice Meli tella' bħala xhud u staqsa mistoqsijiet lis-Segretarju Dr Adriano Spiteri. Dr Maurice Meli talbu jikkonferma jekk firma fuq dokument finanzjarju datat 2020 kinitx tiegħu, kif ukoll biex isemmi lin-nies li jidhru fir-ritratt tal-artiklu ppubblikat fuq il-Malta Today ta' nhar l-4 ta' Settembru 2014. Is-Segretarju wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet u qal li f'dak iż-żmien hu kien tassew membru fil-partit imsemmi. Dwar l-artikolu ta' Malta Today qal li dan inkiteb 10 snin qabel, semma li hu kien informa lil Malta Today li l-kontenut tal-artikolu ma kienx veritier, għaliex hu qatt ma organizza protesti u li dak il-protest imsemmi ma kienx wieħed ta' Imperium Europa. Semma wkoll li n-nies fir-ritratt kienu s-Sur Norman Lowell, is-Sinjura Arlette Baldacchino u s-Sur Antoine Galea, kontestanti ta' Imperium Europa fl-elezzjoni tal-2014.

Wara d-desposizzjoni tas-Segretarju Dr Adriano Spiteri, Dr Maurice Meli vverbalizza kif ġej:

"Fuq ammissjoni ta' Dr Adriano Spiteri kkonferma illi fil-passat kien mhux biss segwaċi tal-Partit lanjant iżda saħansitra esponent ewlieni tal-istess. Ikkonferma wkoll illi bħala esponent ewlieni iffirma dokumenti kif del resto kellu dritt li jagħmel dak iż-żmien, tal-istess partit lanjant. Għaldaqstant hawnhekk ma aħniex nitkellmu sempliċiment fuq 'partitarju' jew 'segwaċi' tal-Partit Imperium Europa iżda kien ħolqa integrali fit-tmexxija u l-organizzazzjoni tal-Partit Imperium Europa. Dr Spiteri kkonferma wkoll li fost l-irwoli tiegħu bħala Segretarju ta' dan il-Bord huwa għandu l-inkarigu illi jagħmel sommarju ta' dak li qiegħed jingħad u sottomess waqt is-smigħ. Illi di natura dan l-eżerċizzju jinvolvi l-ħsieb kritiku ta' min qed

jagħmel dak is-sommarju liema sommarju qed jiżen dak li qed jingħad u jikkonċentrah għal dawk l-elementi illi huwa "is-Segretarju tal-Bord" jaħseb bil-ħsieb kritiku tiegħu illi huwa ta' importanza u ta' rilevanza għall-każ de quo. Illi b'kuntrast għas-sottomissjonijiet illi jgħidu illi dan is-sunt kritiku jgħaddi mill-għarbiel tal-Bord għalhekk kwalunkwe ksur potenzjali tad-dritt tas-smigħ xieraq huwa hekk evitat, is-soċjetà Beacon Media Group Ltd tissottometti assolutament li ma taqbel xejn ma' dan ir-raġunament. Illi l-fatt dan is-sunt jgħaddi taħt l-għarbiel tal-membri tal-Bord, f'dak il-mument ikun diġà tard wisq. Kwalunkwe dannu potenzjali li seta' jkun hemm ħa jsir qabel dak il-mument. Għaldaqstant huwa faċli illi żball fl-aħjar ipoteżi u ommissjoni appożita fl-ipoteżi tgħaddi mingħajr il-Bord qas ikun jaf bih. Illi b'żieda ma' dan wieħed ma jridx jinsa illi l-ġustizzja mhux trid issir iżda trid tidher ukoll li ssir f'għajnejn il-lanjant kif ukoll min qed jirrispondi għall-istess lanjanza illi b'kull dovut rispett s-soċjetà Beacon Media Group Ltd f'din is-sitwazzjoni anke jekk il-ġustizzja ssir qatt ma jista' jkollha l-konviċiment morali u ċ-ċertezza skont dak dettat mil-liġi, li l-ġustizzja għandha wkoll tidher li qed issir. Għaldaqstant tenut kont ta' dan li għadu kif ġie sottomess imqabbel max-xhieda ċara ta' Dr Adriano Spiteri ikun għalhekk idoneju għal dan il-każ partikolari dejjem sabiex il-ġustizzja mhux biss issir iżda tidher li qed issir, illi Dr Adriano Spiteri jew jiġi sostitut jew jirrikuża ruħu għal dan l-ilment partikolari. Fil-każ illi din it-talba ma tiġix milqugħa, s-soċjetà Beacon Media Group Ltd minn issa tirriserva li tieħu l-passi opportuni li hija tqis fiċ-ċirkustanzi".

Il-partijiet, inkluż is-Segretarju Dr Adriano Spiteri, reġgħu ħallew is-seduta.

Hekk kif il-Bord sejjaħ lura s-seduta, il-Bord iddeċieda kif ġej:

*"Il-Bord sema' l-eċċezzjoni preliminari għar-rikuża tas-Segretarju tal-Bord Dr Adriano Spiteri. Sema' lill-istess Dr Adriano Spiteri in eżami. Sema' s-sottomissjonijiet imressqa mill-istazzjon dwar l-istess. Il-Bord, in vista tal-fatt li l-istess Dr Adriano Spiteri mhuwiex membru bil-vot tal-Awtorità u ma jipparteċipax fid-deċiżjonijiet tal-Awtorità, kif ukoll in vista tal-fatt li l-Awtorità tesprimi lilha nnifisha minnufih u mhux wara l-qari tal-Minuti, jiċħad it-talba ta' Beacon Media Group Ltd għar-rikuża/jew sostituzzjoni tas-Segretarju tal-Bord. Il-Bord qed jordna l-prosegwiment tas-smigħ."*

Is-Sur Charles Sammut qal li fid-deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2024, l-Awtorità ddeċidiet li ma tilqax id-dritt ta' risposta u għalhekk intbagħtet risposta oħra. Din ir-risposta ġiet esebita u konfermata mir-rappreżentanti tal-istazzjon.

Dr Maurice Meli staqsa lill-lanjant jekk dan id-dritt kien relatat mal-programm ta' Andrew Azzopardi tat-18 ta' Mejju 2024, bis-Sur Charles Sammut jikkonferma.

Dr Maurice Meli staqsa jekk kienx hemm diġà seduta qabel u kienx hemm deċiżjoni datata 18 ta' Mejju 2024. Is-Sur Charles Sammut ikkonferma t-tnejn li huma.

F'dan il-mument ġie mistieden minn Beacon Media Group Ltd is-Sur Peppi Azzopardi bħala xhud peress li kien il-parteċipant fil-programm Andrew Azzopardi on RTK103 tat-18 ta' Mejju 2024. F'dan l-istadju l-istazzjon ippreżenta filmat li xxandar seduta stante u li permezz tiegħu l-istazzjon ried jagħmel paragun ma' dak li kien qed jiġi mitlub mill-partit lanjant.

Dr Maurice Meli għamel referenza għat-traskrizzjoni ta' dak li ntqal mis-Sur Peppi Azzopardi waqt il-programm lanjat u staqsih sabiex jispjega dwar xiex kien qed jitkellem. Is-Sur Peppi Azzopardi wieġeb li ma kienx mistieden biex jitkellem dwar is-Sur Norman Lowell iżda dwar

affarijiet oħra inkluż survey li tindika li hemm xi nies li mhux se jivvutaw, u li sejrin issa jivvutaw lil Norman Lowell. Qal li jekk wieħed jivvota lis-Sur Norman Lowell qed jaqbel li dawk li se jkollhom overdose għandhom jitħallew mal-art.

Xehed ukoll is-Sur Kevin Papagiorcopulo bħala editur. Dr Maurice Meli staqsih x'jaħseb dwar it-tieni dritt ta' risposta. Is-Sur Kevin Papagiorcopulo spjega li din diġà kienet diskussa u deċiżjoni għaliha ngħatat fil-31 ta' Mejju 2024 (*Ref.: 33/24*). Qal li dak li qal il-mistieden kien fattwali u li dak li kellu jikkunsidra sabiex jaderixxi mal-liġi huwa kien għamlu.

Mistoqsi minn Dr Maurice Meli dwar x'jaħseb dwar it-tieni risposta Dr Kevin Papagiorcopulo wieġeb li ma jaħsibx li hemm dritt skont il-liġi.

Is-Sur Charles Sammut wieġeb li s-Sur Norman Lowell mhux dejjem jispjega ruħu sew u li dak li bagħat il-partit kien infatti osservazzjonijiet dwar il-kummenti li saru mis-Sur Peppi Azzopardi matul il-programm.

Dr Maurice Meli spjega li b'mod preliminari qed teċċepixxi ir-res judicata u għamel referenza għad-dritt ta' risposta ppreżentata nhar l-4 ta' Ġunju 2024 liema punt għamel referenza għal dak diġà deċiż mill-istess Bord fil-31 ta' Mejju 2024. Għamel referenza għall-kawża fl-ismijiet Vito Domenico Bendvenca vs Direttur Ġenerali Veterinary and Animal Welfare tal-25 ta' Novembru 2014 deċiża mill-Imħallef J.R. Micallef u Michael Chetcuti vs Miller Distributions Ltd and Victor Chetcuti deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Awwissu 2023, għall-kawża Raba Construction Ltd vs Cutajar Construction Ltd, kif ukoll għall-kawża Dr Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe tal-2022. Qal li dawn il-kawżi kollha jgħidu li meta kawża tittratta l-istess suġġett, l-istess partijiet kif ukoll l-istess disputa, (*aedem res/personae/causa petendi*), dawn huma elementi fundamentali ta' res judicata. Għalhekk, hekk kif konfermat mis-Sur Charles Sammut, qal li qed issir referenza għall-istess lanjanza, bejn l-istess partijiet u fuq l-istess suġġett. Qal li dwar dan diġà kien hemm deċiżjoni. Qal ukoll li l-partit kien imissu ssottometta r-risposta li ħaseb li hi tajba fil-bidu għax il-kunċett ta' dritt ta' risposta mhux wieħed li jtik l-okkażjoni sakemm iġġibha tajba. Mingħajr preġudizzju għal dak hu ssottometta illi dak kollu li ntqal mis-Sur Peppi Azzopardi matul il-programm tal-Prof. Andrew Azzopardi, la kien kummentarju u lanqas opinjoni. Tant li d-dritt ta' risposta qed tindirizza l-punti fattwali u mhux kontestati li ntqalu minn mistieden dwar is-Sur Norman Lowell. Għamel paragun fejn mistieden qal li s-sema blu u xi ħadd irreġistra risposta fejn is-sema mhix blu. Qal li s-soċjetà Beacon Media Group Ltd temmen bis-saħħa illi dan l-ilment għandu jiġi miċħud u li fin-nuqqas se jinħoloq preċedent ikrah li l-leġiżlatur żgur ma kienx qed jaħseb f'dan. Qal li dan l-ilment għandu jiġi miċħud in toto.

Is-Sur Charles Sammut ikkummenta li l-ewwel risposta ġiet ikkunsidrata bħala mhix konformi mal-liġi. Qal li r-risposta li ntbgħatet qed tirrispondi għal dak li kien intqal.

Dr Peter Fenech, membru tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, staqsa lis-Sur Charles Sammut jekk il-qofol tal-kwistjoni hix pożizzjoni dwar il-partit. Is-Sur Charles Sammut qal li s-Sur Norman Lowell semma li min huwa b'overdose għandu jitħalla fit-triq u mhux jitħalla jmut kif qal is-Sur Peppi Azzopardi.

Dr Peter Fenech reġa' staqsa jekk l-ilmentatur hux jgħid li s-Sur Peppi Azzopardi kien qed jikkummenta dwar is-Sur Norman Lowell jew dwar il-Partit Imperium Europa. Is-Sur Charles Sammut wieġeb li s-Sur Norman Lowell huwa kandidat u fundatur tal-Partit Imperium Europa.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta, il-Bord iddiskuta dan l-ilment.

Il-Bord għadda sabiex janalizza t-tieni risposta mibgħuta minn Imperium Europa. Il-Bord jinnota li dan id-dritt ta' risposta jikkonsisti billi wieħed jikkoreġi, jikkjarifika jew jikkontradixxi dak li qalet persuna oħra.

Il-Bord għadda sabiex jikkunsidra l-eċċezzjoni tar-res judicata. Wara li sema' s-sottomissjonijiet taż-żewġ partitjiet il-Bord jiddikjara illi minkejja li f'kontenut tar-risposta proposta mil-lanjant tirreferi għall-istess programm li dwaru diġà kien hemm talba għal dritt ta' risposta liema lment ġie miċħud mill-Awtorità fil-31 ta'Mejju 2024, il-Bord jagħraf li l-kontenut tar-risposta proposta huwa ġdid u dwaru l-Bord m'esprimiex ruħu. Konsegwentement jiċħad l-eċċezzjoni tar-res judicata.

Il-Bord għadda sabiex jikkunsidra l-ilment fil-mertu u kkunsidra s-sottomissjonijiet imressqa, reġa' ra r-risposta mibgħuta mill-ilmentatur jiddikjara li l-kontenut tar-risposta ma jindirizza l-ebda lment u fih biss spjegazzjoni ta' policy meta l-kummenti mill-opinjonista fil-programm ma kinux qed jirribattu l-policy tal-Partit Imperium Europa iżda kienu kritika tal-kummenti li esprima l-partit, liema kummenti l-istazzjon ġab prova dwarhom. Għalhekk il-Bord mhuwiex qed jilqa' l-ilment għar-raġunijiet hawn fuq spjegati.

Il-Bord jagħmel ukoll referenza għal diversi kummenti li għadda l-istazzjon dwar id-drittijiet tiegħu u r-riservi ta' passi ulterjuri fil-konfront tal-Awtorità. Il-Bord jagħraf li dawn il-kummenti bl-ebda mod mhuma se jinfluwenzaw lill-Awtorità fir-responsabbiltajiet li għandha fejn dejjem iddeċidiet skont dak li tqis korrett entro l-parametri tal-liġi li hi tosserva.

6 ta' Ġunju 2024

*Smigħ 09/2024 Numru 1*

*Ref: 33/24*

**Deċiżjoni dwar ilment mill-Partit Nazzjonalista (PN) datat 10 ta' Lulju 2024 rigward TVM News dwar ix-xhieda tal-Kummissarju tal-Istandards**

---

Dan l-ilment tressaq minn Dr Michael Piccinino għan-nom tal-Partit Nazzjonalista (PN) fil-konfront ta' PBS Ltd rigward rappurtaġġ tar-rapport tal-Kummissarju tal-Istandards li sab li nkisret l-etika meta ġie mxandar filmat li mhux suppost ġie mxandar.

Preżenti għas-seduta li saret fit-18 ta' Lulju 2024 quddiem il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, kien hemm preżenti s-Segretarju Ġenerali tal-PN Dr Michael Piccinino. Għall-PBS dehru l-Kap tal-Aħbarijiet u Aġent Editur, is-Sur Owen Galea u Dr Mark Vassallo bħala r-rappreżentant legali tal-PBS. Matul is-smigħ, Dr Michael Piccinino qal li ttella' l-Kummissarju tal-Istandards li fix-xhieda tiegħu quddiem il-Kumitat Parlamentari dwar l-Istandards, tenna li Dr Robert Abela kiser l-etika permezz ta' dan il-filmat. Qal li meta Mħallef Emeritus jgħid rakkont bħal dan ifisser li mhux disputibbli l-valur t'aħbar. Kompla li dak li jingħad taħt ġurament fil-Parlament żgur għandu piż kbir.

Dr Michael Piccinino kompla jgħid li l-fatt li l-Kummissarju tal-Istandards xehed taħt ġurament huwa fatt iżda l-PBS għażel li jħalli dan barra mir-rappurtaġġ tiegħu.

Dr Mark Vassallo, rappreżentant legali għall-PBS, wieġeb li din l-istorja kienet ixxandret fl-10 ta' Lulju 2024. Dr Michael Piccinino irribatta li l-Inġ. Dalli wieġeb li ma kienx hemm valur t'aħbar. Dr Mark Vassallo qal li l-PBS irrapporta l-aħbar 3 xhur u nofs qabel, cioè fid-19 ta' Marzu 2024, fejn dakinhar il-PBS ippubblikat il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni fejn il-Kummissarju tal-Istandards kien sab ksur ta' etika. Kompla li l-bullettin inkluda l-aħbar fl-10 ta' Lulju 2024 u li dan ċertament mhux minħabba l-ilment tal-Partit Nazzjonalista (PN) iżda għax kien skedat jagħmel dan.

Dr Michael Piccinino qal li xi ħaġa li għandha valur t'aħbar trid tixxandar dakinhar stess u mhux wara. Wieġeb għal dak li qal Dr Mark Vassallo li l-ħtija kienet li tmur kontra l-etika u cioè l-Prim Ministru kisirx l-etika jew le.

Dr Mark Vassallo rribatta li l-ilment ma kienx fuq dik it-tema.

Wara li l-partijiet ħallew is-seduta l-Bord għadda sabiex jistħarreġ is-sottomissjonijiet. Il-Bord ikkonferma li x-xandira tassew saret l-għada, l-10 ta' Lulju 2024, u għal din ir-raġuni ma laqax l-ilment.

2 ta' Awwissu 2024<br>
*Smigħ 10/2024 Numru 6*<br>
*Ref: 36/24*

**Deċiżjoni rigward ilment mill-Partit Nazzjonalista (PN) datata 10 ta' Lulju 2024 rigward rappurtaġġ fl-aħbarijiet ta' TVM tad-9 ta' Lulju 2024 dwar l-aġir tal-Kunsilliera Laburisti dwar vot għal Sindku ta' Birkirkara**

L-Awtorità tax-Xandir kellha quddiemha lment imressaq mill-Partit Nazzjonalista dwar l-aħbarijiet ta' TVM tad-9 ta' Lulju 2024 dwar rappurtaġġ tal-każ tal-ħatra tas-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' B'Kara fejn il-PN innomina lis-Sinjura Desiree Grech filwaqt li l-PL innomina lis-Sinjura Yana Debono Grech.

Preżenti għas-seduta li saret fit-18 ta' Lulju 2024 quddiem il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, kien hemm preżenti s-Segretarju Ġenerali tal-PN Dr Michael Piccinino. Għall-PBS dehru l-Kap tal-Aħbarijiet u Aġent Editur, is-Sur Owen Galea u Dr Mark Vassallo bħala r-rappreżentant legali tal-PBS.

Dr Michael Piccinino qal li l-PBS xandar stqarrija tal-Partit Laburista (PL) biex jiġġustifika l-aġir tal-kandidati tiegħu u l-vot dwar is-Sindku, madankollu naqas milli jirrapporta dak li qalet is-Sinjura Yana Debono Grech fuq il-mezzi soċjali dwar dak li ġara. Tenna li l-valur tal-aħbar kien il-vot tas-Sinjura Yana Debono Grech u dan għax ma mxietx mal-linja tal-partit. Qal li dakinhar il-PBS xandar biss stqarrija tal-PL. Fid-dawl ta' dan, Dr Michael Piccinino qal li kellu jittieħed kumment tas-sindku. Qal li madankollu ma ttieħed l-ebda kumment mis-sindku u anqas dikjarazzjonijiet li għamlet is-Sinjura Yana Debono Grech.

Dr Michael Piccinino spjega li minkejja li dawn kienu kummenti fuq il-midja soċjali xorta waħda kien jimmeritahom li jiġu rrappurtati avolja kienu kummenti miktuba fuq facebook.

Dr Mark Vassallo wieġeb dwar x'kellha tkun il-valur tal-aħbar u li sta għall-editur li qiegħed hemm biex jiddeċiedi dwar il-valur tal-aħbar. Il-valur tal-aħbar kien li s-sindku nħatret għal tliet xhur. Dr Mark Vassallo qara wkoll partijiet mit-traskrizzjoni fejn issemma wkoll il-fatt li s-Sinjura Yana Debono Grech ivvutat kontra l-partit tagħha u dan ġie rrappurtat saħansitra fl-ewwel paragrafu tar-rapport. Dr Mark Vassallo stieden lill-Bord isegwi x'ġara waqt il-laqgħa għaliex is-Sinjura Yana Debono Grech ma qalet xejn ħlief li vvutat kontra l-partit. Qal li sadanittant il-PL ħareġ stqarrija filwaqt li l-PN ma ħareġ xejn. Ikkonkluda li meta l-PN għamel stqarrijiet dwar sindki oħra, dawn ġew irrappurtati iżda kkummenta li l-PN ma kienx ħareġ stqarrija.

Dr Michael Piccinino kkwota diversi ġurnali li qablu dwar il-valur ta' aħbar, ħlief il-PBS. Ammetta li l-PN ma ħariġx stqarrija dwar dan, madankollu tenna li ma ġiex ilmentat dan il-fatt. Qal li mkien fl-ilment tal-PN ma qal li ma xxandritx l-istqarrija tal-PN iżda anzi li b'mod ħolistiku ma xxandritx l-istorja kollha. Ladarba, skont il-PBS, kienet importanti l-ħatra tas-sindku, mela allura kellhom jixxandru kollha.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta, il-Bord iddiskuta dan l-ilment.

Il-Bord irrefera għat-traskrizzjonijiet fejn ħass li jirriżulta li l-aħbar ingħatat mill-PBS b'mod sħiħ u li ġie rrappurtat ukoll il-fatt li s-Sinjura Yana Debono Grech ma mxietx mad-direzzjoni li kien talab il-Partit Laburista. Għaldaqstant il-Bord ma laqax l-ilment.

2 ta' Awwissu 2024
*Smigħ 10/2024 Numru 7*
*Ref: 37/24*

## Deċiżjoni rigward ilment imressaq mill-Partit Imperium Europa assistit b'akkuża kontra RTK103 dwar il-programm Andrew Azzopardi on RTK103 rigward ksur tad-direttiva maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir

L-Awtorità tax-Xandir kellha quddiemha lment imressaq mill-Partit Imperium Europa rigward ksur tad-Direttiva maħruġa mill-istess Awtorità tax-Xandir nhar it-18 ta' April 2024 u li kienet tapplika għal matul il-perjodu tal-kampanja elettorali tal-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

L-ilment ta' Imperium Europa, datat 30 ta' Mejju 2024, kien jirreferi għall-programm ta' ġrajjiet kurrenti fuq RTK103.

Inżammew numru ta' seduti għal dan is-smigħ. Nhar is-6 ta' Ġunju 2024, dehru s-Sur Charles Sammut in rappreżentanza tal-Partit Imperium Europa kif ukoll is-Sur Kevin Papagiorcopulo bħala l-editur tal-istazzjon lanjat, is-Sinjura Amanda Ciappara kif ukoll il-Professur Andrew Azzopardi, assistiti mill-Avukat Dr Maurice Meli.

Dr Peter Fenech, membru tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, staqsa lir-rappreżentant ta' Imperium Europa jekk kienx għad fadallu interess fl-ilment. Is-Sur Charles Sammut wieġeb fil-pożittiv. F'dak l-istadju Dr Maurice Meli spjega li l-istazzjon ma kienx irċieva l-ilment mingħand l-Awtorità. F'dan l-istadju l-Bord ta kopja tal-ilment seduta stante u ddeċieda li s-smigħ kellu jiġi diferit sabiex l-istazzjon jingħata l-ħin biex jipprepara d-difiża tiegħu. Dan sar bi qbil bejn il-partijiet preżenti.

Wara s-smigħ, il-partit lanjant kiteb lill-Bord b'referenza għal sezzjoni 5 tal-imsemmija Direttiva u talab li fiċ-ċirkustanzi li l-Awtorità toħloq ġustizzja permezz tad-Direttiva tagħha stess billi tisma' u tiddeċiedi l-ilment qabel l-elezzjoni u mhux wara għax l-osservanza kellha tiġi kkunsidrata b'urġenza. Din il-komunikazzjoni ġiet segwita b'oħra ftit wara fejn il-Partit Imperium Europa għamel referenza għad-deċiżjoni tal-istess Bord tas-27 ta' Mejju fl-okkju PN vs PBS li kienet tgħid: *"Dr Michael Piccinino żied li minħabba l-importanza ta' dan is-suġġett li qed jiddomina l-kampanja elettorali, qed jintalab smigħ urġenti. Il-Bord laqa' din it-talba u skeda dan is-smigħ għal ftit sigħat wara"*. Il-Partit lanjant ilmenta li mhux qed jingħata trattament ugwali.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord ltaqa' b'urġenza virtwalment sabiex jiddiskuti l-argumenti miġjuba u ħa konjizzjoni tal-komunikazzjoni li possibbilment ħalliet barra l-ilment oriġinali fil-komunikazzjoni tal-akkuża li ħarġet skont id-detti ta' Kap. 350.07 lill-istazzjon. Il-Bord iddeiriġa lill-Kap Ezekuttiv tibgħat s-segwenti risposta lill-Partit lanjant fit-20:00 tal-istess jum:

> *"L-Awtorità ħadet konoxxenza tal-korrispondenza mibgħuta llum, waħda fil-15:54 u 17.42 iltaqgħet b'urġenza llejla sabiex tiddiskuti dawn iż-zewġ*

> *komunikazjonijiet. L-Awtorità tagħmel referenza għall-fatti kif ġraw illum waranofsinhar senjatament illi dan is-smigħ segwa l-proċedura tad-Direttiva u ġie mibgħut direttament lill-Awtorità li dan is-smigħ instema' b'urġenza u minnufih li waqt dan is-smigħ l-istazzjon ġab għall-għarfien tal-Bord quddiem ir-rappreżentant tal-ilmentatur li ma kellux kopja tal-ilment formali mressaq minn Imperium Europa.*
>
> *Il-Bord ħa nota tal-fatt li l-ilmentatur ma oġġezzjonax għal diferiment għal tempo vergine. Il-Bord għalhekk ipproċeda li jikkonċedi differiment.*
>
> *Il-Bord għalhekk tenut kont il-ġrajjiet kif ġraw waranofsinhar kif ukoll tal-fatt li l-kampanja elettorali li tagħlaq minn hawn u erba' sigħat oħra tiddeċiedi li ma tilqax it-talba sabiex is-smigħ jiġi rikjamat għal-lejla stess".*

Il-partit lanjant reġa' wieġeb dakinhar stess. Għal dan il-Bord iddeċieda li din il-komunikazzjoni ma kellhiex għalfejn tiġi mwieġba.

It-tieni smigħ kien skedat għall-20 ta' Ġunju 2024, madankollu is-Sur Kevin Papagiorcopulo kiteb li ma setax jattendi. Għaldaqstant il-Bord iffissa it-tieni seduta għat-18 ta' Lulju 2024. Għal dan is-smigħ dehru l-istess partijiet. Deher ukoll is-Sur Matthew Xuereb, l-editur il-ġdid tal-istazzjon lanjat u s-Sinjura Amanda Ciappara, Head of Programmes and Business Development, filwaqt li s-Sur Kevin Papagiorcopulo fil-kariga l-ġdida tiegħu bħala Kap Eżekutiv tal-Beacon Media Group Ltd, ingħaqad virtwalment.

Iċ-Chairman fetaħ is-smigħ billi fakkar li din hija kontinwazzjoni tas-smigħ ta' qabel l-elezzjoni u ċioè ta' nhar is-6 ta' Ġunju 2024.

Dr Maurice Meli qal li hu jixtieq iressaq żewġ eċċezzjonijiet fosthom dwar ir-rwol tas-Segretarju tal-Bord u t-talba għar-rikuża tiegħu.

Il-Bord wieġeb li dwar din il-materja diġà kien hemm deċizjoni tal-Awtorità fl-ilment preċedenti bejn l-istess partijiet.

Dr Maurice Meli xorta xtaq iressaq l-ilment tiegħu u spjega li quddiem l-Imħallef Aaron Bugeja hemm proċeduri pendenti u qal li għandu eċċezzjoni oħra dwar il-Kap Eżekuttiv. Dr Maurice Meli sostna li d-deċiżjoni tal-Qorti se jkollha impatt dirett fuq l-andament ta' dawn il-proċeduri. Qal li f'dik il-kawża qed jikkontestaw il-pożizzjoni legali tal-irwol tal-Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Awtorità tax-Xandir u fi ħdan il-Bord. Għalhekk tenna li hu jemmen li s-sentenza ta' dik il-kawża se jkollha impatt dirett fuq il-proċeduri mħaddna u li għalhekk l-Awtorità kellha tissospendi dawn il-proċeduri.

Dr Maurice Meli kompla billi vverbalizza kif ġej:

"Dr Maurice Meli għas-soċjetà Beacon Group Media Ltd jibda billi jissoleva żewġ punti preliminari.

Is-soċjetà Media Beacon Group Ltd toġġezzjona għall-preżenza ta' Dr Adriano Spiteri fl-irwol tiegħu bħala Segretarju tal-Bord f'dawn il-proċeduri. Referenza ssir għax-xhieda li ta Dr Adriano Spiteri stess.

L-ewwel oġġezzjoni hi għall-preżenza tas-Segretarju għall-fatt stabbilit li Dr Adriano Spiteri kien esponent ewlieni fil-leadership tal-partit lanjant f'dawn il-proċeduri. B'mod speċifiku dwar l-ewwel oġġezzjoni s-soċjetà Beacon Media Group Ltd tagħmel referenza għax-xhieda ta' Dr Adriano Spiteri fil-proċeduri tas-6 ta' Ġunju 2024.

It-tieni oġġezzjoni, (li sejjaħ bħala punt prattiku) huwa s-sottomissjoni tal-proċeduri pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Beacon Media Group Ltd kontra l-Awtorità tax-Xandir u kontra Dr Joanna Spiteri (referenza 184/24AB). Il-kawża msemmija tissottolinea numru ta' oġġezzjonijiet li kellhom l-istess soċjetà Beacon Media Group Ltd fuq l-irwol tal-Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Awtorità tax-Xandir u għalhekk is-soċjetà temmen li l-eżitu tal-proċedura jaf ikollha effett fuq il-proċeduri odjerni. Għaldaqstant is-soċjetà Beacon Group Media Ltd qed titlob li dawn il-proċeduri jiġu sospiżi sakemm tiġi konkluża u ddeterminata il-kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Dr. Meli ttratta dwar dawn iż-żewġ punti u wara l-Bord stieden lill-partijiet sabiex jallontaw mill-kamra, inkluż is-Segretarju tal-Bord. Għal dawn l-oġġezzjonijiet il-Bord iddeċieda hekk:

> *"Il-Bord ħa konjizzjoni tal-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-socjetà Beacon Group Media Ltd. Il-Bord jagħmel referenza għad-deċiżjoni tiegħu li diġà ħa fuq l-istess punt sollevat bejn l-istess partijiet fi proċeduri differenti bejniethom 6 ta' Ġunju 2024 u 31 ta' Mejju 2024 u għar-raġunijiet ġa mfissra tiċħad it-talba."*

Il-Bord stieden lura lis-Segretarju u meta allontanat il-Kap Eżekuttiv iddeċieda dwar it-tieni oġġezzjoni kif ġej:

> *"L-Awtorità tikkunsidra t-tieni oġġezzjoni sollevata wara li ħadet konjizzjoni tal-proċeduri msemmija mill-istess soċjetà tirrileva li dik l-azzjoni hija azzjoni bbażata a tenur tal-Artiklu 469A fejn it-talbiet tagħha jirrelataw għal deċiżjoni speċifika li ħadet l-Awtorità, l-att amministrattiv u peress li ma tarax kif dik is-sentenza tista' tinċidi fuq dawn il-proċeduri, tiċħad l-oġġezzjoni u tordna l-prosegwiment."*

Mar-ritorn tal-partijiet kollha u tal-Kap Eżekuttiv, il-Bord qara d-deċiżjonijiet tiegħu u kompla billi stieden lis-Sur Charles Sammut sabiex jagħti sfond tal-ilment imressaq. Is-Sur Charles Sammut qal li wara sfida sfaċċata li l-Partit Imperium Europa ma kienx se jkun mistieden, anke jekk ikun obbligat permezz ta' Direttiva, baqa' ma nbidel xejn u dan bi ksur lampanti tal-istess Direttiva tal-Awtorità. Qal li l-Awtorità anzi kellha tipproċedi ex ufficio.

Dr Maurice Meli staqsa lis-Sur Kevin Papagiorcopulo, li dak iż-żmien kien l-editur tal-istazzjon, dwar x'għandu xi jgħid fuq l-ilment tas-Sur Charles Sammut.

Is-Sur Kevin Papagiorcopulo wieġeb li primarjament ma kien hemm ebda kandidati waqt dawn il-programmi u li din kienet deċiżjoni editorjali. Qal li kien hemm madwar 60 persuna mistiedna li kollha esprimew veduti tal-partiti kollha. Għalhekk skont hu dak li qed jgħid is-Sur Charles Sammut ma jreġix għaliex il-kandidati ma ġewx mistiedna u li l-istazzjon aċċerta li l-veduti kollha jiġu mistiedna. Mistoqsi minn Dr Maurice Meli kif kienu jintgħażlu n-nies, is-Sur Kevin Papagiorcopulo wieġeb li wara laqgħa mal-preżentatur u l-producer tal-programm kienu jagħżlu nies mistiedna kull ġimgħa b'firxa wiesgħa ta' mistednin li jirrappreżentaw il-fehmiet politiċi kollha. Għamel ukoll referenza għal korrispondenza li kellu ma' Dr Joanna Spiteri, il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, bl-aħħar waħda fil-31 ta' Mejju 2024, fejn fiha kien informaha li l-kandidati mhux se jkunu mistiedna. Qal ukoll li kienet tkun ukoll inkluża s-Sinjura Amanda Ciappara. Is-Sur Papagiorcopulo qal li kellhom telefonata ma' Dr Joanna Spiteri dwar il-mistednin fil-programmi u rrefera għal numru ta' imejls skambjati bejnu u l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, li kienu saru f'dan ir-rigward.

Is-Sinjura Amanda Ciappara kompliet li hi kienet ħafna drabi tibgħat ukoll il-lista permezz ta' imejl u li r-risposta kienet tkun 'noted'. Is-Sinjura Ciappara qalet li saħansitra f'imejl tal-5 ta' Ġunju 2024, kienet irċeviet risposta mingħand is-Sur Randolph Micallef li qal li prima facie ma hemmx problemi.

Dr Alessandro Lia, membru tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, ikkummenta li peress li s-Sur Kevin Papagiorcopulo qal li l-istazzjon kien stieden mistiedna li esprimew il-veduti politiċi kollha, ħass li kellu jistaqsi min kienu l-mistiedna li esprimew il-veduta politika tal-lanjant.

Is-Sur Kevin Papagiorcopulo, għalkemm wieġeb li kien hemm mistiedna tal-istess fehma tal-partit lanjant, ma weġibx speċifikament għal dan u qal li jridu jsiru traskrizzjonijiet ta' dak li ntqal. Kompla li hu jħoss li jrid isir jekk ma sarx diġà min-naħa tal-Awtorità.

Dr Maurice Meli ppreżenta lista tal-mistednin li tindika diversi nies li kien hemm waqt il-programmi mxandra fuq RTK103.

Dr Maurice Meli staqsa jekk Dr Joanna Spiteri tikkonfermax il-lista tal-mistednin. Dr Joanna Spiteri wieġbet li qed tifhem li dawn kienu l-istess listi li kienu jintbagħtu mill-istazzjon u dan dejjem skont kif kien mitlub mid-Direttiva. Dr Maurice Meli staqsa wkoll jekk qattx kienet oġġezzjonat għal-lista. Dr Joanna Spiteri kkonfermat li kienet tirċievi listi ta' programmi differenti u l-unika darba li esprimiet opinjoni kienet f'telefonata mal-editur u s-Sinjura Amanda Ciappara fejn imbagħad bagħtet imejl fid-29 ta' Mejju 2024 li rreferiet għat-telefonata. Ikkonfermat li RTK103 ma kienx qed jistieden kandidati. Qalet li hi kienet ukoll kitbet li l-obbligu tal-bilanċ u imparzjalità xorta waħda japplika avolja ma jkunx hemmx kandidati. Spjegat li RTK103 wieġbu li se jkun hemm firxa wiesgħa ta' opinjonijiet. Tenniet ukoll li ma setgħetx toħroġ akkuża qabel għaliex l-Awtorità dejjem kienet tistenna li jkun għad fadal l-aħħar programm fejn wieħed jikkonforma ruħu.

Dr Maurice Meli staqsa x'wassal lill-Kap Eżekuttiv sabiex toħroġ akkuża. Dr Joanna Spiteri wieġbet li fl-aħħar ġimgħa tal-kampanja kienet applikat proċedura riferita fil-L.S.350.07, wara li ġiet formalment rikjesta tagħmel dan mill-partit lanjant.

Dr Alessandro Lia staqsa jekk il-proċeduri li qed isemmi Dr Maurice Meli humiex dawk *sub-judice* quddiem l-Imħallef Bugeja. Dr Maurice Meli qal li hu jrid ikun jaf xi xpruna din id-deċiżjoni. Għal dan Dr Joanna Spiteri wieġbet li l-Awtorità, permezz tad-Dipartiment tal-Monitoraġġ, issegwi programmi ta' kull stazzjon u dak kollu li jkun qed jiġi mxandar. Fil-proċess l-Awtorità tirċievi wkoll lista ta' mistednin li ġieli tinbidel minħabba ċ-ċirkustanzi tal-ġrajjiet kurrenti. Qalet li l-Awtorità ma tistenniex li bilanċ jintlaħaq fl-ewwel xandira u għalhekk jingħata ċans twil. Fil-każ tal-RTK103 kienet qed tistenna lista minn Sibt għal Sibt u spjegat li aderenza mad-Direttiva ma tistax tiġi stabbilita f'perjodu qasir. Qalet li l-monitoraġġ isegwi xorta waħda l-programmi u ma jistrieħx biss fuq il-lista ta' parteċipanti li hija rikjesta mid-Direttiva imma jisma' wkoll il-kontenut tal-programm per se.

Dr Maurice Meli reġa' staqsa jekk mil-lista ta' mistiedna li ġew provduti tistax tikkonferma jekk ħadd minnhom esprimiex ideat li jħaddnu Imperium Europa. Dr Joanna Spiteri wieġbet li mir-rapporti li għandha ma jirriżultax li kien hemm xi pożizzjoni politika uffiċjalment imnedija jew promossa mill-Partit Imperium Europa fuq RTK103. Għalhekk Dr Maurice Meli staqsa jekk l-Awtorità iddeterminatx jekk xi ħadd mis-60 mistieden kienx semma fehmiet tal-Imperium Europa u talab li jingħata r-rapporti tal-monitoring u jitla' jixhed il-persuna li għamlet il-monitoraġġ. Insista li għandu d-dritt ikun jaf u vverbalizza li:

*"In vista tax-xhieda tal-lum, Beacon Media Group Limited formalment titlob dan il-Bord sabiex jiġi prodott rappreżentant tal-imsemmi monitoring board/team bħala xhud sabiex jixhed fil-proċeduri odjerni."*

Għal dan il-Bord informa lill-istazzjon lanjat kif ġej:

> *"F'dan l-istadju l-Bord qiegħed jidderiġi lil Beacon Media Group Ltd sabiex qabel jiġi deċiż jinġiebx rappreżentant tal-monitoring team sabiex isirulu xi domandi, jiżvela l-istess Beacon Media Group Ltd, min huma dawk il-mistiedna li skont huma esprimew l-istess opinjonijiet tal-lanjant f'dawn il-proċeduri biex b'hekk skont Beacon issodisfa l-firxa wiesgħa ta' opinjonijiet politiċi".*

Iċ-Chairman fakkar li fl-intervent tas-Sur Papagiorcopulo, l-istazzjon lanjat qal li jinsab ċert li minn dawn is-60 mistieden kien hemm opinjonijiet u fehmiet tal-Partit Imperium Europa inklużi.

Dr Maurice Meli qal li jixtieq jara kif il-Kap Eżekuttiv ħasset li dan l-ilment kien wieħed ta' sustanza. Dwar il-punt imqajjem miċ-Chairman, qal li huwa pjuttost konvint li fehmiet minn kull partit politiku kienu mxandra matul is-serje ta' xandiriet u ċioè matul il-perjodu tad-Direttiva.

Is-Sur Kevin Papagiorcopulo għamel intervent ieħor u qara parti mill-ittra tal-akkuża "diskussjonijiet m'esponenti ta' Imperium Europa". Semma dak li skont hu kien qal Dr Peter Fenech, membru tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, waqt deċiżjoni preċedenti tat-2 ta' Mejju 2024, fejn esprima li mhux esponenti partikolari li jippretendu li jattendu l-programmi jridu jiġu mistiedna, iżda għandhom jiġu mxandra l-fehmiet politiċi tal-partiti kollha.

Il-Bord aġġorna s-smigħ għal jum ieħor u ddiskuta r-rikjesti tal-istazzjon lanjat f'laqgħa virtwali fit-22 ta' Lulju 2024. Il-Bord bagħat risposta lill-partijiet fl-istess jum. F'din ir-risposta l-Bord irrefera għad-deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2024 (smigħ 3/24 ref.:07/24) fl-ismijiet PN vs PBS, kif ukoll għal akkuża kontra l-PBS ta' nhar it-12 ta' Diċembru 2023 (akkuża 15/2023 ref.:65/01). Permezz ta' din ir-risposta l-Bord informa li d-dokumenti interni huma meqjusa privileġġjati, li hu ma jippermettix il-preżentata tar-rapport tat-tim tal-monitoraġġ, kif ukoll li qed jistenna mill-istazzjon lanjat sabiex jindika speċifikament min mis-60 mistieden imsemmi fil-lista preżentati minnu kien esprima fehma li tirrappreżenta lill-Partit Imperium Europa. Il-Bord ta lill-istazzjon lanjat sas-26 ta' Lulju 2024 sabiex jippreżenta dan u għarraf li s-smigħ ta' nhar il-31 ta' Lulju 2024 se jkun finali in aderanza ma' Artikolu 8(2) ta' Kap.350.

Fid-29 ta' Lulju 2024, iċ-Chairman tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir irċieva ittra bil-posta datata 25 ta' Lulju 2024, mibgħuta għan-nom u in rappreżentanza ta' Beacon Media Group Ltd, fejn ġiet mitluba r-rikuża tal-membri kollha tal-Bord kif ukoll li tiġi permessa x-xhieda ta' rappreżentant mis-sezzjoni tal-monitoraġġ.

Għaldaqstant il-Bord irrefera l-istess korrispondenza lill-konsulent legali tal-Awtorità tax-Xandir, Dr Mark Refalo, li wieġeb lill-avukat tal-istazzjon lanjat għal din il-komunikazzjoni nhar it-30 ta' Lulju 2024. F'din ir-risposta spjega għaliex din it-talba ma setgħetx tiġi milqugħa. Il-Bord ikkunsidra l-parir mogħti lilu u konsegwentement ċaħad it-talba tal-istazzjon lanjat.

Għas-smigħ tal-31 ta' Lulju 2024, dehru l-editur s-Sur Matthew Xuereb, is-Sur Kevin Papagiorcopulo attenda wkoll fiżikament u s-Sur Charles Sammut għall-Imperium Europa attenda virtwalment.

Iċ-Chairman spjega li wara l-laqgħa sar skambju ta' ittri bejn l-avukati tal-istazzjon lanjat u l-konsulent legali tal-Awtorità. Qal ukoll li l-istazzjon ġie avżat li dan is-smigħ kien se jkun wieħed finali.

Dr Maurice Meli kkonferma li l-istazzjon lanjat lest jikkonkludi dakinhar u li ma hemmx provi addizzjonali x'jitressqu.

Dr Peter Fenech staqsa dwar id-dokument preżentat li dwaru kien intqal li wħud mis-60 mistieden kellhom fehma fuq Imperium Europa. Stieden lill-istazzjon jikkonferma liema minnhom kienu għamlu dan. Tenna li l-liġi titkellem fuq "firxa wiesgħa".

Dr Maurice Meli kkonferma li ma hemm xejn xi jżid ma' dak li kien ġa ressaq u jew spjega u li se jispjega kollox matul is-sottomissjonijiet. Għalhekk il-Bord stieden lis-Sur Charles Sammut iressaq iżjed provi iżda l-lanjant wieġeb li se jistrieħ fuq dak diġà sottomess.

Dr Maurice Meli beda billi għamel referenza għall-ittra mibgħuta lis-Sur Papagiorcopulo fil-5 ta' Ġunju 2024, bl-akkuża. Fiha ingħad li kienet inkisret id-Direttiva. Kompla billi qara minn paragrafu 3(5) tad-Direttiva (paġna 4). Dr Maurice Meli qal li l-allegazzjoni kienu marbuta mal-programm tal-Prof. Andrew Azzopardi li matulu kien intqal li ma ġietx mistiedna kull opinjoni politika. Kompla li huwa fid-dover ta' min qed joħroġ l-akkuża li jipprova l-ksur.

Dwar ix-xhieda Dr Maurice Meli rrefera għall-Kap Eżekuttiv u għamel referenza għas-sezzjoni tal-monitoraġġ. Qal li hu dispjaċut li l-Bord ma laqax ir-rikjesta li jinġieb membru mill-istess sezzjoni u dan għaliex il-parti lanjata xtaqet tissustanzja dak li ġiet notifikata bih mill-Kap Eżekuttiv. Qal li ma jemminx li *detto del detto* għandu jservi ta' prova sabiex tinstab ħtija kontra Beacon Media Group Ltd.

Dr Maurice Meli qal li l-istazzjon dejjem kien imparzjali u dejjem ta spazju għal opinjonijiet wiesgħa u li fl-ebda punt Beacon Media Group Ltd ma intenzjonat li tikser id-Direttiva. Kompla b'referenza għal 3(2) tad-Direttiva u filwaqt li aċċenna li l-istazzjon kien rett fuq l-osservazzjoni tal-obbligi. Irrefera wkoll għal imejl tal-Kap Eżekuttiv tal-31 ta' Mejju 2024 u rrimarka li jekk il-Bord isib ħtija f'Beacon Media Group Ltd, ifisser ukoll li mhux biss qed jiġi ċensurat l-istazzjon iżda saħansitra l-Kap Eżekuttiv tal-istess Awtorità tax-Xandir li kkonfermat l-istess lista ta' mistednin bla qatt ma nġibdet l-attenzjoni dwar xi forma ta' ksur. Saħaq li l-Bord għandu jirrikunsidra l-investigazzjoni tal-kummenti tas-60 mistieden imsemmija fil-lista preżentata u rrefera għall-kumment ta' Dr Peter Fenech dwar il-"firxa wiesgħa" billi spjega li Beacon Media Group Ltd segwa dak li hemm fid-Direttiva u li allura li kien hemm veduti u opinjonijiet differenti li jissodisfaw ir-rekwiżit ta' firxa wiesgħa. Qal li huwa fiżikament impossibbli li ġġib l-opinjonijiet kollha għaliex jeżistu opinjonijiet daqs kemm jeżisti ramel, iżda peress li l-opinjonijiet miġjuba mill-istazzjon kienu wiesgħa, ma jistax wieħed jargumenta li l-istazzjon ma segwiex l-obbligi tiegħu.

Fl-intervent finali tiegħu s-Sur Charles Sammut qal li jista' jkun minnu li ġiet preżentata lista ta' 60 parteċipant iżda dan ma jfisser xejn. Qal li l-Prof. Andrew Azzopardi kien diġà sfida li mhux se jistieden lill-Partit Imperium Europa. Qal ukoll li l-Bord qisu qed ikun Qorti Kriminali fejn il-provi jiġu pruvati *beyond reasonable doubt.* Ikkonkluda li dan ma għandux ikun il-każ.

Fis-sottomissjonijiet finali tagħha l-Kap Eżekuttiv irreferiet għall-komunikazzjoni msemmija mis-Sur Kevin Papagiorcopulo fis-smigħ preċedenti u li kienet tagħmel referenza għal imejl tal-5 ta' Lulju 2024 tal-Awtorità tax-Xandir. Iċċarat li din kienet qed tirreferi għal żewġ *attachments* marbuta mal-jum tas-silenzju u mhux mat-tema riferita mis-Sur Kevin Papagiorcopulo.

**Ikkunsidra**

Meta l-partijiet kif ukoll il-Kap Eżekuttiv ħallew is-seduta, il-Bord għadda sabiex jiddeċiedi dan l-ilment assistit bl-akkuża wara li għamel referenza għall-provi u sottomissjonijiet imressqa.

Il-Bord iddiskuta jekk "firxa wiesgħa" għandhiex tirreferi għal kull opinjoni politika u dan dejjem b'referenza għal sezzjoni 3(5) tad-Direttiva:

"Huwa l-obbligu ta' kull stazzjon li programmi li għandhom x'jaqsmu ma' xi materja ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferu għall-policy pubblika kurrenti jridu jiġu ppreżentati b'imparzjalità. Fi programmi ta' diskussjoni li se jkunu jittrattaw temi li b'xi mod huma marbuta mal-Kunsilli Lokali, irid ikun hemm rappreżentazzjoni wiesgħa ta' opinjonijiet differenti fuq is-suġġett ittrattat. L-istess prinċipju jgħodd għal programmi li jittrattaw l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew".

Il-Bord iqis li minn 60 mistieden kellu jkun hemm numru ta' veduti li jinkludi l-partiti politiċi kollha, li f'din l-elezzjoni kienu jammontaw għal biss 6. Dan jgħodd ukoll minkejja li l-mistiedna ma kinux kandidati iżda ma jirriżultax li l-fehmiet jew opinjonijiet tal-partit lanjant ġew preżentati fl-istess programm, anke jekk kien hemm mill-inqas 60 mistieden.

Għalhekk iqis li l-istazzjon lanjat naqas milli jressaq dawk il-provi neċessarji sabiex jipprova li l-ilment imressaq ma kienx wieħed fundat.

Għall-kuntrarju, jirriżulta li l-istazzjon lanjat meta ġie mistieden jindika min minn dawk il-mistiedna kollha wassal il-fehma politika tal-partit lanjat, fehma waħda minn sitt partiti biss; ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma u insista li l-Bord stess kellu jordna lill-Awtorità tikkonferma hi stess.

Dan ma kellux għalxiex isir dwar kull aspett tal-politika, għaliex altrimenti l-oneru fuq l-istazzjon ikun qawwi. Iżda l-Bord huwa konvint li l-kliem "*rappreżentazzjoni wiesgħa ta' opinjonijiet differenti fuq is-suġġett trattat*" ma setgħet qatt twassal għall-esklużjoni ta' partit wieħed minn sitta, partikolarment meta l-mistiedna kienu aktar minn sittin. L-istazzjon lanjat seta' faċilment jistieden persuna li tirrappreżenta jew twassal l-opinjoni tal-Partit Imperium Europa fuq suġġett wieħed, mill-għexieren li ġew ittrattati matul il-programm inkwistjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord qed jilqa' l-ilment assistit bl-akkuża u konsegwentement jikkundanna lill-istazzjon iħallas is-somma ta' €4,660, kif stipulat fi Skeda 5 ta' Kap. 350, liema somma għandha titħallas fi żmien sittin (60) jum mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Il-Bord qiegħed ukoll jordna lill-istazzjon sabiex fi żmien tlett (3) ijiem mid-data ta' din id-deċiżjoni jaqra wkoll dan is-sunt waqt il-bullettin tal-aħbarijiet ta' RTK103.

*"Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir immulta lill-istazzjon RTK103 multa ta' €4,660 skont Skeda 5 tal-Att dwar ix-Xandir, wara li kkonferma ksur mill-istazzjon tad-Direttiva maħruġa għal matul il-kampanja elettorali. Dan peress li matul il-programmi*

*tal-preżentatur Prof. Andrew Azzopardi, fl-aħħar kampanja elettorali tal-Parlament Ewropew ġie milqugħ ilment tal-Imperium Europa li kien assistit b'akkuża wara li l-fehma tal-partit ilmenta li ma kienx inkluż fid-diskussjonijiet ta' dan il-programm. Għal din ir-raġuni l-Awtorità assistiet l-ilment bl-akkuża.*

*Wara li sema' s-sottomissjonijiet u ħa konjizzjoni tal-provi mressqa, il-Bord sab ksur ta' sezzjoni 3(5) tad-Direttiva għaliex qies li fiċ-ċirkostanzi kellhom jiġu rappreżentati l-veduti politiċi tal-partit lanjant".*

21 ta' Awwissu 2024

Smigħ 9_24/10_24/11_24

Ref.:167/01

**Deċiżjoni rigward ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista kontra l-aħbarijiet tad-19 ta' Awwissu fuq TVM rigward rappurtaġġ dwar l-inkjesta indipendenti ta' Nicolette Ghirxi**

---

L-Awtorità tax-Xandir kellha quddiemha lment imressaq mill-Partit Nazzjonalista rigward ir-rappurtaġġ dwar l-inkjesta indipendenti dwar is-Sinjura Nicolette Ghirxi.

Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir skeda s-smigħ għal nhar it-12 ta' Settembru 2024 iżda dan ġie differit għas-17 ta' Settembru 2024 minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tar-rappreżentant legali tal-PBS.

Għas-smigħ tas-17 ta' Settembru 2024 deher Dr Michael Piccinino, Segretarju tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll l-Editor-In Chief tal-PBS l-Inġ. Charles Dalli, il-Kap tal-Aħbarijiet is-Sur Owen Galea u r-rappreżentant legali tal-PBS Dr Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino rrefera għall-mewta traġika tas-Sinjura Nicolette Ghirxi u kkwota dak li rrapporta l-PBS nhar id-19 t'Awwissu 2024, skont dak li qal l-uffiċċju tal-Prim Ministru. Kompla billi qara dak irrappurtat fl-20 t'Awwissu 2024, b'reazzjoni għal dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni, fejn il-PBS għamel repetizzjoni ta' dak li ntqal fil-kamra tal-aħbarijiet. Kompla billi kkwota minn Artiklu 2.1.1 tal-L.S.350.14 u ta diversi eżempji fejn fil-passat il-PBS argumenta li mhux noticeboard. Ikkonkluda billi qal li r-rappurtaġġ tal-PBS jikser il-liġi u l-istess regoli.

Dr Mark Vassallo qal li hu jsostni dak li tgħid il-liġi sussidjarja u saħaq li dan jiġi rispettat mill-PBS. Qal ukoll li hemm leeway fil-kontenut tal-aħbarijiet li se jiġi ripetut skont il-valur tal-aħbar. Dan għaliex filwaqt li jum qabel il-PBS ittratta t-tema eżatt, kien hemm żvilupp imbagħad fejn il-Gvern kien ħabbar mhux biss l-inkjesta iżda wkoll it-terms of reference li ma kien jafhom ħadd. Qal li importanti li s-servizz riferit irid jaġġorna b'dak li ma kienx magħruf qabel. Qal li d-differenza hija l-aċċenn fuq it-terms of reference tal-investigazzjoni Valenzia.

Dr Michael Piccinino rribatta li r-rappurtaġġ tal-PBS, kif magħmul, kien reazzjoni għal dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni u mhux sempliċiment aġġornament tal-fatti. Għal dan Dr Mark Vassallo rrisponda li meta tirrepeti aħbar ma tistax tkun iżolata iżda jrid ikun hemm kuntest.

Meta l-partijiet telqu mis-seduta, il-Bord iddiskuta dan l-ilment. Il-Bord innota li kien minnu li l-istqarrija tal-Ministeru għamlet referenza għar-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-inkjesta maġisterjali ta' Frar tal-2023. Peress li din l-aħbar kienet magħrufa wara l-ewwel rappurtaġġ, il-Bord iddeċieda li jiċħad dan l-ilment minħabba li ħass li l-istazzjon mexa b'mod ġust u ma kienx hemm ripetizzjoni tal-aħbar.

27 ta' Settembru 2024

Smigħ 12_24

Ref.:38/24

**Deċiżjoni rigward ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista kontra l-aħbarijiet ta' TVM tal-20 ta' Awwissu rigward ir-rappurtaġġ dwar il-ħatra tas-Sur George Gregory bħala CEO tal-Malta Enterprise**

---

L-Awtorità tax-Xandir kellha quddiemha lment imressaq mill-Partit Nazzjonalista rigward servizz dwar il-ħatra tas-Sur George Gregory bħala CEO tal-Malta Enterprise.

Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir skeda s-smigħ għal nhar it-12 ta' Settembru 2024 iżda dan ġie differit għas-17 ta' Settembru 2024 minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tar-rappreżentant legali tal-PBS.

Għas-smigħ tas-17 ta' Settembru 2024 deher Dr Michael Piccinino, Segretarju tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll l-Editor-in-Chief l-Inġ. Charles Dalli, il-Kap tal-Aħbarijiet is-Sur Owen Galea u r-rappreżentant legali tal-PBS Dr Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino spjega li tali aħbar dwar il-ħatra tas-Sur George Gregory bħala CEO tal-Malta Enterprise ġiet irrappurtata mill-PBS. Qal li l-Gvern u l-Partit Laburista ħarġu stqarrija kull wieħed bħala reazzjonijiet għall-istqarrija tal-Partit Nazzjonalista li in parti wieġbet dan u in parti ma kellhiex x'taqsam ma' dik il-materja. Madankollu PBS għażel li jħalli barra partijiet essenzjali mir-rappurtaġġ dwar dak li ntqal mill-Partit Nazzjonalista. Kompla li l-istruttura lokali hija waħda fejn l-Oppożizzjoni titkellem permezz ta' dak li jgħid il-Partit Nazzjonalista. Qal ukoll li l-parti li ma kellha xejn x'taqsam mal-ħatra ta' George Gregory u Malta Enterprise, ma kinitx ukoll segwita mill-veduti tal-Partit Nazzjonalista dwar l-istess u ċioè dwar it-tema tal-inċineratur.

Dr Mark Vassallo qal li l-PBS attenda u rrapporta din il-konferenza stampa tal-Partit Nazzjonalista. Qal ukoll li sar servizz dettaljat u reali ta' dak li ntqal. Skontu kien hemm dak li qal il-Partit Nazzjonalista u reazzjoni tal-Partit Laburista. Dr Mark Vassallo qal li jistenna li jkun hemm botta u risposta bejn il-partiti iżda kompla li dan ma kienx il-każ għaliex wara l-istqarrija tal-Partit Laburista kien hemm reazzjoni tal-Partit Nazzjonalista. Dr Vassallo rrimarka li xi darba jrid ikun hemm tmiem għall-botti u risposti fir-rappurtaġġ.

Dr Michael Piccinino kkwota wkoll mit-traskrizzjoni tal-item tal-aħbarijiet imxandra fl-20 t'Awwissu fejn saret referenza għal Dr Adrian Delia.

Wara li l-partijiet ħarġu mis-seduta, il-Bord għadda sabiex jikkunsidra dan l-ilment.

Il-Bord għamel referenza għad-dokumenti sottomessi u nnota wkoll li matul il-konferenza stampa tal-Partit Nazzjonalista, Dr Adrian Delia għamel kummenti dwar is-Sur George Gregory li ġew irrappurtati. Il-Bord ra li l-PBS irrapporta r-reazzjoni tal-Ministeru għall-Ekonomija għal dak li qal Dr Delia imma wkoll irrapporta stqarrija tal-Partit Laburista fil-konfront ta' Dr Delia. Il-Bord ħass li b'dan ir-rappurtaġġ, il-PBS mexa b'mod ġust u xandar ir-reazzjonijiet u dak kollu li kien marbut ma' din l-istorja. Għaldaqstant il-Bord mhux jilqa' l-ilment.

27 ta' Settembru 2024

Smigħ 12_24

Ref.:39/24

**Deċiżjoni rigward ilment imressaq minn Dr Michael Piccinino kontra l-aħbarijiet ta' TVM tal-1 ta' Settembru 2024 rigward nuqqas ta' rappurtaġġ u prominenza ugwali fir-rigward tal-pożizzjoni ta' Dr Piccinino rigward il-kariga ta' Segretarju Ġenerali**

L-Awtorità tax-Xandir kellha quddiemha lment imressaq minn Dr Michael Piccinino, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista rigward l-aħbarijiet ta' TVM li xxandru fl-1 ta' Settembru 2024. Minħabba nuqqas ta' rappurtaġġ u prominenza ugwali meta l-PBS irrapporta t-tluq tiegħu minn Segretarju Ġenerali tal-PN b'kuntrast mal-fatt li Dr Ramona Attard, President tal-Partit Laburista ma kinitx ser terġa' tikkontesta għall-kariga ta' President tal-partit.

Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir skeda s-smigħ għal nhar it-12 ta' Settembru 2024 iżda dan ġie differit għas-17 ta' Settembru 2024 minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tar-rappreżentant legali tal-PBS.

Għas-smigħ tas-17 ta' Settembru 2024 deher Dr Michael Piccinino nnifsu kif ukoll l-Editor-in Chief l-Inġ. Charles Dalli, il-Kap tal-Kamra tal-Aħbarijiet is-Sur Owen Galea u r-rappreżentant legali tal-PBS Dr Mark Vassallo.

Dr Michael Piccinino qal li meta l-Avukat Ramona Attard ħabbret li mhux se tkun qed tikkandida ruħha, il-PBS għamel servizz tal-aħbarijiet estensiv dwar dak li qalet hi fuq il-mezzi soċjali. F'dak il-bullettin kien hemm inkluż id-dikjarazzjoni li għamel il-Prim Ministru dwar it-tema. Spjega li fir-rappurtaġġ ġie rrappurtat dak li qalet Dr Attard fuq il-facebook post tagħha. Qal ukoll li Dr Ramona Attard tat raġunijiet estensivi għaliex mhix se tikkontesta u li l-PBS ittratta dawn il-punti. Wara xi ġimgħat is-Sunday Times of Malta tal-1 ta' Settembru 2024, ħabbar li Dr Piccinino se jkun qed iwarrab mill-kariga ta' Segretarju Ġenerali u rrappurtaw ukoll ir-reazzjonijiet ta' Dr Michael Piccinino innifsu kif ukoll Dr Piccinino tella' wkoll facebook post fuq il-mezzi soċjali. Madanakollu Dr Piccinino qal li l-PBS injora għalkollox dawn ir-reazzjonijiet tiegħu kuntrarju għal dak li seħħ fil-każ ta' Dr Ramona Attard. Qal li għaldaqstant il-PBS ma tax l-istess prominenza lis-Segretarju tal-Partit fl-Oppożizzjoni. Dr Michael Piccinino argumenta li bħala persuna li mhix se tikkontesta elezzjoni Dr Ramona Attard ġiet imsemmija fir-rappurtaġġ b'mod estensiv ħafna, iżda l-PBS irid jispjega għaliex l-aħbar tagħha kellha valur ta' aħbar mentri tiegħu le.

Dr Mark Vassallo wieġeb li Dr Ramona Attard għamlet l-istqarrija hi stess permezz ta' post fuq il-mezzi soċjali. Rigward il-każ ta' Dr Piccinino, Dr Vassallo qal li l-PBS irrapporta dak li ntqal waqt intervista lill-Kap tal-Oppożizzjoni meta ġie mistoqsi dwar Dr Michael Piccinino, peress li kien issemma fuq rapport fuq is-Sunday Times of Malta. Dr Vassallo spjega li "mistoqsi" kienet qed tirreferi għall-mistoqsija li saret mill-ġurnalist li kien qed jintervista lil Dr Bernard Grech waqt din l-istess intervista li kienet tagħmel parti mill-attività politika tal-Ħadd.

Dr Michael Piccinino kkjarifika li kien hemm dikjarazzjoni ta' Dr Ramona Attard u tiegħu. Filwaqt li l-PBS għamel feature sħiħ dwar x'qalet hi, li kienet relevanti ħafna, u li skont

hu l-PBS għamel sew li rrapporta dan, biss però l-istazzjon ma xandarx dak li qal is-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista kif għamel fil-każ ta' Dr Ramona Attard. Kompla li l-PBS għamel storja fuqu u mhux fuq dak li qal u li jaħseb hu.

Dr Mark Vassallo insista li wieħed irid jagħmel timeline ta' kif seħħew l-affarijiet u mhux paragun bejn storja u oħra. Qal li feġġet l-aħbar fis-Sunday Times of Malta ta' nhar l-1 ta' Settembru 2024, fl-istess ġurnata Dr Bernard Grech ġie mistoqsi dwar din it-tema u l-PBS irrapporta dwar din ir-risposta.

Wara li l-partijiet telqu mis-seduta l-Bord iddiskuta dan l-ilment.

Il-Bord innota li minkejja li r-rapporti kienu nħarġu u l-każ kien ġie rrappurtat tramite dak li qal Dr Bernard Grech fl-intervista, kien hemm trattament differenti għal ċirkustanzi simili. Il-Bord innota wkoll il-kwalità tar-rappurtaġġ u kkonkluda li ż-żewġ rappurtaġġi kienu mxandra b'mod differenti minkejja li ż-żewġ każijiet kienu simili. Il-Bord ħass li filwaqt li f'rappurtaġġ minnhom inġiebu l-kummenti ta' Dr Ramona Attard innifisha, fil-każ ta' Dr Michael Piccinino nġiebu biss dak li qal Dr Bernard Grech dwar Dr Piccinino u mhux dak li Dr Piccinino stess ikkummenta. Għaldaqstant il-Bord laqa' l-ilment. Bħala rimedju b'hekk qed jordna lill-istazzjon ixandar il-konklużjoni ta' din id-deċiżjoni fi żmien jumejn (2) mid-data tad-deċiżjoni.

27 ta' Settembru 2024

Smigħ 12_24

Ref.:40/24

## Deċiżjoni rigward ilment imressaq minn Dr Jason Azzopardi kontra l-aħbarijiet ta' TVM tad-29 ta' Awwissu PBS Ltd rigward l-aħbarijiet ta' TVM tat-30 ta' Awwissu 2024 rigward nuqqas ta' rappurtaġġ ta' reazzjonijiet tiegħu

L-Awtorità tax-Xandir kellha quddiemha lment imressaq minn Dr Jason Azzopardi kontra l-PBS rigward in-nuqqas ta' rappurtaġġ ta' reazzjonijiet tiegħu għal rappurtaġġ ta' stqarrija u kummenti tal-Prim Ministru fil-konfront tiegħu.

Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir skeda s-smigħ għal nhar it-12 ta' Settembru 2024 iżda dan ġie differit għas-17 ta' Settembru 2024 minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tar-rappreżentant legali tal-PBS.

Għas-smigħ tas-17 ta' Settembru 2024 deher Dr Jason Azzopardi nnifsu kif ukoll l-Editor-in Chief l-Inġ. Charles Dalli, il-Kap tal-Aħbarijiet is-Sur Owen Galea u r-rappreżentant legali tal-PBS Dr Mark Vassallo għall-PBS.

Dr Jason Azzopardi spjega li fit-30 t'Awwissu 2024 il-PBS irrapporta ġustament il-kumment pubbliku tal-Prim Ministru dwar materja ta' ċertu importanza, ċioè t-talba li hu għamel bħala ċittadin privat għal inkjesta maġisterjali fuq dak li hu jemmen li hu skandlu fuq punti relatati mal-liċenzja, maħfura mil-LESA. Qal li wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx miegħu. Kompla li hu għamel talba għal ftuħ ta' inkjesta li skontu kellha tinfetaħ minn xi ħaddieħor. Qal ukoll li l-Prim Ministru kkummenta li min għamel it-talba "kien giddieb u ġifa". Għal darb'oħra qal li wieħed jista' jaqbel miegħu jew ma jaqbilx miegħu. Sa hemm spjega li ma kellux oġġezzjoni bir-rappurtaġġ tal-PBS.

Kompla li l-ilment tiegħu hu għall-fatt li ftit minuti wara, meta hu kien irreaġixxa għal dak li ntqal mill-Prim Ministru, kif kellu kull dritt, il-PBS ma rrappurtax dan. Ir-reazzjoni kienet tikkonsisti fi sfida li l-Prim Ministru jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija jressqu b'arrest talli hu kkommetta reat ta' kalunja, delitt mgħobbi bi priġunerija. Din ir-reazzjoni tħalliet barra mir-rappurtaġġ tal-PBS. Spjega li l-għada, fil-31 t'Awwissu 2024, hu kiteb b'żieda li kellu jitressaq b'teħid ta' ġurament falz punibbli bil-ħabs. Ikkonkluda li l-PBS ma ħax il-kumment tiegħu fejn spjega li mhux giddieb u kodard f'żewġ istanzi: fit-30 ta' Awwissu fejn qal li kellu jitressaq fuq kalunja u fil-31 t'Awwissu fejn qal li kellu jitressaq fuq ġurament falz. Irrefera għall-kunċett ta' par condicio (parità), li f'dan il-każ kien mankanti u dan b'dannu għal min kien qed jisma' l-aħbar fejn kellu dritt jisma' dak li qal il-Prim Ministru imma wkoll dak li qal hu.

Dr Mark Vassallo qal li r-referenza li kien qed jagħmel Dr Jason Azzopardi kienet fil-fatt parti minn coverage ta' servizz tal-aħbarijiet ferm itwal, ċioè dak tat-30 t'Awwissu 2024. Kompla li Dr Jason Azzopardi qabeż għalkollox l-ewwel tliet kwarti tas-servizz tal-aħbarijiet. Hu qal li l-PBS irrapporta r-reazzjonijiet kollha inkluż tal-LESA u ta' Dr Byron Camilleri. Dwar il-parità Dr Mark Vassallo kkummenta li l-facebook post ta' Dr Jason Azzopardi kienet ittellgħet fis-19:05, ċioè 50 minuta qabel l-aħbarijiet. Spjega li anke kieku kienu jafu biha ma kinux se jġibuha l-PBS għax din kienet dwar l-inizjattiva biex issir l-inkjesta. Kompla li jekk hemm min jaħseb li din saret in mala fede, irid jara dak li xandar il-PBS fil-ġurnata ta' qabel is-seduta tas-smigħ, jiġifieri fis-16 ta' Settembru u li

wieħed irid jikkunsidra kollox fuq firxa ta' żmien. Il-ġist tal-aħbar qal li kienet servizz tal-aħbarijiet b'coverage estensiv dwar inkjesta ta' ċertu portata, inkluż ir-reazzjonijiet tal-Prim Ministru, tal-Ministru Dr Camilleri u tal-LESA. Magħhom il-PBS ġab servizz estensiv il-ġurnata ta' qabel is-seduta, fis-16 ta' Settembru 2024. Dwar il-botta u risposta bejn Dr Jason Azzopardi u l-Prim Ministru, semma li l-facebook posts mhumiex mod uffiċjali sabiex wieħed iwassal dritt ta' risposta u li din għandha tintbagħat lill-istazzjon. Qal li l-PBS ma rax li kien hemm dritt ta' risposta. Dwar il-forma mentis tal-PBS li tinħareġ l-aħbar, reġa' rrefera għar-rappurtaġġ tal-bieraħ. Dr Mark Vassallo ppreżenta ż-żewġ facebook posts ta' Dr Jason Azzopardi.

Dr Jason Azzopardi rribatta billi tenna li l-unika mod li ċittadin jista' jagħmel stqarrija hija permezz ta' post fuq il-mezzi soċjali. Qal ukoll li t-tema hija importantissima u li s-semmiegħ/telespettatur irid ikollu informazzjoni ġusta taż-żewġ naħat. Dr Jason Azzopardi kkummenta dwar żewġ akkużi li għamel il-Prim Ministru dwar ġurament falz u kalunja u staqsa kif il-PBS ma ġabx ir-reazzjoni tiegħu fejn mingħajrha ċ-ċittadin jaħseb li s-silenzju jfisser approvazzjoni. Qal li l-pretensjoni tiegħu kienet biss li l-PBS jirrapporta li hu kien ċaħad dan li ngħad. Filwaqt li esiġa li l-PBS kellu d-dmir li jirrapporta dak li qal il-Prim Ministru, kellu wkoll id-dmir li jirrapporta r-reazzjoni tas-suġġett.

Wara li l-partijiet telqu mis-seduta l-Bord iddiskuta dan l-ilment.

Il-Bord sab li filwaqt li ġustament il-PBS irrapporta dan il-każ minn veduti differenti, iżda l-PBS naqas meta ma għamilx referenza għall-isfida ta' Dr Jason Azzopardi b'reazzjoni għal dak li qal il-Prim Ministru. Dr Jason Azzopardi saħansitra sfida li jittieħdu passi kontra tiegħu għal dak li kien qed jallega l-Prim Ministru. Il-Bord jemmen ukoll li l-PBS kellu obbligu li jxandar il-fatt li Dr Jason Azzopardi kien ċaħad l-istqarrijiet. Għalhekk il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir qed jilqa' dan l-ilment u jordna lill-istazzjon ixandar il-konklużjoni ta' din id-deċiżjoni fi żmien jumejn (2) mid-data tad-deċiżjoni.

27 ta' Settembru 2024

Smigħ 12_24

Ref.:41/24

**Deċiżjoni għal ilment imressaq mis-Sur Ġużi Pisani vs Media Link Communications rigward serje ta' programmi Bonġu Net fuq NET FM bejn il-11 u t-23 ta' Settembru 2024**

---

L-Awtorità tax-Xandir kellha quddiemha lment imressaq mis-Sur Ġużi Pisani f'ismu u f'isem l-Għaqda tal-Kristofri, tali lment tressaq quddiemha dwar il-programm "Bonġu NET" li allegatament jikser id-drittijiet tal-bniedem. L-ilment kien dwar programmi bejn il-11 u t-23 ta' Settembru 2024 u mxandar fuq NET FM.

Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir skeda s-smigħ għal nhar il-5 ta' Diċembru 2024 fejn preżenti għal dan is-smigħ deher is-Sur Ġużi Pisani bħala l-lanjant nomine kif ukoll Dr Michael Piccinino għax-xandar.

Il-Bord spjega lis-Sur Ġużi Pisani l-proċedura tas-smigħ.

Is-Sur Ġużi Pisani spjega li hu qiegħed jidher f'ismu u f'isem l-Għaqda tal-Kristofri. Qal li fil-programm ilmentat ta' NET FM kien hemm preżentaturi varji u semma wħud minnhom. Qal li l-funzjoni tal-Għaqda San Kristofri hija li jwasslu lil Kristu sabiex idaħħlu valuri Insara. Għalhekk qal li jsir użu mil-libertà tal-kelma, tali dritt jeżisti f'pajjiż demokratiku u li dan isir fuq radjijiet tal-lokal u saħansitra dawk nazzjonali. Qal li sa issa qatt ma kien hemm problemi b'dan u li l-kummenti tagħhom li jgħaddu waqt il-programm huma qosra ta' madwar minuta jew minuta u nofs. Qal li l-preżentatur, is-Sur Indri Attard, huwa wieħed mill-aħjar preżentaturi għax għaraf li jmur tajjeb ma' kull tip ta' persuna iżda l-ilment huwa għall-fatt li s-Sur Attard kien assertiv wisq fejn hu spjega li meta jkun hemm assertività żejda, din issir arroganza. Qal li meta kien qed ikellem lis-Sur Indri Attard waqt intervent minnhom, dan infurmah li qiegħed off-air. Allega wkoll li qallu li l-programm tiegħu irid jogħġob lis-semmiegħa u għalhekk wissa lis-Sur Ġużi Pisani li għandu jnaqqas mill-frekwenza tal-interventi tiegħu. Is-Sur Ġużi Pisani kkonferma li dan intqal off-air.

Skont is-Sur Ġużi Pisani din hija aberrazzjoni kbira għaliex bħala ċittadin għandu dritt jesprimi l-fehma tiegħu. Kompla b'eżempju ta' preżentatur ieħor li meta semmiegħ intervjena u xandar opinjoni kontra r-reliġjon, dan wieġeb li kulħadd għandu dritt għall-opinjoni. Is-Sur Ġuzi Pisani ried jippreżenta reġistrazzjoni tat-telefonata li ħa meta kienet qed issir din it-telefonata off-air.

Il-Bord staqsa lil Dr Michael Piccinino jekk għandux raġun joġġezzjoni għal din ir-reġistrazzjoni. Dr Michael Piccinino qal li r-reġistrazzjoni hija illegali iżda li ma kellux oġġezzjonijiet. Madankollu l-Bord ma aċċettax din ir-reġistrazzjoni.

Is-Sur Ġużi Pisani semma wkoll diversi avvenimenti fejn semmiegħa taw opinjonijiet tagħhom matul programmi fuq ir-radju. Mistoqsi mill-Bord dwar ir-rimedju li qed jitlob, hu qal li x-xandar għandu jiġi mwissi li ma għandux jinterrompi n-nies milli jitkellmu.

Dr Michael Piccinino aċċerta li kif qal il-lanjant stess, ma kien hemm ebda problemi bejn il-partijiet, ċioè l-Partit Nazzjonalista u s-Sur Pisani jew l-Għaqda Kristofri. Dr Michael Piccinino kompla li jekk intqal li s-Sur Indri Attard huwa arroganti, l-arroganza mhix illegali. Spjega wkoll li bħalma editur ta' gazzetta jiddeċiedi hu x'jiġi ppubblikat, l-istess kunċett jeżisti għar-radju u f'dak il-ħin il-preżentatur ikun bħal donnu l-editur.

Mistoqsi mill-Bord dwar jekk ingħatax ċans ixandar l-opinjoni tiegħu f'istanzi oħra, is-Sur Ġuzi Pisani wieġeb fil-pożittiv u kkonferma li l-ebda opinjoni ma kienet qed twieġeb xi ħaġa li ntqalet dwar l-Għaqda San Kristofru. Dr Michael Piccinino qal is-Sur Pisani saħansitra jingħata spazju fuq programmi oħra u dan jikkonferma li mhux jiġi ċensurat.

Mistoqsi dwar x'jixtieq, is-Sur Ġużi Pisani qal li jixtieq jasal għal kompromess filwaqt li Dr Michael Piccinino qal li l-istazzjon mhux se jwaqqfu milli jagħmel interventi.

Is-Sur Ġużi Pisani ssuġġerixxa li l-Għaqda jkollha 4 minuti kuljum. Dr Michael Piccinino semma diversi programmi ta' temi reliġjużi u qal li ċertament mhux tiġi ċċensurata r-reliġjon.

Wara li l-Bord iddiskuta l-argumenti mressqa, innota li l-lanjanza allegata ma kinitx dwar kontenut imxandar u li l-preżentatur kellu kull dritt jissuġġerixxi lil min jintervjeni sabiex inaqqas mill-frekwenza ta' interventi. Innota wkoll li l-istazzjon jagħtih ukoll spazji fi programmi oħra sabiex ixandar l-opinjoni tiegħu u tal-Għaqda u għal dawn ir-raġunijiet ma kienx hemm lok ta' xi forma ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem kif allegat. Għal din ir-raġuni mhux jilqa' l-ilment tas-Sur Ġużi Pisani.

Smigħ 17_24

Ref.: 45/24

7 ta' Diċembru 2024

## Deċiżjoni għal ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista rigward ix-xandir ta' diversi spots relatati mal-Baġit 2025 fuq TVM bejn is-27 t'Ottubru u t-3 ta' Novembru 2024

L-Awtorità tax-Xandir kellha quddiemha lment imressaq mill-Partit Nazzjonalita ("PN") nhar is-27 t'Ottubru 2024 fil-konfront tal-Public Broadcasting Services Ltd ("PBS").

Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir skeda s-smigħ għal nhar it-30 t'Ottubru 2024 fejn preżenti għal dan is-smigħ kien hemm biss il-partit lanjant rappreżentat minn Dr Michael Piccinino u Dr Paul Borg Olivier. Il-partit lanjant ġie infurmat mill-Bord li ftit qabel is-smigħ kienet ġiet irċevuta komunikazzjoni mix-xandar. Għal dan il-Bord ħareġ din id-deċiżjoni:

> *L-Awtorità tax-Xandir ħadet konjizzjoni tal-ittra mibgħuta għan-nom tal-PBS Ltd iktar kmieni llum it-30 t'Ottubru 2024, fejn talbet id-differiment tas-smigħ tal-akkużi u tal-ilment tal-PN in vista tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet Partit Nazzjonalista vs Public Services Limited et.*
>
> *L-Awtorità tax-Xandir, filwaqt li tħoss li l-mandat ta' inibizzjoni huwa distint u separat għall-proċeduri quddiem il-Qorti u li dan bl-ebda mod ma jwaqqafha milli tkompli taqdi l-obbligi Kostituzzjonali tagħha u tisma' l-argumenti mressqa dwar l-ispots, temmen li sakemm il-Public Broadcasting Services ("PBS") Ltd li qed tagħti permezz ta' din il-komunikazzjoni l-Awtorità tax-Xandir, ex abbundanza cautela, s-smigħ qed jiġi differit għal data wara s-6 ta' Novembru 2024.*
>
> *L-Awtorità tax-Xandir jidrilha illi sakemm l-ispots mertu ta' dawn l-akkużi u tal-ilment tal-Partit Nazzjonalista ma jibqgħux jixxandru, ma hemmx ħsara irreparabbli fid-deċiżjoni tad-differiment. L-Awtorità tax-Xandir qed tidderieġi lill-Public Broadcasting Services Ltd, kif diretta mill-Qorti Ċivili stess, sabiex ma xxandar l-ebda spot li ma jkunx approvat mill-Awtorità tax-Xandir.*
>
> *Għalhekk tidderieġi lill-Public Broadcasting Services Ltd sabiex twassal kull spot li beħsiebha xxandar dwar it-tema tal-Baġit tal-anqas 8 sigħat qabel il-ħin propost għax-xandira tal-istess għal matul il-ġimgħa u 48 siegħa qabel għal dawk l-ispots li se jixxandru matul is-Sibt u l-Ħadd. Qed tgħarraf minnufih lill-Public Broadcasting Services Ltd ukoll illi minkejja li llum it-30 t'Ottubru 2024 laqgħet it-talba tad-differiment tal-akkużi u tal-ilment tal-Partit Nazzjonalista, jekk il-Public Broadcasting Services Ltd ma jimxix ma' din id-deċiżjoni, jiġu mismugħa u deċiżi kwalunkwe akkużi li jinħarġu u jinġiebu quddiem il-Bord l-akkużi u jiġu mismugħa minnufih lil hinn mid-deċiżjoni tal-lum it-30 t'Ottubru 2024.*

Dr Paul Borg Olivier issolleva li kif qalet l-Awtorità tax-Xandir stess, dawn id-deċiżjonijiet huma distinti minn dawk tal-Qorti. Għalhekk bl-istess deċiżjoni l-Awtorità tax-Xandir qed tippreġudika d-dritt tal-partit lanjant u żżomm mill-ħruġ ta' rimedju effettiv. Qal li l-PN b'dan id-differiment qed isofri preġudizzju.

Dr Michael Piccinino qal li l-ilment tiegħu ma għandux x'jaqsam mal-akkużi u allura l- Bord qed iżomm il-proċeduri u ma jismax lill-partit lanjant fuq temi oħra. Qal li din hija ċ-ċaħda ta' smigħ għal ilmenti li ma għandhomx x'jaqsmu mal-mandat ta' inibizzjoni. Minkejja l-urġenza milqugħa, Dr Michael Piccinino tenna li mbagħad bla ma nstema' l-Partit Nazzjonalista, ittieħdet id-deċiżjoni riferiti f'paġna 1 għad-differiment.

Dr Paul Borg Olivier qal li taħt Art.15 l-Awtorità tista' toħroġ direttiva. Qal li dak li nqara lilu jikkostitwixxi direttiva. Semma wkoll il-fatt li l-ispots deher fihom u nstema' leħen il-Prim Ministru u li skontu huma spots politiċi. Qal li skont l-Awtorità tax-Xandir stess, ibbażat fuq dak li qed tgħid il-Qorti, iżda mil-lum u 'l quddiem. Qal li dak li sar qabel il-ħruġ tal-mandat mhux qed jiġi indirizzat.

Dr Peter Fenech, għan-nom tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir, qal li l-Baġit idum 3 ġimgħat u li allura li l-Partit Nazzjonalista ma kienx se jkun qed jiġi preġudikat. Dr Paul Borg Olivier immedjatament qal li l-importanza tal-Baġit huwa l-baġit innifsu u d-diskorsi tal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni u semma' ċ-chilling effect, li skontu l-Bord mhux qed jikkunsidra.

Dr Paul Borg Olivier ivverbalizza kif ġej:

> *Dr Paul Borg Olivier, għall-Partit Nazzjonalista, primarjament joġġezzjona bil-qawwa għal deċiżjoni li ħadet l-Awtorità tax-Xandir fuq talba tal-PBS Ltd sabiex dawn il-proċeduri jiġu differiti, liema talba ġiet milqugħa biss wara li ħadet konsiderazzjoni tal-PBS Ltd, mingħajr ma ngħata opportunità ugwali lill-Partit Nazzjonalista ("PN") sabiex iressaq l-argumenti tiegħu qabel din id-deċiżjoni. Il-PN jikkontendi li d-deċiżjoni prematura tal-Awtorità tax-Xandir tikser id-dritt fundamentali tal-istess PN għal dak li jirrigwarda smigħ xieraq għal matul dawn il-proċeduri.*
>
> *Fit-tieni lok fl-istess deċiżjoni hija l-Awtorità tax-Xandir stess li tiddikjara li l-proċeduri li hemm quddiem il-Qorti huma distinti u separati mill-proċeduri li hi għandha quddiemha llum u filwaqt li tistqarr dan, għaddiet sabiex tiddiferixxi l-każ wara li semgħet biss lill-PBS Ltd bi preġudizzju serju għall-PN mingħajr l-opportunità li tagħti rimedju immedjat, ġust u effikaċi għall-ilment tiegħu bil-konsegwenza li l-istess deċiżjoni rimandata tkompli toħloq a chilling effect fuq il-messaġġ tal-Partit Nazzjonalista.*
>
> *Illi huwa l-obbligu tal-Awtorità tax-Xandir illi tħares l-imparzjalità u tagħti ħin ugwali fuq materja ta' kontroversja politika u policy, tenut*

*kont Art. 119 tal-Kostituzzjoni, u għaldaqstant kwalsiasi deċiżjoni għal dak illi ġara fix-xandir tal-ispots deċiżjoni tal-Broadcasting Authority, illum kienet tattwa biss id-doveri tagħha skont l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni.*

*Illi dan l-istess dewmien mill-ġdid u kif diġà stqarret il-Qorti Kostituzzjonali diversi drabi fil-konfront tal-Awtorità tax-Xandir se joħloq mhux biss chilling effect imma wkoll preġudizzju serju fid-dritt tal-espressjoni tal-PN kif protett bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi għal dik it-tieni parti fejn l-Awtorità qiegħda tordna lill-PBS Ltd sabiex tgħaddi l-ispots tagħha dwar il-Baġit għall-approvazzjoni tal- Awtorità mhix biss obbligu tagħha skont il-mandat ta' inibizzjoni iżda hija wkoll dover tagħha li toħroġ skont il-liġi. Oltre dan illi d- deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir illi tiddeciedi llum it-30 t'Ottubru 2024 sabiex tapplika din il-proċedura fil-konfront tal-PBS Ltd, hija fiha nnifisha turija ta' mankanza tagħha li kien fid-dover tagħha mhux biss skont il-liġi imma anke skont il-mandat ta' inbizzjoni kif akkordat fit-28 ta' Ottubru 2024 u għaldaqstant il-Partit Nazzjonalista qiegħed jirriserva għall-proċeduri ulterjuri stante li kontra l-ordni tal-Qorti għal dawn il-jumejn il-Broadcasting Authority ippermettiet li jkomplu jixxandru spots politiċi mingħajr ma dawn jiġu approvati minn qabel minnha.*

Il-Bord iddiferixxa s-smigħ għas-7 ta' Novembru 2024 (Smigħ 14_24). Għal dan is-smigħ ma attendiex ix-xandar filwaqt li għall-partit lanjant dehru Dr Paul Borg Olivier u Dr Michael Piccinino.

Dr Paul Borg Olivier wissa li l-obbligu ta' Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni jibqa' u li l-Bord qed jabdika mid-doveri tiegħu. Qal li l-Awtorità trid tiddeċiedi tmurx għal kawża kostituzzjonali flimkien mal-PBS jew inkella jkunx hemm awtorità regolatorja li tiddistingwi lilha nnifisha mill-PBS, għaliex kif qalet hi stess, hija awtorità distinta. Qal li f'dan l-istadju l-Bord ma jistax jidħol fiż-żarbun tal-PBS.

Il-Bord iggwida lis-Segretarju tal-Bord jagħmel kuntatt telefoniku mal-Inġ. Charles Dalli. Din it-telefonata seħħet fejn l-Inġ. Charles Dalli ġie infurmat li l-Bord se jkompli jisma' s-smigħ, anke mingħajr il-preżenza tar-rappreżentanti tax-xandar. F'dan il-mument ġie aġġornat is-smigħ.

Meta tkompla s-smigħ, minkejja li ngħata ħin adekwat sabiex jattendi, il-PBS baqa' ma attendiex. Għalhekk il-Bord qara d-deċiżjoni tiegħu:

*Il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir jagħmel referenza għat-talba tad-differiment imwassal lilu llum stess mir-rappreżentat legali tal-Public Broadcasting Services, ra r-risposta tal-lanjant Partit Nazzjonalista*

*("PN") wara li t-talba ġiet ikkomunikata lill-istess lanjant sabiex jirrispondi, ra li llum fuq l-aġenda kien hemm akkużi u lmenti. Peress illi l-ewwel differiment kien intiż sabiex jiġu kunsidrati l-ilmenti wara d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ex abbundanza cautela għaliex issostni kif diġà ddekretat li huma proċeduri separati u distinti mill-akkużi u l-ilmenti tagħha. Qed jilqa' t-talba għad-differiment in parti u filwaqt li qed tiddiferixxi l-ilmenti mressqa mill-Partit Nazzjonalista qed jordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-akkużi fil-konfront tal-allegat ksur tad-Direttiva fit-30 u l-31 t'Ottubru 2024 maħruġa mill-Bord tal-Awtorità tax-Xandir.*

Il-Bord iddiferixxa s-smigħ għall-kontinwazzjoni fit-18 ta' Novembru 2024 (Smigħ 15_24). Għal dan is-smigħ dehru Dr Michael Piccinino u Dr Paul Borg Olivier għall-PN kif ukoll Dr Mark Vassallo bħala r-rappreżentant legali tal-PBS, l-Inġ. Charles Dalli, l-editor-in chief tal-PBS u l-Inġ Keith Chetcuti, is-CEO tal-PBS.

Dr Mark Vassallo talab kopja tal-imejl tal-ilment mibgħuta minn Dr Michael Piccinino peress li skontu l-ilment uffiċjali ma sarx. Wara li qara l-imejl tas-27 t'Ottubru 2024, huwa qal li l-istazzjon ma kienx ikkupjat b'din l-informazzjoni.

Il-Kap Eżekuttiv għaddiet kopja tal-ilmenti lil Dr Mark Vassallo li kkummenta dwar uħud mill-ilmenti li skontu l-istazzjon PBS kellu jiġi notifikat bihom. Qal ukoll li f'ilment minnhom Dr Michael Piccinino talab rimedju sal-għada f'nofsinhar u li dan ma kien qatt jista' jkun possibbli ġaladarba ma kienx mgħarraf biha. Dr Mark Vassallo spjega li l-ilment ma jkunx aġġornat skont il-whim tal-lanjant iżda jkun marbut ma' data u suġġett. Kompla li kien sorpriż bit-talba ta' mandat t'inbizzjoni.

Dr Paul Borg Olivier qal li l-ilment dwar l-ispots tal-Baġit li l-PN qed jikkontendi li huma politiċi. Hu spjega li fil-2021 l-Awtorità kienet diġà ffaċċjata u li r-rimedju ngħata fit-totalità.

Dr Paul Borg Olivier spjega lment tal-2021 li ġie deċiż fl-1 ta' Novembru 2021. Ivverbalizza li ġaladarba ġiet iddispensata l-urġenza u kien hemm talba ta' differiment fl-ilment tal-PN, għandu jkun meħud b'konsiderazzjoni llum. Huwa talab informazzjoni dwar ix-xandiriet ta' dawn l-ispots relatati mal-Baġit 2025 u ċioè kemm saru reklami s'issa. Dr Michael Piccinino staqsa għal xi ħadd mit-tim tal-monitoraġġ sabiex jipprovdi din l-informazzjoni. Iċ-Chairman irrefera għal deċiżjoni meħuda mill-Bord fit-13 ta' Frar tal-2024 li ma kinitx laqgħet talbiet simili.

Dr Mark Vassallo informa lill-Bord li se jkun qed jippreżenta n-numru ta' spots fl-immedjat u mhux iktar tard mill-għada. Dr Michael Piccinino oppona differimenti oħra ġaladarba skontu l-Bord kien qed jiċħad il-preżentazzjoni tal-fatti. Dr Paul Borg Olivier kompla li din il-prova ma tistax tiġi mċaħħda. Filwaqt li ma jiddubitax mill-informazzjoni mressqa mix-xandar, Dr Michael Piccinino nsista li l-Awtorità għandha tkun imparzjali u għandha sservi biex tikkonferma.

Il-Bord wara li ra t-talba tal-PN qiegħed għall-istess raġunijiet kif imfissra fid-deċiżjoni tal-Bord tat-13 ta' Frar 2024, kif ukoll fid-dawl li l-PBS iddikjara li se jkun qiegħed jipprovdi dik l-informazzjoni hu iktar tard dakinhar stess, ċaħad it-talba.

Dr Paul Borg Olivier għall-PN jirrileva illi d-deċiżjoni kif komunikata mill-Awtorità seduta stante qiegħda ċċaħħad lill-PN milli jressaq l-aħjar prova għall-ilment tiegħu u għaldaqstant dan bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tiegħu li jirriserva għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward stante li tali deċiżjoni ta' smigħ xieraq qiegħda wkoll toħloq diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu dwar prova li hu jrid iressaq.

Mistieden mill-Bord biex jidħol fil-mertu, Dr Michael Piccinino qal li ma jistax jipproċedi mingħajr din l-informazzjoni.

Il-Bord ivverbalizza kif ġej:

> *B'riserva għall-lanzjanza tal-PN kif verbalizzata minnu, il-Partit jeħtieġ l-informazzjoni f'idejh sabiex ikun jista' jittratta l-ilment tiegħu. Il-PBS irrimetta għal din it-talba.*

Dr Paul Borg Olivier qal li dan l-ilment daħal fis-27 t'Ottubru 2024, illi d-dewmien fl-ebda mod ma huwa naxxenti mill-parti li qed tagħmel l-ilment, tant li fit-30 t'Ottubru 2024 meta ltaqa' dan il-Bord, l-istess Bord iddikjara li l-mandat tal-inibizzjoni huwa "distint u separat". Għalhekk il-Bord għandu jkompli jaqdi d-doveri tiegħu.

Il-Bord iddiferixxa s-smigħ għall-20 ta' Novembru 2024 li għalih attendew Dr Michael Piccinino u Dr Paul Borg Olivier għall-PN kif ukoll Dr Mark Vassallo, l-Inġ. Charles Dalli u s-Sur Keith Chetcuti għall-PBS.

Dr Paul Borg Olivier irrefera għal spot imxandar mill-PBS u staqsa jekk ġiex approvat mill-Awtorità tax-Xandir qabel ixxandar.

Dr Mark Vassallo oġġezzjona għal din il-mistoqsija għaliex qal li l-ilment huwa dwar żbilanċ. Dr Paul Borg Olivier wieġeb li jekk jirriżulta li dan il-filmat ma ġiex approvat mill-Awtorità sabiex jixxandar, allura hemm ir-raġunijiet li dan huwa filmat politiku. Kompla li jekk il-Bord irrifjuta milli jixxandar għax jista' joħloq żbilanċ imma xorta xxandar, allura din hija waħda mill-provi tiegħu ta' żbilanċ. Qal li għalhekk il-mistoqsija tiegħu hija relevanti. Dr Michael Piccinino qal li d-direttiva tal-Awtorità nħarġet għal kulħadd u li dik kienet parti minn smigħ li l-Partit Nazzjonalista kien parti minnha.

Għall-PBS Dr Mark Vassallo qal li l-ilment irid ikun miġjub fuq x'ġara dakinhar u mhux għal dawk l-avvenimenti futuri li għadhom ma seħħewx. Qal li l-ilment huwa ta' x'ġara dakinhar, jiġifieri fis-27 ta' Ottubru għaliex l-ilment għandu bidu u għandu tmiem.

Dr Michael Piccinino argumenta li l-Bord qed jaqbel qabel ma l-partijiet qed jgħidu x'inhu s-suġġett quddiemhom.

Il-Bord wieġeb li l-lanjant kien għadu ma spjegax l-ilment minkejja li s-smigħ kienu ilu li beda.

Dr Michael Piccinino, għall-PN ivverbalizza li l-aġenda li għamlet l-Awtorità hija ċara li l-ilment qed jittratta fuq ir-reklami kollha tal-Baġit mis-27 t'Ottubru sat-3 ta' Novembru 2024. Dr Paul Borg Olivier żied li jinkludi d-direttiva maħruġa mill-Awtorità naxxenti mill-istess ilment.

Il-Bord iċċara li d-direttiva ma twelditx mill-ilment imma mill-ordni fil-mandat tal-Imħallef Miriam Hayman.

F'dan l-istadju Dr Paul Borg Olivier staqsa lill-Inġ. Charles Dalli jekk l-ispot ta' Ta' Qali (spot referenza 2) intbagħatx għall-approvazzjoni tal-Awtorità tax-Xandir.

Dr Paul Borg Olivier staqsa lill-Inġ. Charles Dalli, bħala l-editur tax-xandar sabiex jispjega jekk Spot 02 (Ta' Qali) Baġit 2025, imxandar fit-28 ta' Ottubru 2024 u fi ġranet oħra sussegwenti, ġiex ippreżentat lill-Awtorità għall-approvazzjoni, fl-ambitu tad-direttiva tat-30 t'Ottubru 2024 u jekk ġie ppreżentat x'kienet id-direzzjoni.

Dr Mark Vassallo għall-PBS irrileva jekk din il-mistoqsija hix relevanti għad-determinazzjoni tal-ilment tal-PN li jirrigwardja jekk il-PN ġiex affettwat minn żbilanċ.

Dr Paul Borg Olivier rrisponda li hu jirrileva li t-tweġiba tolqot direttament il-materja ilmentata u ċioè ta' żbilanċ skont l-ilmenti tiegħu u li d-direttiva ħarġet waqt is-smigħ tal-istess ilmenti.

Dr Mark Vassallo qal li l-ilment jinkludi reklami (spots) imxandra qabel inħarġet id-Direttiva. Dr Michael Piccinino staqsa lill-Inġ. Charles Dalli jindika mir-reklam 001 (spot fejn deher il-viżwal tal-PM) liema hija l-miżura informattiva tal-Baġit. L-Inġ. Charles Dalli wieġeb li dak huwa spot tal-Gvern li xxandar bħala PSA.

Dr Mark Vassallo qal li l-mistoqsija għandha tkun inkisirx Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u mhux jekk hemmx materjal informattiv. L-Inġ. Charles Dalli kompla li dan l-ispot jaqa' taħt l-istess kategorija ta' spots informattivi relatati mal-Baġit.

Dr Michael Piccinino staqsa lill-Inġ. Charles Dalli qattx kien hemm spots ta' dan it-tip bid-dehra tal-PM. Hawnhekk Dr Mark Vassallo għadda kopja ta' spots tal-Baġit tas-snin preċedenti lill-Bord.

Dr Paul Borg Olivier staqsa jekk minn dawk l-ispots li l-PBS kellu fl-arkivji mit-2008 qattx kien hemm il-vuċi tal-PM jew qattx deher il-Prim Ministru u staqsa dwar x'miżuri hemm f'dan ir-reklam. Dr Paul Borg Olivier semma' u wera l-ispot bħala parti mill-kampanja tas-Servizz Pubbliku. Għal dan Dr Mark Vassallo wieġeb li dan l-ispot ma jagħmilx parti mill-ispots tal-Baġit. Qal li dak mhux parti mis-serje. Dr Paul Borg Olivier staqsa lill-Inġ. Charles Dalli jispjega x'kellu edukattiv u informattiv dan l-ispot. L-Inġ Charles Dalli wieġeb li dan l-ispot kien approvat mill-Awtorità.

Dr Paul Borg Olivier talab lill-Bord biex jiddereġieh liema spots ġew imressqa għall-approvazzjoni. Dr Mark Vassallo qal li spot referenza 1 ma tressaqx għall-approvazzjoni għax kien pre-budget, spot referenza 2 ma kienx hemm direttiva u ġie mxandar fejn twaqqaf wara li nħarġet id-Direttiva, spot referenza 3 ma ġiex approvat u spots referenza 4 u 5 ġew approvati. Spot referenza 2 qal li ntbagħat mill-PBS għall-approvazzjoni ħames sigħat qabel ma jixxandar, skont email li hu qal kien irċieva mingħand il-Kap Eżekuttiv. Qal li l-PBS bagħat l-ispot u kif għaddew il-ħames sigħat, ġaladarba ma kienx hemm risposta, dan ixxandar. Qal li mbagħad spots referenza 4 u 5 ġew approvati mill-Awtorità u li dan wera li x-xandar kellu raġun.

Dr Michael Piccinino staqsa dwar spots referenza 1,2,3,4,5 x'kontenut kellhom b'relazzjoni mal-Baġit. Qal li l-editur għandu diskrezzjoni editorjali u allura dawn ir-reklami kellhom ikunu fuq xi miżura tal-Baġit. L-Inġ. Charles Dalli wieġeb li jekk dawn mhux qed jiksru l-liġi, allura l-PBS kellha xxandarhom bħala PSA. Għalhekk Dr Paul Borg Olivier staqsa lill-Inġ. Charles Dalli kif applika d-diskrezzjoni biex wasal fil-konklużjoni li ma jiksrux Art. 119. L-Inġ. Charles Dalli qal li dan a bażi ta' spots oħra li ħarġu fil-passat. Dwar il-mistoqsija jekk qattx deher Ministru jew Prim Ministru, qal li kien hemm deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir fejn Ministru tal-Finanzi kien ġie intervistat, bħala spot.

Dr Paul Borg Olivier staqsieh jikkjarifika jekk id-diskrezzjoni kinitx ħarsa lejn il-prattika fil-passat u l-konklużjoni kinitx li dawn l-ispots kienu simili għal dawk ta' qabel. Għal dan l-Inġ. Charles Dalli wieġeb li l-ispots kienu differenti u li għalih l-ispots mhumiex politikament partiġġjani. Mistoqsi dwar l-iskedar tal-ispots hu wieġeb li dawn jixxandru skont id-diskrezzjoni tiegħu u li jkun skedat mix-xandar skont it-talba.

Dr Paul Borg Olivier staqsa jekk l-ispot inkwistjoni kienx hemm talba li jiġi skedat fis-27 u t-28 t'Ottubru 2024. L-Inġ. Charles Dalli wieġeb fil-pożittiv.

Dr Paul Borg Olivier qal li PN qed jittratta fuq numru ta' spots tal-Baġit li dehru bejn is-27 t'Ottubru (qabel il-Baġit) u t-3 ta' Novembru 2024 għax kien qed jilmenta bl-ispots il-ġodda li kienu qed jixxandru. Qal li jirriafferma l-konsiderazzjoni li saret fl-aħħar seduta li se jħalli għad-determinazzjoni tal-Bord u li kif għamel il-Bord meta ddeċieda dwar l-ispots tal-Baġit 2021 ma ħax biss l-ispot per se li kien sar l-ilment imma fil-kumplessività tal-ispots li kienu saru relatati mal-Baġit. Qal li l-ilment kien fil-kumplessività ta' spots li jirrigwardaw il-Baġit u li l-oġġezzjoni hi li jiksru Art. 119 tal-Kostituzzjoni u joħolqu żbilanċ. Qal ukoll li l-Bord għandu diversi spots li ġew imxandra fosthom spot 1 tal-viżwal tal-PM u spot ieħor tas-servizz pubbliku kif ukoll spot 2, 3, 4 u 5. Qal li dwar kontenut ma hemmx dubju li l-ewwel reklam kien wieħed li bl-ebda mod ma jbiegħ il-Baġit jew il-miżuri tiegħu imma huwa reklam tematiku li huwa politiku u li indirizzat lejn ħidma tal-Gvern b'tema prinċipalment politika (slogan). Qal li spots 2 sa 5 ma jirreklamawx miżura waħda u li l-Gvern għamel investiment sabiex jirreklamahom fuq il-midja soċjali. Kompla li l-Gvern qal li b'mod b'saħħtu u fin, b'mod sublimi, iwassal messaġġ li dan il-Baġit iwassal għal ħajja aħjar. Tenna li din hija kampanja tematika u li allura tħalli impatt fuq it-telespettatur. Qal ukoll li reklam minnhom ġie mxandar 6 darbiet wara xulxin kif jidher fuq it-tabella ppreżentata mill-PBS stess. Dan il-hammering joħloq impressjoni f'moħħ it-telespettatur. Irritjena li ebda mir-reklami l-oħrajn ma joħolqu miżura u stieden lill-Bord jara u jikkompara r-reklam li ħareġ fl-2021, li dwaru l-PBS instab ħati ta' żbilanċ,

ma' dawn ir-reklami. Saħaq li dawn l-ispots tal-Baġit 2025 huma ferm iżjed aggravanti. Ġab ukoll eżempju ta' spots oħra informattivi u għamel paragun bejnhom u bejn l-ispots ilmentati. Qal li anqas saħansitra caption li hemm 6 xhur gym b'xejn ma saru fl-ispots, ċioè xhieda ta' kemm ma kinux informattivi iżda politiċi. Qal ukoll li dawn jimmeritaw rimedju.

Dr Mark Vassallo wieġeb li meta l-PBS jirċievi l-ispots kif ilu jsir mill-2006 u probabbli wkoll qabel, dawn ixandarhom sakemm dawn ma jiksrux Artiklu 119. Semma wkoll l-ispots li ntbagħtu għall-approvazzjoni mill-PN u stieden lill-Bord jarahom sabiex jifhem xi jkun reklam politiku partiġġjan. Dwar l-ispots imxandra qal li ma jistax ikun li spots mibgħuta mill-Gvern ma jkunux ikkunsidrati bħala politiċi iżda l-pożizzjoni tal-Awtorità dejjem kienet li min imexxi l-pajjiż għandu d-dritt ixandar dwar il-politika li qed imexxi fuqha. Qal li jikkonċedi li l-PN għandu rimedju jmur quddiem l-Awtorità biex jitlob rimedju. Qal li storikament, dwar reklami tal-Baġit l-Awtorità qatt ma ħarġet direttiva u anke kien hemm deċiżjonijiet tal-Awtorità. Qal li l-poplu għandu d-dritt ikun jaf il-politika tal-Gvern x'inhi. Qal li l-PN missu uża r-rimedju li tagħtih l-Awtorità u mhux imur jagħmel mandat u barra minn hekk il-PN ma użax il-proċedura tal-ilmenti u allura l-PBS ma kellux iċ-ċans iwieġeb għall-ilment. Dwar jekk l-ispots kienu fil-linja ta' dawk li nħarġu fil-passat Dr Mark Vassallo saħaq li fil-passat ixxandru reklami ħafna agħar. Qal li l-PBS m'għandux benchmark imma jafu x'ixxandru fil-passat. Bħala eżempju semma l-kampanja tal-Baġit tal-2013, ftit xhur qabel l-elezzjoni. Dawn kien fihom "għażla responsabbli" li ma kellha x'taqsam xejn mal-Baġit u kienet tag line ftit qabel l-elezzjoni. Għalhekk qal li l-PBS trid tifhem fuq il-preċedent ukoll. Semma li ma jfissirx li dak li ħareġ fil-passat huwa tajjeb iżda li l-paragun li semma Dr Paul Borg Olivier ma kienx floku. Wieġeb għall-materjal informattiv u qal li tniżżel ukoll numru tal-freephone. Rigward l-element tal-kontenut, Dr Mark Vassallo qal li skont il-PBS dan ma kienx jikser Art.119 u li mhix il-mansjoni tal-PBS li joħloq rimedju. Semma li l-PBS għandu kuntratt għax mhux liċenzjat mill-Awtorità tax-Xandir iżda mill-Gvern u għalhekk hemm obbligu ta' xandir tal-PSAs. Qal li infatti l-ispots li bagħat il-PN kien ksur ċar ta' Art.119 u ma xxandarx. Ikkonkluda li l-obbligu tax-xandar huwa li ma jxandarx ksur ta' Art. 119. Qal li filwaqt li din is-sena kienu aktar vagi kif wieħed jista' jgħid li għandu jgħid kif għandha tkun il-metodu ta' produzzjoni. Dr Mark Vassallo qal li l-Awtorità ma kinitx tidħol fil-metodu ta' produzzjoni u kienet deċiżjoni tajba u li l-PBS mhux qed ixandarhom kapriċċożament u fil-liċenzja tal-PBS tobbligah li jxandar dawk il-PSAs.

Dr Paul Borg Olivier irreplika li rigward Artikolu 119, dan ma jitkellimx biss dwar politika partiġġjana iżda wkoll dwar public policy fejn allura japplika bilanċ u ħin adekwat bejn partiti rappreżentati fil-Parlament. Għamel referenza u semma wkoll il-filmat tal-2021 u dwar id-deċiżjonijiet tal-Awtorità u talab li tara dak ir-reklam.

Hawnhekk iċ-Chairman intervjena u wissa li l-Awtorità konxja tad-deċiżjonijiet tagħha stess u għalaq is-smigħ.

Meta l-partijiet ħallew is-smigħ, il-Bord għadda sabiex iqis id-diversi sottomissjonijiet u referenzi mressqa. Ħa wkoll konjizzjoni tal-fatt li x-xandar ma stenniex approvazzjoni mill-Awtorità għax-Xandir ta' ċerti spots meta hekk kien mistenni, kif ukoll iddistingwa bejn dawk l-ispots imxandra qabel u wara l-Baġit.

Il-Bord innota wkoll li f'kull spot kien hemm materjal li ma setax jikklassifika bħala wieħed politiku fl-intier u li dan l-element kien jippreżenta ruħu bil-parteċipazzjoni tal-Prim Ministru li fi spot ilmentat saħansitra deher viżwalment meta dan ma kienx strettament neċessarju għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar il-Baġit. Għalhekk huwa tal-fehma li ġaladarba jiġu inklużi partijiet ta' natura politika jew jingħataw sfumaturi politiċi fi spot, dan ma jistax ma jkunx meqjus bħala spot politiku. Il-Bord iddeċieda li żewġ spots minn tlieta li kienu ttrattati fl-ilment, filwaqt li kienu politiċi għaliex kienu jittrattaw il-Baġit iżda madankollu ma kinux partiġġjani u għaldaqstant il-Bord iħoss li ma kinux jimmeritaw rimedju għal żbilanċ.

Il-Bord innota li huwa l-Gvern li jrid itella' informazzjoni u kampanja dwar il-Baġit li jxandar huwa stess, kif fil-fatt dejjem hekk sar fi snin preċedenti. Din is-sena xxandar spot lejlet il-Baġit biex iħabbar it-tema tal-Baġit 2025, liema spot kellu wkoll il-parteċipazzjoni tal-Prim Ministru. Il-Bord ra l-inklużjoni ta' xi kumment taw lok għal sfumatura politika f'dan l-ispot relatat mal-Baġit u għaldaqstant ħoloq żbilanċ. Għaldaqstant il-Bord iddeċieda li jilqa' dan l-ilment in parti u jagħti rimedju lill-partit lanjant. Madanakollu l-fatt li l-istess partit għamel mandat, liema mandat intlaqa' proviżorjament, dan xekkel il-proċess li kellha tieħu l-Awtorità fi smigħ ta' dan l-ilment. Wara li l-Bord ħa inkunsiderazzjoni kummenti li setgħu kienu politiċi, il-Bord tal-Awtorità se jippermetti lill-partit lanjant rimedju ta' 4 minuti u nofs li jixxandru fuq TVM u TVM+ hekk kif ġej:-

Ħames spots fuq TVM u erba' spots fuq TVM+

Dawn l-ispots għandhom jixxandru qabel l-aħbarijiet tat-8pm u wara l-aħbarijiet tat-8pm u ma jistax jixxandar l-ebda PSA qabel u wara x-xandir ta' dawn l-ispots; u fl-ewwel jum meta jidhru dawn l-ispots, spot minnhom irid jidher ukoll waqt il-break tal-aħbarijiet.

L-ispot ma jistax ikun itwal minn 30 sekonda l-wieħed.

Iridu jiġu identifikati bħala produzzjonijiet tal-PN permezz ta' logo

Il-produzzjoni trid tiġi approvata mill-Awtorità tax-Xandir u trid tkun twieġeb direttament u strettament l-ispot tal-Baġit 2025

Għandhom jibdew jiġu mxandra mhux qabel 3 ijiem minn mindu tiġi mħabbra din id-deċiżjoni u l-ispots iridu jiġu mxandra fuq perjodu ta' jumejn;

Qabel ma jixxandar l-ispot għandha tittella' caption kif ġej : Dan ir-reklam qed jixxandar fuq struzzjonijiet tal-Awtorità tax-Xandir wara ilment tal-PN

Dawn l-ispots se jkunu qed jgħaddu lill-PBS mill-Awtorità tax-Xandir wara li jkunu ġew approvati mill-Awtorità

Il-PBS għandu jobbliga ruħu li jxandar dawn l-ispots minn dik il-ġurnata li jaslu għandu

Intant, skont Artikolu 41 tal-Att dwar ix-Xandir, il-PBS qed jiġi ordnat jaqra dan is-sunt fil-bullettin tal-aħbarijiet ta' TVM u TVM+ sa mhux iktar minn jumejn wara mill-ħruġ ta' din id-deċiżjoni:

> *"L-Awtorità tax-Xandir wara numru ta' seduti ttrattat ilment mill-PN rigward xandir ta' budget spots u laqgħet l-ilment in parti. Fid-dawl ta' dan tat rimedju ta' 4 minuti u nofs ta' xandir ta' spots lill-Partit Nazzjonalista fuq TVM u TVM+, liema spots iridu jittrattaw speċifikament il-Baġit 2025."*

Smigħ 13/14/15/16_24

Ref.: 48/24

30 ta' Novembru 2024

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority Malta